## Il-Belt Vittoriosa tiċċelebra l-patrun tagħha

# FESTA SAN LAWRENZ 2026




Fans have
more friends.
Heineken
Heineken
ORIGINAL
PURE MALT LAGER
EST. 1873
Heineken®

FR JOHN AVELLINO

# Nifirħu mal-Arċipriet tagħna



L-Arċipriet Dun Karm Busuttil *M Juris* f'April li għadda ngħata l-*Gran Croce Pro Piis Meritis* mill-Ordni ta' San Ġwann, fil-preżenza tal-President ta' Malta, Myriam Spiteri Debono u għadd ta' persuni distinti oħra. Kien il-Prinċep Augusto Ruffo di Calabria, Ambaxxatur tal-Ordni ta' San Ġwann għal Malta, li f'isem il-Gran Mastru tal-Ordni, ta dan l-unur lill-Arċipriet.

Il-*Gran Croce Pro Piis Meritis* hi dekorazzjoni li tingħata lill-membri tal-kleru li b'xi mod jew ieħor, bil-ħidma tagħhom taw ġieħ lill-Ordni u seddqu l-għanijiet nobbli tiegħu. Meta jagħti din id-dekorazzjoni l-Ordni jkun qed jagħraf it-tmexxija spiritwali eminenti u s-servizz tant utli ta' saċerdoti li huma qrib l-Ordni. L-Arċipriet Busuttil hu l-ħames saċerdot Malti li ngħata dan l-unur. L-oħrajn huma Mgr Prof Eduardo Coleiro, Fr George Aquilina, Mgr Lawrence Gatt u l-Arċisqof Charles Jude Scicluna.

Kienet lejla emozzjonali u esperjenza unika, mhux biss għall-Arċipriet innifsu, il-familja tiegħu u l-ħafna ħbieb tiegħu li xtaqu jkunu miegħu f'din l-okkażjoni, imma għal kull min attenda. Aħna n-nies tal-Birgu għexna mument ta' ferħ madwar il-kap spiritwali tagħna, Dun Karm, li issa ilu magħna għal dawn l-aħħar snin u li nista' ngħid, sar Vittoriosan bħalna. Sar tassew wieħed minna, li jħobb il-parroċċa li l-Arċisqof afdalu disa' snin ilu u l-knisja maestuża tagħna, li tant hi għal qalbu. Aħna grati lejh, għax kemm ilu magħna ma ddejjaqx jidħol għal għadd ta' proġetti kbar, fosthom il-pittura u r-restawr tal-koppla - li saret b'fondi tiegħu, ir-restawr tal-bradella u l-pedestall tal-istatwa titulari, ir-restawr tal-orgni, tal-pulptu artistiku, ir-restawr tas-saqaf tal-kor, barra xogħol ieħor strutturali li ma jidhirx, bħalma hi s-sistema ġdida tad-dawl tal-knisja kollha u t-tiswija tas-saqaf tal-knisja. Kemm ilu magħna Dun Karm poġġa wkoll il-finanzi tal-parroċċa fis-sod.

Imma fuq kollox aħna grati lejh għax b'qalb kbira u b'viżjoni Evanġelika għaraf imexxi l-komunità tul dawn id-disa' snin, kien qrib dawk li huma vulnerabbli u batuti u ta xhieda ħajja tal-Evanġelju. Hu dan kollu li l-Ordni għaraf meta tah il-Gran *Croce Pro Piis Meritis.* Grazzi Dun Karm. ❐

# Werrej


Nifirħu mal-Arċipriet tagħna 1
Il-messaġġ tal-Arċipriet 3
Il-messaġġ tas-Sindku tal-Birgu 5
Il-messaġġ tal-Pirjol 7
Ħidma bla heda fil-knisja tagħna 9
Messaġġ President Soċjetà Mużikali San Lawrenz 19
Messaġġ Segretarju Soċjetà Mużikali San Lawrenz 21
Sena ta' proġetti u impenn kontinwu fis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz 23
Żewġ Bandisti ġodda 35
Servizzi Banda Vittoriosana San Lawrenz 2026 37
L-Ordni ta' San Ġwann jonora lill-Arċipriet tagħna bil-'Gran Croce Pro Piis Meritis' 39
Il-liedna: tradizzjoni li rridu nkattru u nsaħħu fil-festi tagħna 45
Poeżija: Hilda (RIP 1978) 49
Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna 51
Programm Festa San Lawrenz 2026 53-57
Feast of St Lawrence 2026: Programme of Events 58
Meta t-tmexxija spikkat: għaxar Arċiprieti tal-Kolleġġjata tal-Birgu 59
Ritratt mill-Imgħoddi 73
Armar ġdid u restawr għall-festa 2026 75
Kuraġġ, determinazzjoni u mħabba lejn missierna San Lawrenz 85
Programm tal-logħob tan-nar Festa San Lawrenz 2026 91
It-toroq tal-Belt Vittoriosa: ismijiet u kurżitajiet oħra 95
Messaġġ President Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi 99
"Iż-żgħażagħ huma l-ġejjieni tal-festa" 101
Ġita storika fil-belt twelid San Lawrenz 107
Is-Sacra Infermeria fil-Birgu (1532 - 1565) 111
Attakki mill-ajru fuq il-Birgu bejn l-1940 u l-1941 117
Joining il-Vittoriosani: From Scotland to Birgu 129
It-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni u l-Birgu 133
Inkomplu nieħdu ħsieb il-patrimonju ta' Beltna 139
Meta d-drapp tal-festa kien jintrama f'ġurnata waħda 155
35 sena ta' ħidma fost l-anzjani tal-Birgu 161
Fil-glorja mill-ġdid: il-konservazzjoni u r-restawr tal-pedestall, il-bankun u l-bradella ta' San Lawrenz 165
Raymond Parascandalo: sostenitur kbir tal-festa 173
Giovann Pisani: ġentlom, mużiċista, Lawrenzjan devot 174
Anton Attard: riċerkatur u storiku 175
Mro Paul Schembri: raġel li ddedika ħajtu għall-mużika 176



**PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA SAN LAWRENZ FLIMKIEN MAL-KUMITAT FESTI ESTERNI SAN LAWRENZ U S-SOĊJETÀ MUŻIKALI BANDA SAN LAWRENZ TAL-BELT VITTORIOSA**

**BORD EDITORJALI**
Fr John Avellino
George Agius
Pawlu Micallef

**PRODUZZJONI**
Fr John Avellino
George Agius

**RIKLAMI**
Fr John Avellino
Pawlu Micallef

**GRAFIKA**
Pierre Balzia
René Zammit

**ISSETTJAR**
Fr John Avellino
Pierre Balzia

**QARI TAL-PROVI**
Raymond Muscat
Ruth Muscat
Jean Paul Parascandalo
Marian Zaffarese

**RITRATTI**
Marco Avellino, Pierre Balzia, Melvin Degiorgio, Lawrence Parascandalo, Gabriel Treeby Coleiro

**RITRATT TAL-QOXRA**
Marco Avellino

**STAMPAR**
Gutenberg Press - Ħal Tarxien



**Kumitat Festi Esterni San Lawrenz**
**91 Triq San Lawrenz**
**Il-Birgu BRG 1386**
**Tel: 2182 7057**
**Mob: 9945 3440**
**Email: johnavellino55@gmail.com**



**KAN KAV KARM BUSUTTIL M JURIS -** ARĊIPRIET BELT VITTORIOSA

# "Il-festa tfakkarna f'dawk kollha li ħadmu u stinkaw qabilna"



Għeżież Vittoriosani u sostenituri tal-festa tal-patrun tagħna San Lawrenz. Għall-grazzja ta' Alla, erġajna qegħdin niċċelebraw il-festa f'ġieħ San Lawrenz, li għallimna kif għandna nħobbu lil Ġesù u lill-proxxmu tagħna. Ġesù jgħallimna li m'hemmx imħabba akbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. Hekk għamel San Lawrenz u hekk jagħmel kull min għex l-ideal Nisrani.

Il-Belt Vittoriosa bir-raġun tifraħ, mhux biss għax qed tiċċelebra festa b'tant entużjażmu, iżda wkoll għax il-festa tfakkarna f'dawk kollha li ħadmu u stinkaw qabilna. Grazzi għas-sagrifiċċji tagħhom, illum nistgħu ngawdu dak kollu li ħallewlna. U allura l-festa mhux biss hi ċelebrazzjoni ta' dak li qed nagħmlu llum, imma tfaddan ukoll il-wirt li ħallewlna missirijietna: il-ġmiel ta' armar tal-knisja, it-tiżjin tat-toroq tagħna, u d-daqq tal-marċi mill-Banda tagħna jqanqlu fina l-memorja ta' dawk kollha li taw sehemhom b'sagrifiċċju kbir. Għalhekk din il-festa hija għażiża għalina, għax waqt li qed tiċċelebra, tkun qed tiftakar f'missierek, fin-nannu, fis-saċerdoti, u f'dawk kollha li magħhom kbirt u trabbejt b'tant għożża. Dan huwa ferħ sinċier lejn il-qaddis għażiż tagħna San Lawrenz. Żgur li missirijietna ma għallmuniex biss li nħobbu dak li wara l-festa jerġa' jiżżarma u jintrefa', iżda għallmuna fuq kollox kif ngħixu l-fidi tagħna u nħobbu lil Alla.

Nemmen li l-aktar persuna li bħalissa għandha tkun f'moħħna u f'qalbna hu Ġorġ Agius (L-Għannej tal-Mulej). Kelmtu għadha tidwi f'moħħna u t-taqbila tiegħu għadha tinfed il-qlub u trattab l-irjus. Kien propju l-kliem tiegħu li wassalna biex nifhmu u dejjem nagħrfu l-imħabba tagħna lejn il-Mulej. Tajjeb insemmgħu waħda mill-ħafna kitbiet tiegħu, li bħala Maltin għandna ngħożżu u niftakru fiha. Ġorġ kien jgħid: "Ilsienek qiegħed ġo ħalqek u faħħar bih lil dak li ħalqek." Nitolbu l-Mulej biex, bħal Ġorġ Agius, jurina t-triq ħalli dan il-bniedem għażiż jibqa' xempju ta' dak il-Malti li għex il-fidi tiegħu u rawwimna fl-imħabba u fir-rispett lejn Alla u lejn xulxin. Flimkien ma' Ġorġ, ma nistax ma nsemmix saċerdot ieħor għażiż: il-Kan Dun Ġużepp Caruana, li ta xhieda b'ħajtu u għex l-imħabba u l-karità lejn il-proxxmu—magħġuna f'ħajja ta' talb, servizz u kontemplazzjoni. Hu kien ta' eżempju u ta' dawl għall-Vittoriosani, li għadhom isemmu ismu sal-lum.

Għeżież, ejjew nifirħu u ngħidu grazzi lill-Mulej, għaliex San Lawrenz jurina t-triq il-vera li twassalna biex ngħixu l-ideal tal-fidi tagħna. Huma dawn l-eżempji sbieħ ta' missirijietna li jgħinuna nħarsu 'l quddiem, biex flimkien ngħixu l-ideal Nisrani u nuru rispett lejn dak jew dik li qatgħet lura fis-soċjetà.

Nirringrazzja lil Alla li fil-parroċċa li Hu fdali għandna ħafna elementi pożittivi li jimlewni b'kuraġġ u determinazzjoni. Veru li l-isfidi ma jonqsux, imma flimkien inħarsu 'l quddiem b'fiduċja. B'hekk, is-sens veru Vittoriosan u l-appartenenza tagħna lejn il-parroċċa tal-Birgu jibqgħu dejjem sħiħa u mwettqa. Insellmilkom u nawguralkom il-festa t-tajba! ❐

VENTURA

+356 21677798

venturamalta.com



**JOHN BOXALL - SINDKU TAL-BELT VITTORIOSA**

# In-nuqqas ta' tfal: "Sitwazzjoni li qed tħasseb lil bosta Vittoriosani"

Reġa' wasal iż-żmien li niġi mistieden, biex kif għamilt għal dan l-aħħar tletin sena, bħala Sindku tal-Birgu, nagħmel messaġġ fl-okkażjoni tal-festa f'ġieħ San Lawrenz Levita u Martri.

Matul dawn iż-żminijiet kienu bosta t-temi li ktibt dwarhom fejn naħtaf l-okkażjoni sabiex naqsamhom magħkom u nesprimihom f'dan il-messaġġ. Naturalment mhux fuq l-aspetti reliġjużi, għax mhux il-linja li jien nikteb fuqha, imma fuq l-aspetti ċivili u diversi li jolqtu lill-poplu Vittoriosan.

Matul dawn iż-żminijiet wieħed seta' jinnota kif il-lokalità tal-Birgu bdiet tinbidel minn kull aspett. Kienet lokalità li kif issemmi isimha, wieħed jinġibed lura u kull Vittoriosan kien ikun insultat b'bosta kliem u titli negattivi. Illum il-folja nbidlet u nbidlet mhux ftit! Fejn filli ħadd ma ried jiġi jgħix u jabita f'din il-Belt ta' valur storiku kbir u filli kulħadd ġej, tista' tgħid minn kull rokna, mhux ta' Malta biss imma minn kull pajjiż madwar id-dinja. Dan ma sarx b'kumbinazzjoni u f'ħakka t'għajn, iżda sar għax kull Vittoriosan, mill-kbir saż-żgħir, ried jinqala' minn dik l-istigma ta' mistħija li kellna u mhux mistħoqqa, kemm lil dan il-poplu u wisq aktar lil din il-Belt għażiża. Tajjeb li dan illum jiġi mfakkar lil ġenerazzjoni tal-lum u dawk futura ta' din il-Belt bit-titlu ta' Città Vittoriosa, titlu li ħadet u li ħadd qatt ma jista' jkollu bħalu.

Dawn iż-żminijiet ta' festi huma parti integrali mill-istorja ta' din il-Belt, li tul is-snin rat minn kollox u sa minn dejjem, isimha kien fuq quddiem fl-istorja ta' dan il-pajjiż u li kieku nista' nibqa' sejjer, dan il-messaġġ ma jispiċċa qatt sabiex insemmi dak li l-Birgu għadda minnu.

Imma issa, kawża ta' dak kollu li sar f'dawn l-aħħar żminijiet, f'ħafna fatturi qed jiġi nnutat li din il-Belt aktar hawn ġenerazzjoni anzjana milli żagħżugħa u aktar inkwetanti hu n-nuqqas ta' tfal. Din hija sitwazzjoni li qed tħasseb lil bosta Vittoriosani, fejn qed jaslu għal mistoqsijiet ġeneriċi li m'hemmx risposti għalihom.

Għalhekk il-futur ta' din il-Belt, li qiegħed f'qalb kull Vittoriosan, irridu naħsbu fuqu qabel ikun tard wisq. Nifhem li din is-sitwazzjoni mhix faċli, imma din hija r-realtà. B'dan il-messaġġ jista' jkun li noħloq dibatittu bejn kull wieħed u waħda minna. Dan huwa proprju li rrid u nixtieq jien u li qed nistenna biex din il-Belt tibqa' ħajja mhux matul il-festi, iċ-ċelebrazzjonijiet u l-attivitajiet li jsiru matul is-sena biss, iżda din il-Belt Vittoriosa tkun ħajja f'kull ġurnata tas-sena mill-Vittoriosani stess.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi f'ismi u f'isem il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera, is-Segretarju Eżekuttiv, flimkien mal-*istaff* kollu tal-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-familji tagħhom, nawgura l-festa t-tajba lill-Vittoriosani kollha, speċjalment lil dawk li jinsabu rikoverati f'xi sptar, djar għall-anzjani jew 'il bogħod minn xtutna. ❒






**Għal xogħol preċiż f'minjatura ta' bradelli,**
**brazzi tal-ferro battuto, interzjar u mudelli ta' knejjes.**
**Irrikorru għand Manuel Vassallo**
**Mob : 9947 5003**



**FR AARON ZAHRA OP -** PIRJOL KOMUNITÀ DUMNIKANA

# "San Lawrenz baqa' sod fil-fidi, b'qalb mimlija kuraġġ u fiduċja fil-Mulej"

Għeżież Vittoriosani, il-festa ta' San Lawrenz hija festa li tfakkarna mhux biss fil-glorja ta' dan il-qaddis, iżda wkoll fil-qawwa tax-xhieda Nisranija tiegħu.

San Lawrenz ma kienx sempliċiment djaknu fidil, imma kien martri. Il-martirju tiegħu jfakkarna li l-fidi f'Ġesù Kristu hi don tant kbir li għalih ta' min jagħti kollox, saħansitra ħajtu stess. Quddiem il-persekuzzjoni tal-Imperatur Valerjanu, ma ċediex għall-biża' u lanqas ma ċaħad lil Kristu. Baqa' sod fil-fidi tiegħu, b'qalb mimlija kuraġġ u fiduċja fil-Mulej.

Meta ġie mitlub jurih it-teżori tal-Knisja, San Lawrenz ma ressaqx deheb jew fidda, iżda ġabar quddiemu lill-fqar, lill-morda, lill-għomja, liz-zopop u lil dawk kollha li kienu mwarrbin mis-soċjetà. B'dan il-ġest uman uriena li dawn huma t-teżori veri tal-Knisja. Dan il-messaġġ jibqa' jgħodd illum, daqskemm kien jgħodd meta kien jgħix hu.

Il-martirju mhux biss ifisser it-tixrid tad-demm. Il-martirju hu wkoll ix-xhieda ta' kuljum ta' min jibqa' fidil lejn Kristu permezz tal-imħabba, tal-ħniena, tas-servizz u tal-għotja tiegħu nnifsu. Fid-dinja tal-lum, fejn tant drabi ninsabu mġarrbin mill-indifferenza u mill-egoiżmu, San Lawrenz isejħilna biex inkunu Nsara li ma nibżgħux ngħixu l-Evanġelju b'kuraġġ, speċjalment ma' dawk li huma l-aktar fil-bżonn.

Bħala dixxipli ta' Kristu, nistaqsu lilna nfusna: qed nagħrfu tassew lil Kristu fil-persuni vulnerabbli li niltaqgħu magħhom? Qed nagħmlu spazju għalihom fil-komunitajiet tagħna? Qed inħallu l-eżempju tal-martri jmexxina lejn fidi aktar konkreta u aktar ġeneruża?

Nitolbu biex f'dawn il-jiem ta' festi li niċċelebraw matul ix-xahar ta' Awwissu dejjem inżommu f'moħħna u nitolbu għall-familji kollha, għaż-żgħażagħ, għall-anzjani, għall-morda u għal dawk kollha li b'xi mod jew ieħor, qed ibatu. Jalla bl-eżempju tal-qaddisin nissaħħu fil-fidi u nkunu dejjem aktar xhieda ħajjin tal-imħabba ta' Kristu.

F'isem il-komunità Dumnikana tal-Birgu, nawgura festa qaddisa lill-Vittoriosani kollha. Jalla dawn il-jiem ta' ċelebrazzjonijiet jkunu tassew okkażjoni biex nikbru fil-fidi u nġeddu l-impenn tagħna li ngħixu bħala Nsara awtentiċi, fuq l-eżempji sbieħ tal-qaddisin li aħna niċċelebraw. ❐

## PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES

**Il-parroċċa tagħna qed torganizza pellegrinaġġ għal Lourdes bejn it-30 ta' Settembru u s-7 ta' Ottubru. Titjiriet diretti minn Malta għal Lourdes. Min hu interessat jista' jkellem lil Fr John jew lill-Arċipriet.**

Milia's pharmacy

**Pharmacy is OPEN ALL DAY**
Monday - Friday: 7:30am - 9:30pm
Saturday: 7:30am - 7:00pm

**73, Triq il-Kottonera, Birgu**
**t:** 2760 0126 • **m:** 7740 2324
**w:** www.miliaspharmacy.mt
**e:** info@milias.com.mt

Like Us on Facebook

ANTON GELLEL - SAGRISTAN KNISJA SAN LAWRENZ

# Ħidma bla heda fil-knisja tagħna



Il-knisja parrokkjali tagħna mhijiex sempliċement binja sabiħa u storika, iżda hija d-dar ta' Alla u l-post fejn tiltaqa' l-komunità Nisranija, b'mod speċjali dik Vittoriosana. Għalhekk, il-ħarsien u l-kura ta' dan it-tempju huma espressjoni ta' rispett lejn dan il-post sagru u lejn il-wirt artistiku u storiku li jħaddan. Il-knisja tagħna hija teżor ta' arti, storja u kultura u għalhekk il-konservazzjoni u r-restawr tagħha jiżguraw li dan il-wirt imprezzabbli jibqa' jitgawda. Meta nħares lura, nista' ngħid li din is-sena kienet tassew waħda impenjattiva, iżda fl-istess ħin mimlija sodisfazzjon. Kienet sena ta' ħidma kontinwa, ta' ppjanar, koordinazzjoni u impenn biex il-knisja tagħna tinżamm dejjem f'kundizzjoni xierqa, filwaqt li tkompli tissebbaħ. Dan kollu seta' jitwettaq biss grazzi għall-għajnuna ta' tant voluntiera u benefatturi li b'ġenerożità kbira taw minn ħinhom u minn buthom. U grazzi wkoll għall-Arċipriet tagħna, Dun Karm Busuttil, li dejjem isostni l-ħidma tagħna.

Bħal ma nagħmel ta' kull sena, ser nagħti tagħrif dwar ix-xogħol li wettaqna fil-knisja tagħna mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn. S'intendi l-ħidma pastorali u l-liturġija jibqgħu l-ewwel prijorità u qed nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-knisja tagħna jsiru bl-akbar dinjità. Imma bħal ma għidt diġà, ma' din il-ħidma spiritwali, għandna wkoll l-impenn li nieħdu ħsieb il-patrimonju sagru u storiku li hu fdat f'idejna. Għalhekk, sa minn ftit ġimgħat wara l-festa tas-sena li għaddiet, imbarkajna fuq pjan ambizzjuż ta' ħidma, kemm fejn jidħol ir-restawr u l-manutenzjoni, kif ukoll fit-twettiq ta' opri ġodda.

### *Manutenzjoni*

Fost l-aktar ħidmiet meħtieġa u urġenti li wettaqna matul din is-sena kien hemm il-manutenzjoni tal-bjut tal-knisja, proġett importanti biex inkomplu nħarsu l-binja tagħna mill-effetti tal-elementi naturali u nipprevjenu aktar ħsarat fil-futur. Sar it-tqegħid ta' *membrane* ġdid fuq is-saqaf tal-kursija, filwaqt li fuq il-koppla twettaq xogħol estensiv ta' manutenzjoni minn barra, li kien jinkludi t-tikħil, iż-żebgħa u l-*waterproofing*. Fl-istess waqt saru slielem u *railing* biex filwaqt li titjieb l-aċċessibiltà, tiġi żgurata aktar sigurtà. Qed tiġi nstallata wkoll sistema permanenti ta' dawl biex il-koppla tkun tista' tinxtgħel fil-festi l-kbar ta' matul is-sena. Biex titjieb ukoll l-aċċessibbiltà fuq il-bjut tal-knisja, sar passaġġ tal-ħadid flimkien ma' *railing* protettiv, kif ukoll żewġ bibien għall-kmamar li bnejna ħdejn il-koppla, imfassla u maħduma minn Arthur Demarco.

Proġett ieħor ta' importanza kbira kien it-tkomplija tal-installazzjoni tas-sistema l-ġdida tad-dawl tal-knisja. Wara li fis-snin li għaddew tlesta x-xogħol fil-kor u l-koppla, dis-sena komplejna bit-tieni u t-tielet fażi tal-proġett fil-kappellun tal-Karità u dak tal-Kunċizzjoni. Dan ix-xogħol qed isir taħt id-direzzjoni ta' Arthur Demarco, bl-għajnuna imprezzabbli ta' diversi volontiera. Ix-xogħol tat-tikħil relatat ma' dan il-proġett qed isir minn Mark Micallef, li ħadem ukoll fuq il-manutenzjoni tan-niċċa



*Wieħed mill-passaġġi tal-ħadid, flimkien ma'* railing *protettiv li saru fuq il-bejt tal-knisja*

tal-Madonna tal-Karità u fuq l-artal tal-istess kappellun.

Fl-aħħar xhur twettqu wkoll diversi xogħlijiet oħra ta' manutenzjoni. Sar ħafna xogħol fil-kamra fejn jinħażen parti kbira mill-armar tal-knisja. Dan kien jinkludi tikħil, tibjid u żebgħa tal-aperturi u l-armarji. Kif naħseb innutajtu fl-aħħar xhur neħħejna l-bibien anċillari li kienu qed jaħbu partijiet mill-iskultura artistika tal-bieb prinċipali, kif ukoll tal-bieb tal-ġenb u minflokhom installajna ħsajjar tal-plastik. Ħadna l-opportunità li jinżebagħ il-bieb prinċipali tal-knisja li kien wasal għal dawra sew.

Waqt li konna qed inwettqu xi xogħlijiet fil-kappellun tal-Kunċizzjoni, bl-użu tal-i*spider lift* li nxtara s-sena li għaddiet u li, b'sodisfazzjon nista' ninfurmakom li issa tħallas kollu, inkixef qabar li jinsab f'dan il-kappellun. Ħadna l-opportunità biex dan il-qabar jitnaddaf u jingħalaq b'irħam abjad, biex, jekk fil-futur ikun hemm il-ħtieġa li jerġa' jintuża, dan ikun jista' jsir.

### *Restawr*

Fil-knejjes tagħna nsibu għadd ta' oġġetti u artifatti li saru b'tant imħabba u sagrifiċċji minn missirijietna matul is-sekli. Madankollu, il-mogħdija taż-żmien, flimkien mal-effetti tal-umdità, it-trab, l-użu kontinwu u fatturi ambjentali oħra, jħallu l-marka tagħhom fuqhom. Għalhekk ta' kull sena nippruvaw nagħżlu xi artifatti biex isirulhom interventi ta' konservazzjoni u restawr biex jitwaqqaf id-deterjorament tagħhom u jiġi żgurat li dan il-patrimonju prezzjuż jibqa' jitgawda u mgħoddi lill-ġenerazzjonijiet futuri. Fejn jidħol dan it-tip ta' restawr b'wiċċi minn quddiem nista' ngħid li kienet sena impenjattiva ħafna.

Din is-sena rnexxielna nagħtu dinjità lill-erba' anġli li jintużaw fit-tiżjin tal-kappella tas-Sagrament, billi ġew restawrati u rħamati minn Andrew Bugeja. Dan l-artist Vittoriosan ħa ħsieb jirrestawra volontarjament il-vara ta' Santu Rokku li saret fis-seklu 19 minn Giovanni Darmanin. Ħadna ħsieb ukoll nirrestawraw il-plakkek tal-injam tal-brazzi tal-festa. Dan ix-xogħol sar b'mod volontarju minn Manuel Vassallo, li fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ġimgħa l-Kbira, ħa ħsieb ukoll jirrestawra il-kandilabru tal-Barabba.

Fejn jidħlu artifatti tal-fidda, deheb u ħaġar prezzjuż ħadna ħsieb li nirrestawraw il-kwadru tal-fidda ta' San Alfons Marija



*L-anġli tal-kappella li kienu restawrati u rħamati*



*L-isfera tas-Sagrament 'is-seconda' restawrata*

de Liguori, kif ukoll l-isfera tas-Sagrament imsejħa s-*seconda*. Waqt dan ir-restawr ġiet ingastata brazzuletta tad-deheb li ġiet irregalata minn Saverina u Rita Vella f'isem il-familja Dalmas. Dawn ix-xogħolijiet saru mill-arġentier Joe Aquilina taż-Żejtun, li ħadem ukoll fuq ir-restawr tal-istellarju tal-vara tal Madonna tal-Karità.

Wara li s-sena li għaddiet ġiet irrestawrata l-ikona tal-Madonna tat-Tgħannieqa Ħelwa (Damaxxena), din is-sena, fuq inizjattiva tas-Soċjetà Storiko-Kulturali, ġiet irrestawrata wkoll ir-riża tal-fidda tagħha. Wara r-restawr, din ġiet applikata fuq replika tal-ikona oriġinali. Ir-replika tal-ikona nħadmet minn Prevarti, filwaqt li r-restawr tar-riża twettaq mill-arġentier Deo Cassar taż-Żejtun taħt is-superviżjoni ta' Pierre Bugeja. Matul dan l-intervent inħadmet ukoll raġġiera ġdida tal-fidda biex tieħu post dik tal-metall li kienet tintuża qabel. L-ispiża ta' din ir-raġġiera ġiet koperta mill-fondi tal-Mużew tal-Parroċċa.

Saru wkoll it-tiswija u l-induratura ta' sett ta' sitt kandlieri tas-*seconda* li huma pariġġ dawk tal-prima, li fil-jiem tal-festa jintramaw fuq l-artal tal-Madonna tal-Karità. Dan ix-xogħol sar mill-induratur Roderick Busuttil. Barra minn hekk, dawn il-kandlieri sarulhom platti ġodda tal-*white metal*, maħduma minn Bastjan Aquilina.

Peress li l-kandlieri artistiċi tal-kappella tas-Sagrament jeħtieġu tiswija u restawr estensiv, għall-festa ta' San Lawrenz ta' din is-sena fil-kappella ser jintramaw il-kandlieri li għadhom kif ġew irrestawrati, flimkien ma' dawk tal-prima li normalment jintramaw fuq l-artal tal-Madonna tal-Karità. Irrid ngħid li l-kandlieri artistiċi li s-soltu jintramaw fil-kappella tas-Sagrament diġà ntbagħtu għall-fumigazzjoni u, jekk Alla jrid, fi żmien qasir ser jintbagħtu wkoll għar-restawr. B'rabta mal-kandlieri, ta' min isemmi wkoll li ġew irrestawrati u mnaddfa żewġ settijiet ta' kandlieri tar-ram li jintużaw

# Give your family the protection against Viruses




Charles de Giorgio Limited

25 600 600



*Wieħed minn għadd ta' settijiet ta' kandlieri li kienu restawrati*

matul is-sena fil-kappella tas-Sagrament u fuq l-artal tal-Madonna tal-Karità. Hawn nixtieq nirringrazzja lil ħafna benefatturi li wieġbu għas-sejħa tagħna u taw donazzjoni.

Fost proġetti oħra ta' restawr li twettqu fuq inizjattiva tas-Soċjetà Storiko-Kulturali nsibu r-restawr tal-ġilandra tal-Ewkaristija u l-pedestall tal-istatwa ta' San Ġużepp. Dan ix-xogħol twettaq mill-kumpanija *ReCoop*, filwaqt li l-finanzjament tiegħu ngħata mill-*Bank of Valletta* u mill-*Malta Tourism Authority*. Fuq inizjattiva tal-istess Soċjetà twettaq ukoll ir-restawr ta' tliet volumi ta' dokumenti tal-Inkwiżizzjoni, kif ukoll tal-antifonarju tal-Gran Mastru Pinto. Dwar dawn l-interventi ta' restawr wieħed jista' jaqra aktar fl-artiklu li jinsab f'paġna 139.

Nixtieq infakkar ukoll li matul din is-sena ġie rrestawrat il-baċir tal-Madonna tal-Karità li jinsab esebit fil-Mużew tal-Parroċċa. Dan ix-xogħol twettaq b'mod volontarju minn Anthony Farrugia. F'dan il-proġett taw sehemhom ukoll Charles Debattista, Mario Pellicano, Lorry Callus u Joseph Schembri. Nixtieq nirringrazzja lil George Agius, flimkien mas-Soċjetà Storiko-Kulturali, tal-għajnuna kbira li nsibu mingħandhom kull  meta nitolbuhom.

### *Ilbies u apparat liturġiku*

Matul l-aħħar sena nxtraw jew kienu ordnati diversi pjaneti, kapep, tuniċelli u oħrajn. Fost dawn hemm ix-xiri ta' żewġ pjaneti Gotiċi, waħda bajda u oħra ħamra, maħsuba biex jintużaw fis-solennitajiet. Ġiet mixtrija wkoll pjaneta Rumana ta' lewn aħmar, imżejna b'rakkmu tad-deheb. Bħalissa qed jinħadmu sitt kapep ħomor ġodda li ser jibdew jintużaw waqt il-purċissjoni titulari ta' San Lawrenz, filwaqt li l-kapep tal-imbrokkat ser jibqgħu jintużaw biss waqt l-Għosrien. Il-benefatturi ta' dawn il-kapep huma: Ġużi Zammit, il-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz, il-Grupp tal-Voluntiera tal-knisja, *Mifsud Ironmongery*, Fr John Avellino u waħda li tħallset minn John Attard, Lawrence Farrugia, Noel Gauci u Stefan Gauci. Minn hawn ngħidilhom grazzi mill-qalb.



*Is-sopratvalja rrakkmata għall-artal maġġur, rigal ieħor tal-Arċipriet lill-parroċċa tagħna*

Qed isiru wkoll żewġ tuniċelli rrakkmati ġodda għall-vara titulari ta' San Lawrenz, ibbażati fuq l-istess disinn ta' dawk antiki li fl-imgħoddi kienu jintużaw fil-jiem tan-Novena u meta l-vara kienet tinżamm fin-niċċa. Dawn qed isiru bis-saħħa tal-ġenerożità ta' Lawrence Avellino u Roberta Garzia, li lilhom nesprimu l-apprezzament sinċier tagħna. Inxtrat ukoll umbrella rrakkmata ġdida għall-purċissjonijiet Ewkaristiċi, filwaqt li sar ventaltar vjola ġdid biex jintrama fuq l-artal tal-Kurċifiss matul iż-żmien tar-Randan.

Din is-sena ser tiġi inawgurata wkoll is-sopratvalja rrakkmata għall-artal maġġur, (ara ritratt fuq) maħduma fuq disinn ta' Silvio Pace u mħallsa ġenerożament mill-Arċipriet, il-Kan Dun Karm Busuttil. F'dan il-kuntest nixtieq nesprimi r-ringrazzjament tiegħi lill-Kan David Torpiano għall-għajnuna u l-pariri tiegħu fit-twettiq ta' dan il-proġett.

Nieħu wkoll din l-opportunità biex inrodd ħajr lill-Kummissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li ħadet l-inizjatttiva biex issir terħa rrakkmata għall-artal tal-Kurċifiss. Din inħadmet fuq disinn ta' Silvio Pace u tħallset minn Joseph Schembri. Irridu napprezzaw ukoll il-ħafna opri ġodda li kkummissjonat l-istess Kummissjoni għall-purċissjoni s-Sewda u dik tal-Ġimgħa l-Kbira. Fost dawn insemmi l-brazzi u l-vażuni tal-vara tad-Duluri li toħroġ fil-Purċissjoni s-Sewda, li kienu rregalati minn Disma Attard. Dawn il-proġetti qed ikomplu jkabbru u jsebbħu l-patrimonju artistiku tal-parroċċa marbut maż-żmien tar-Randan, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir.

Biex nippreservaw kemm nistgħu l-istandardi l-antiki, saru tliet stendardi ġodda għall-Fratellanza tas-Sagrament, il-Fratellanza ta' San Ġużepp u l-*Via Sagra*, li se jibdew jinħarġu waqt il-purċissjonijiet. Sar ukoll mill-ġdid id-drapp tal-fjokki tal-lampieri u l-linef, magħmulin mill-bellus u mis-satin, li jagħtu dehra aktar eleganti lill-armar tal-knisja. Qed isiru wkoll erba' standardi biex jintramaw fil-knisja: dawn huma tal-Papa, ta' Malta, tal-Belt Vittoriosa u tal-Kolleġġjata.

Fl-aħħar nett, sar damask ġdid ta' lewn aħmar għan-niċċa tal-istatwa ta' San Lawrenz Jagħti d-Dawl lill-Għomja, li tinżamm fil-Mużew tal-Parroċċa. Dan inħadem mill-membri tal-Kummissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u tħallas mill-fondi tal-Mużew tal-Parroċċa.

### *Opri ġodda*

Ġew skolpiti u ndurati tmien lopop tal-linef ta' kuljum. Ix-xogħol tal-iskultura sar mill-iskultur Joseph Bugeja, filwaqt li l-induratura saret minn Roderick Busuttil. L-istess induratur ħa ħsieb ukoll jindura l-gwarniċ ta' għamla ovali għall-pittura ta' San Tumas More, xogħol tal-artist Edoardo La Francesca, li ġie kkummissjonat u mħallas ġenerożament mill-Arċipriet, il-Kan Dun Karm Busuttil.

Wara li s-sena li għaddiet ġew inawgurati x-xogħlijiet ta' restawr u konservazzjoni tal-pedestall u l-bradella tal-vara titulari ta'



*Il-pittura ta' San Tumas More*

San Lawrenz, din is-sena kompliet issir il-ħidma biex tissebbaħ din il-vara. Għal dan il-għan inħadmu erba' bukketti ġodda tal-ganutell, flimkien ma' girlanda li ddawwar il-pedata tal-vara. Dan ix-xogħol delikat twettaq minn Josette Vella tal-Qrendi u kien possibbli bis-saħħa tal-ġenerożità ta' Noel Castillo, Charlie u Uliana Boxall, Toni u Helen Degiorgio, Anton Collins, u Tony u Doreen Raggio. Inxtraw ukoll żewġ linef: waħda għas-sagristija u l-oħra għat-taraġ tal-Awla Kapitulari, biex ikomplu jsebbħu u jdawlu dawn l-ispazji.

### *Donazzjoni*

Matul il-festa tas-sena li għaddiet, il-parroċċa rċeviet ukoll kalċi bħala rigal mill-familja tal-mibki Dun Ġużepp Caruana. Qabel ma ngħata lill-parroċċa, dan il-kalċi għadda minn restawr professjonali li twettaq mill-arġentier Joe Aquilina taż-Żejtun. Nirringrazzjaw lill-familja Caruana għal dan il-ġest nobbli.

### *Proġetti oħra*

Jekk Alla jrid, fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin ser inkunu għadejjin b'numru ta' proġetti importanti ta' restawr u konservazzjoni, bil-għan li nkomplu nħarsu u nsebbħu l-patrimonju artistiku u reliġjuż tal-parroċċa. Fost dawn hemm ir-restawr tal-kwadru titulari tal-knisja tal-Madonna tal-Karmnu, proġett li ser jitwettaq bl-appoġġ finanzjarju tal-Fondazzjoni Kottonera u ta' Dr Mark Agius. Huwa ppjanat ukoll ir-restawr tal-kappella tad-Damaxxena fl-Oratorju ta' San Ġużepp, grazzi għad-donazzjoni ġeneruża tas-Sinjura Victoria Fontan u t-tħabrik ta' Lawrence Ellul. Bħalissa qed isir ukoll ir-restawr tal-kwadru titulari tal-oratorju ta' San Ġużepp u fil-ġimgħat li ġejjien ser jibda ir-restawr tal-bradella u l-bankun tal-istatwa ta' San Ġużepp, biex dawn l-opri jerġgħu jkunu fil-glorja kollha tagħhom. Hemm ukoll il-possibbiltà li jiġi restawrat il-kwadru ta' Kristu Mejjet, xogħol ta' Stefano Erardi. Nittamaw li, bil-kollaborazzjoni ta' diversi entitajiet, benefatturi u voluntiera, dawn il-proġetti jkunu jistgħu jitwettqu b'suċċess.

### *Ħidma pastorali u kulturali*

Flimkien mal-ħidma ta' manutenzjoni, restawr u tisbiħ tal-patrimonju tagħna, li ma tieqaf qatt, ma nistax ma nsemmix ukoll il-ħidma pastorali u kulturali li saret matul is-sena. Tul dawn l-aħħar xhur ospitajna numru sabiħ ta' kunċerti u korijiet u saru akkademji mużikali u ċerimonji li matulhom ġew inawgurati diversi proġetti importanti. Il-knisja tagħna laqgħet ukoll bosta gruppi ta' pellegrini u turisti minn diversi pajjiżi, li ċċelebraw il-quddiesa jew żaru dan it-tempju storiku u artistiku.Biex intejbu l-komunikazzjoni waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi kien installat mikrofonu ġdid għal fuq l-ambone. Dan ix-xogħol ħadu ħsiebu Arthur Demarco u Stefan Gauci.

Matul iż-żmien tar-Randan u l-Għid, barra l-eżerċizzi tar-Randan li jsiru kull sena, kienu organizzati u ċċelebrati d-diversi manifestazzjonijiet tradizzjonali u devozzjonali, fosthom il-purċissjonijiet


DAIKIN
AIR CONDITIONERS CRAFTED FOR COMFORT
m.a.a.
+356 2385 0400
sales@maa.com.mt
M.A.& A. Services, The Watercourse, Mdina Road,
Zone 2, Central Business District, Birkirkara CBD2010, Malta
maa.com.mt

tal-Misteri, il-pellegrinaġġi tar-Redentur u tal-Madonna tad-Duluri, il-Purċissjoni s-Sewda, il-Vjatku Solenni tal-Għid, kif ukoll il-Barka Solenni fil-Pjazza waqt il-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù.

Fuq livell kulturali, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz, kif ukoll Mro Andrew Lawrence Zarb, tellgħu akkademji mużikali ta' livell għoli li komplew jagħtu ħajja lill-programm kulturali tal-parroċċa. F'April ħadna sehem ukoll fl-attività *Museum by Candlelight*, organizzata minn *Heritage Malta* b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Din l-inizjattiva kienet opportunità oħra biex il-pubbliku seta' japprezza s-sbuħija, il-ġid artistiku u l-istorja tal-knisja u tal-Mużew tal-Parroċċa f'atmosfera unika u suġġestiva.

***Ringrazzjamenti***

Ix-xogħol kollu li jitwettaq matul is-sena hu frott tal-impenn u l-kollaborazzjoni ta' ħafna persuni li, b'imħabba u dedikazzjoni, għandhom għal qalbhom il-ġid tal-parroċċa u tal-knisja tagħna. Għalhekk inħoss li huwa dmir tiegħi li nesprimi r-ringrazzjament sinċier tiegħi lil kull min, b'xi mod jew ieħor, ta sehmu biex dawn il-proġetti setgħu jitwettqu.

Nibda billi nirringrazzja lis-Sindku John Boxall, lill-Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-i*staff* kollu tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, għall-kollaborazzjoni u l-għajnuna kostanti li dejjem sibt mingħandhom.
Ma nistax ma nsemmix ukoll il-grupp ta' voluntiera taħt it-tmexxija ta' Lawrence Ellul, li, b'impenn u b'kortesija kbira, jilqgħu lil dawk kollha li jżuru l-knisja tagħna kuljum, kif ukoll il-Mużew tal-Parroċċa. Huma l-ewwel wiċċ li jiltaqgħu miegħu l-pellegrini u l-viżitaturi, u bis-servizz tagħhom jagħtu xhieda sabiħa tal-ospitalità tal-komunità tagħna.

Ringrazzjament speċjali jmur ukoll lill-voluntiera li matul is-sena kollha jgħinuni fl-armar u fiż-żarmar għad-diversi ċelebrazzjonijiet u attivitajiet. Mingħajr id-disponibbiltà tagħhom, ħafna mix-xogħol li jsir fil-knisja ma jkunx possibbli. Fost dawn nixtieq insemmi lil Mario Bezzina, Evan Cioffi, Henry Mifsud, Charles Gellel, Laurent Mifsud Darmanin, Lawrence Farrugia, Christian Sammut, Joseph Schembri, Anton Collins, Jason Ancilleri, Noel Gauci, John Attard, Lawrence Sullivan, Giovann Raggio u Cameron Cachia. Il-parroċċa tagħna hija mbierka wkoll bi grupp ta' nisa li b'dedikazzjoni kbira jieħdu ħsieb l-indafa tal-knisja tagħna. Doris Gellel, Rita Vella, Rita Cassar u Uliana Boxall matul is-sena kollha jagħmlu ħidma li ħafna drabi ma tidhirx, iżda li hija essenzjali biex id-dar ta' Alla tibqa' dejjem nadifa, dinjituża u mistħoqqa.

Nesprimi wkoll il-gratitudni tiegħi lill-entitajiet kollha tal-festa għall-appoġġ u l-kollaborazzjoni li dejjem sibt mingħandhom. Ringrazzjament mill-qalb imur ukoll lill-mara tiegħi Doris u lil uliedna, li dejjem appoġġawni, fehmuni u qagħdu miegħi f'dan l-impenn li nagħmel b'tant imħabba lejn il-knisja tagħna.

Fl-aħħar, iżda ċertament mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lill-Arċipriet, il-Kan Dun Karm Busuttil, tal-fiduċja li dejjem wera fija u tal-appoġġ tiegħu lejn kull inizjattiva li nieħu għall-ġid tal-parroċċa. Meta jkollok Arċipriet li tassew jemmen fik, tagħmel ħafna xogħol u tagħmlu bil-qalb.Barra li s'intendi, f'isem il-komunità tal-Birgu, nirringrazzjah tal-ġenerożità kbira tiegħu. Nirringrazzja wkoll lil Fr John u lil Fr Stephen, li dejjem sibthom qrib tiegħi, lesti biex jgħinuni u jinkuraġġuni. Ejjew inkomplu naħdmu flimkien, b'għaqda, b'imħabba u bi spirtu ta' servizz, biex inkomplu nieħdu ħsieb dak il-post li tant inħobbu u li aħna nsejħulu t-tieni dar tagħna. Nawgura mill-qalb il-festa t-tajba lill-Vittoriosani kollha. ❐






**ANDREW BUGEJA**

*Għal kull tip ta' xogħol għall-festi, bħal bnadar, bandalori, pavaljuni, skultura u statwi (life size) tal-fiber glass. Nagħmel ukoll kull tip ta' restawr ta' statwi tal-kartapesta*

**Mob: 9950 1755**



**BJORN CALLUS - PRESIDENT SOĊJETÀ MUŻIKALI SAN LAWRENZ**

# Festa, volontarjat u viżjoni: il-qalb li tħaddem is-Soċjetà tagħna



Kemm hu sabiħ dan iż-żmien li matulu niċċelebraw il-festa! Żmien li jlaqqagħna mal-ħbieb, inġeddu l-memorji u fuq kollox ingawdu frott ta' sena ħidma. Żmien fejn dak li nkunu tant ħdimna għalih matul is-sena narawh jimmaterjalizza u allura s-sodisfazzjon li tara l-pjanijiet mill-karta għar-realtà.

Imma wara dan kollu jkun hemm sena ta' ħidma tal-Kumitat u l-Kummissjonijiet tas-Soċjetà. U hawnhekk ma nistax ma nirringrazzjax minn qalbi lill-voluntiera kollha fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Minkejja li l-volontarjat hu sfida ta' kuljum, nemmen li flimkien nagħmlu l-mirakli, speċjalment meta nħares lejn dak kollu li jsir matul is-sena, inkluż is-servizzi tal-Banda. Mis-servizzi għal xogħol ta' manutenzjoni, għal skambji sportivi, għal proġetti infrastrutturali u anke mużikali, kif ukoll għal attivitajiet soċjali. Impenn u attività varjata li jagħmlu lill-Każin tal-Banda ħaj.

Irrid ukoll insemmi d-deċiżjoni li ħa l-Kumitat kmieni din is-sena, dik li jidħol hu għas-servizzi tal-mota tan-novena u tal-għada tal-festa, li jkomplu jiżdiedu mal-Programm Mużikali tas-7 ta' Awwissu, il-marċ tal-anteviġilja u tal-marċ ta' filgħodu, kif ukoll ta' jum il-festa u l-quddiesa tan-novena. Dan sar għaliex il-Każin jemmen bis-sħiħ fil-proġett ambizzjuż ta' maħżen ġdid tal-armar tal-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz, waqt li kompla jsaħħaħ l-imħabba u r-rabta li llum hi bla preċedent mal-festa ta' San Lawrenz.

Ma nistax ma nsemmix ukoll il-ġita Lawrenzjana li għamilna bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz f'Diċembru li għadda fi Huesca u wara Barċellona. Mawra mill-isbaħ b'mumenti indimentikabbli, speċjalment il-programm mużikali li għamlet il-Banda tagħna fil-Bażilika ta' San Lawrenz. Din kienet it-tieni mawra Lawrenzjana u personalment vera nieħu gost nara l-Vittoriosani u Lawrenzjani jattendu bi ħġarhom. U nħares 'il quddiem għal iżjed safriet biex inkomplu ngħollu 'l fuq isem is-Soċjetà tagħna u dak ta' Beltna.

Bdejt dan il-messaġġ b'apprezzament tal-volontarjat preżenti għax hu kruċjali biex għaqda volontarja bħal tagħna tibqa' għaddejja. Imma ma nistax ma nħarisx ukoll lejn il-futur u verament nixtieq li l-Kumitat Ċentrali li jien immexxi jissaħħaħ b'uċuħ ġodda. Nixtieq nara iżjed esperjenza, kif ukoll iżjed enerġija żagħżugħa, biex niżguraw li l-Każin ikollu futur sostenibbli. Jien inħares lejn il-futur b'ottimiżmu, għaliex il-Każin u l-festa ta' San Lawrenz dejjem għarfu jiġġeddu u dejjem instabu persuni li resqu 'l quddiem biex taw il-kontribut tagħhom matul iż-żmien u għalhekk inkomplu noħolmu u nagħmlu l-proġetti, kemm dawn mużikali, kif ukoll ta' tisbiħ fil-Palazz tagħna.

Minn qalbi nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd, b'mod speċjali lill-Vittoriosani li jagħtu ħinhom u qalbhom għall-festa tant għażiża għalina. Viva San Lawrenz. ❐

# Welcome to BeBirgu!



BeBirgu is Birgu's newest place to be! Situated in the completely renovated SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year for drinks and great food served in a European Brasserie setting with a nice lounge style open air patio.

## BeBirgu

jawgura l-festa t-tajba lil kulħadd!

BeBirgu,
San Lawrenz Band Club, Victory Square, Birgu

Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com

**SIMON FARRUGIA -** SEGRETARJU SOĊJETÀ MUŻIKALI SAN LAWRENZ

# L-10 ta' Awwissu: il-ġurnata li hi minquxa f'qalbna



Għeżież ħuti Vittoriosani, Awwissu huwa x-xahar li aħna l-Vittoriosani tant inkunu qed nistennew. Hu x-xahar ta' San Lawrenz, il-festa tal-patrun tal-Belt Rebbieħa. Jum l-10 ta' Awwissu, l-isbaħ ġurnata tas-sena. Il-ġurnata li qatt ma tinbidel u li hija minquxa f'qalbna. Il-ġurnata li kulħadd jaf li hija ta' San Lawrenz.

L-attività f'*Palazzo Huesca* u fi ħdan is-Soċjetà tagħna ma tieqaf xejn. U s-sena li għaddiet kienet waħda oħra impenjattiva għas-Soċjetà, kif ukoll għall-Banda tagħna.

Fil-fatt ir-ritmu tat-tagħlim mużikali kompla jkun wieħed tajjeb ħafna. Tassew għandna għax inħossuna kburin li għal din il-festa ser jingħaqdu mal-Banda tagħna żewġ bandisti ġodda.

Ix-xogħol f'*Palazzo Huesca* ma waqafx, b'diversi proġetti li kienu konklużi, proġetti oħra li għaddejjin bħalissa u proġetti oħra li huma ppjanati għax-xhur li ġejjin. Imma għal aktar informazzjoni hemm sezzjoni f'din il-pubblikazzjoni ddedikata speċifikament għal dan.

Ta' sodisfazzjon kbir huwa li s-Sala tal-*Billiard* kompliet tikber fl-attività tagħha, tant li bħala Kumitat komplejna ninvestu u lesti li nkomplu nagħmlu aktar għall-benefiċċju tal-membri tas-Soċjetà li jħobbu din il-logħba.

Fi tmiem is-sena li għaddiet ħarġet l-offerta għall-kiri tal-bar u r-ristorant tal-Każin. Din saret permezz ta' sejħa pubblika, fejn wara l-proċess ta' evalwazzjoni, il-kuntratt il-ġdid ingħata lil *BeBirgu* għall-ħames snin li ġejjin.

U f'Diċembru li għadda għat-tmien darba fl-istorja, il-Banda tagħna daqqet barra minn xtutna, meta din id-darba n-noti mużikali tal-Banda tal-Birgu paxxew it-toroq tal-belt Spanjola ta' Huesca, il-Belt nattiva ta' San Lawrenz. Grati immens lejn il-poplu Vittoriosan li kkonkorra bi ħġaru wara l-Banda tal-Birgu.

Lokalment kienu kkonfermati prattikament is-servizzi kollha, ħlief li tlifna dak tal-Kalkara, iżda hu ta' sodisfazzjon li dan ġie sostitwit b'servizz ta' preġju fil-gżira Għawdxija fil-festa kbira li ssir fix-Xagħra ta' Marija Bambina.

Iżda l-qofol jibqa' bħal dejjem il-festi marbuta mal-patrun ta' Beltna u s-Soċjetà tagħna San Lawrenz, fejn f'dawn il-ġranet tant għall-qalb il-Vittoriosani kollha, il-Banda tkun attiva b'diversi servizzi li jilħqu l-qofol tagħhom nhar is-7 ta' Awwissu bil-Programm *Vittoriosa in Festa*, fejn din is-sena se jkun wieħed speċjali u mhux ta' min jitilfu.

Ejjew nifirħu bit-tajjeb li għandna, ejjew inkomplu nibnu u naħdmu flimkien, l-entitajiet kollha tal-festa, biex inkomplu nagħmlu festa denja lill-patrun tagħna San Lawrenz. Nieħu din l-okkażjoni biex minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Il-festa tagħmel minna lkoll familja waħda. ❐

GRAND HARBOUR MARINA
VITTORIOSA * MALTA



## SERVICE STANDARDS TO MATCH THE FINEST YACHTS AND THEIR MOST DISCERNING OWNERS

**With berthing for yachts and superyachts up to 140m alongside (100m stern-to), Grand Harbour Marina offers internationally renowned Camper & Nicholsons' excellence, as well as comprehensive vessel support and top quality service and reassurance to yacht owners year round.**

The highest level of facilities and services ensure that visitor and berth owner' needs are met in full, providing the best possible experience. Our knowledgeable local staff are always on hand to advise on anything, from reserving a dry dock to finding the best local bar for a relaxing drink.

The marina is sheltered and secure, with 24-hour CCTV and security patrols to ensure privacy and discretion. Essential operational services such as electricity, water, fuel, wi-fi, cable TV and grey and black water pump-out are all provided at the marina and berthing assistance is available 24 hours a day.

*"Thanks again for all your assistance during our stay not only in GHM, but in the whole of Malta. Your expertise and tireless efforts are an asset the marina should be proud of. It would be nearly boring without you." – Captain Otto Linzel, M/Y Axioma*

Email info@ghm.com.mt or call +356 21 800 700 for more information.

WWW.CNMARINAS.COM/GHM

Camper & Nicholsons
YACHTING SINCE 1782
MARINAS

**ADRIAN VELLA -** ASSISTENT SEGRETARJU SOĊJETÀ MUŻIKALI SAN LAWRENZ

# Sena ta' proġetti u impenn kontinwu fis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz



Il-frott tal-impenn u d-dedikazzjoni dejjem jispikka maż-żmien u dan jidher b'mod ċar meta nħarsu lura lejn is-sena li għaddiet. Kienet sena tassew impenjattiva għas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, mimlija inizjattivi, ħidma kontinwa u kisbiet li jixhdu l-viżjoni u l-għaqal ta' dawk kollha involuti. B'determinazzjoni u sens qawwi ta' responsabbiltà lejn il-wirt tagħna, is-Soċjetà kompliet tinvesti fil-preservazzjoni u t-tisħiħ ta' *Palazzo Huesca*, biex dan jibqa' mhux biss simbolu ta' identità, iżda wkoll spazju ħaj għall-komunità.

Fl-istess waqt, ma naqsitx l-attenzjoni lejn l-iżvilupp mużikali, li jibqa' fil-qalba tal-missjoni tas-Soċjetà. Permezz ta' ħidma kostanti u impenn kontinwu, komplew jitrawmu talenti ġodda u jissaħħaħ il-livell, biex il-wirt mużikali jibqa' jikber. Dan il-bilanċ bejn il-ħarsien tal-patrimonju u l-promozzjoni tal-mużika jkompli jagħti direzzjoni ċara u soda ta' fejn is-Soċjetà tixtieq tasal.

### *Proġetti*

Matul din is-sena, il-Każin, kif għandu jkun, kompla jwettaq għadd ta' inizjattivi u interventi utli, li komplew isaħħu kemm il-faċilitajiet, kif ukoll il-patrimonju kbir tas-Soċjetà. Fost dawn insemmu l-libretti l-ġodda tal-marċi brijużi, sett ġdid ta' standardi għall-użu matul is-sena, li saru fuq inizjattiva ta' Noel Gauci, biċ-ċfuf tagħhom isiru minn Albert Borda. Saru wkoll erba' bnadar ġodda fuq tfassil u ħjata ta' Doris u Toni Callus.

Wieħed ma jistax ma jsemmix il-proġett tas-Sala tal-Kunċerti, li kien iffinanzjat mill-*Community Development and Innovation Scheme*, amministrata mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, fejn dan il-proġett kien jinkludi l-installazzjoni ta' sistema ta' *sound* professjonali. Fl-istess Sala, permezz tal-istess skema, tqiegħed ukoll *parquet* ġdid, waqt li l-istess intervent sar fil-kamra tal-Kumitat, flimkien ma' mejda u siġġijiet ġodda. Kien irrestawrat ukoll il-*fireplace* storiku minn Anthony Farrugia.

Fil-bidu tas-sena nbidel ukoll il-pannu taż-żewġ imwejjed tal-*billiards*, kif ukoll qed isir ir-restawr ta' diversi bankijiet ta' din is-sala.

Matul is-sena sar ukoll xogħol ta' żebgħa f'diversi partijiet tal-każin, bħat-taraġ ta' wara, u fuq inizjattiva ta' Noel Gauci komplew isiru l-purtieri ġodda għal matul is-sena biex b'hekk *Palazzo Huesca* kompla jissebbaħ.

Is-Soċjetà kompliet tinvesti wkoll fit-tagħlim u l-formazzjoni taż-żgħażagħ permezz tal-iskema 'It-Taħriġ Mużikali għaż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda' offruta mill-Aġenzija Żgħażagħ. Hekk qed insaħħu l-programmi edukattivi offruti lill-istudenti tal-*Vittoriosa Kids Music Centre.*

Wara snin ta' stennija, fl-aħħar beda x-xogħol fuq il-proġett tal-lift, wara li s-Soċjetà kisbet fondi mill-Fondazzjoni Kottonera.


NEXOS
LIGHTING AND VIDEO
BUILDING
EXTRAORDINARY
THINGS TOGETHER
CORPORATE EXHIBITIONS
WEDDINGS
CONCERTS
THEATRE
FILMS
NEXOS
LIGHTING AND VIDEO
Professional AV solutions & setups
for all occasions
+356 79800155
+356 21800144

Bħalissa għaddej il-bini ta' kamra fuq il-bejt li se tintuża bħala faċilitajiet sanitarji. Din il-parti tal-proġett qed tkun parzjalment finanzjata mill-iskema Festi Inklussivi. Hu ppjanat li f'Novembru jitkompla x-xogħol bl-installazzjoni tal-lift biex il-proġett jitlesta u jibda jintuża. Dan l-investiment se jwassal għal titjib sostanzjali fl-aċċessibiltà tal-każin.

Matul din is-sena s-Soċjetà rnexxielha wkoll tikseb fondi għall-proġett ta' restawr tal-bitħa permezz tal-*Community Support Scheme.* Proġett ieħor li għandha s-Soċjetà fuq bażi mużikali hu dak tal-'Konkors tal-Marċi Funebri', wara li kisbet finanzjament mill-iskema 'Wirt Artistiku' tal-Kunsill Malti tal-Arti.

Sfida oħra li kellna nindirizzaw matul din is-sena kienet il-planċier. Wara l-proġett ta' tisbiħ tal-Pjazza, kien meħtieġ li jsiru xi aġġustamenti żgħar biex jiġi żgurat li waqt l-armar ma jinqalgħux problemi ta' livellar. Fl-istess waqt, ittieħed kejl preċiż fid-dawl taz-zokklatura l-ġdida li trid issir. Hu mistenni li sal-festa ta' din is-sena tkun tlestiet parti mill-wiċċ il-ġdid. Sadanittant, il-Kumitat qed jaħdem bla waqfien biex jinstab maħżen adegwat għall-planċier, peress li dak preżenti ma jistax jibqa' jintuża.

Bħalissa għaddej ukoll ix-xogħol fuq pavaljun artistiku tal-bellus, imżejjen b'disinn irrakkmat bid-deheb, li se jintrama fil-gallarija tal-faċċata tal-każin matul il-ġranet tal-festa. Id-disinn ta' dan il-pavaljun huwa xogħol Silvio Pace.

### *Ġunju 2025*

Il-Ħadd, 15 ta' Ġunju, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem fil-purċissjoni li wasslet lit-tfal tal-Ewwel Tqarbina miċ-Ċentru tad-Duttrina sal-knisja parrokkjali. Is-Sibt, 21 ta' Ġunju, bandisti mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz daqqew fanfara waqt il-purċissjoni ta' *Corpus Domini* organizzata mill-komunità Dumnikana, waqt li l-għada l-Ħadd, il-Banda tagħna tat servizz fir-Rabat, Malta, għall-festa ta' *Corpus Domini*. Il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, il-Banda ħadet sehem fil-purċissjoni tal- Qalb ta' Ġesù fil-parroċċa tagħna. Is-Sibt, 28 ta' Ġunju, il-Banda tagħna tat servizz fil-festa tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija  f'Burmarrad, b'marċ qasir u wara programm mużikali fuq iz-zuntier tal-knisja, taħt id-direzzjoni ta' Mro Jonathan Abela.

### *Lulju 2025*

Il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju, membri mill-Kumitat attendew għall-Programm Mużikali mtella' mill-Banda San Ġużepp fil-Kalkara, waqt li t-Tlieta, 15 ta' Lulju, membri mill-Kumitat attendew għall-Programm Mużikali mtella' mill-Banda Sagra Familja fil-Kalkara.

Is-Sibt, 19 ta' Lulju, membri mill-Kumitat attendew għar-riċeviment organizzat mill-Banda *Queen Victoria* fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq.

Il-Ħadd, 20 ta' Lulju, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet servizz fil-Kalkara fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp. Wara marċ qasir, akkumpanjat il-ħruġ tal-purċissjoni u wara tat programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Jonathan Abela.

Il-Ħamis 24 ta' Lulju, il-Banda tat servizz ta' marċi brijużi fiż-Żurrieq fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu, waqt li l-Ħadd, 27 ta' Lulju, il-Banda għamlet programm mużikali fil-pjazza ewlenija ta' Raħal Ġdid għall-festa ta' Kristu Re.

It-Tlieta, 29 ta' Lulju, membri mill-Kumitat attendew għall-Programm Mużikali '*Laudate Pueri*' mtella' mill-Orkestra Levita Martri fil-parroċċa ta' San Lawrenz fl-okkażjoni tal-1800 mit-twelid ta' San Lawrenz. L-għada membri mill-Kumitat attendew għall-quddiesa tal-Aħħar Erbgħa ta' San Lawrenz, kif ukoll għaċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-bradella u l-pedestall


DON BERTO
PIZZA • PASTA • GRILL
Birgu Waterfront • 21 808 008 / 79 808 008 • Info@donberto.com • www.dontberto.com



tal-istatwa titulari ta' San Lawrenz, li kienu rrestawrati.

Il-Ħamis, 31 ta' Lulju, sar l-ewwel servizz tal-Banda fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Lawrenz. Il-Banda daqqet l-innijiet waqt il-ħruġ l-istatwa ta' San Lawrenz u wara sar il-marċ tradizzjonali tal-Mota tan-Novena.

### *Awwissu 2025*

Il-Ġimgħa, 1 ta' Awwissu, l-allievi u l-bandisti tal-post animaw il-quddiesa tan-Novena u wara l-Banda għamlet marċ għall-Festa Tfal bl-istatwa ta' San Lawrenz.

Il-Ħadd, 3 ta' Awwissu, sar ir-riċeviment tal-festa f'*Palazzo Huesca* għall-mistiedna distinti, membri u benefatturi tas-Soċjetà, waqt li t-Tlieta, 5 ta' Awwissu saret l-ikla tal-festa organizzata mis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz fil-*Old City Pub and Restaurant.*

Il-Ħamis, 7 ta' Awwissu, imbagħad, il-Banda Vittoriosa San Lawrenz għamlet marċ tul Triq il-Mina l-Kbira sal-Pjazza tal-Belt Vittoriosa fejn esegwit b'tant suċċess il-kunċert *Vittoriosa in Festa* bit-tema '*Nostalgia*'.

Il-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu, il-Banda tagħna akkumpanjat bil-marċi brijużi l-istatwa ta' San Lawrenz Jagħti d-Dawl lill-Għomja sat-tlugħ tiegħu fuq il-kolonna. L-għada s-Sibt, lejlet il-festa, il-Kummissjoni Banda organizzat *buffet breakfast* għall-bandisti, membri u partitarji tas-Soċjetà u aktar tard għamlet il-marċ tradizzjonali tat-*Te Deum* fost il-briju tal-partitarji Palmiżi. Wara għal *The Red Vide* fil-bitħa tal-każin.

Il-Ħadd, 10 ta' Awwissu 2025, Jum San Lawrenz, il-Banda tagħna għamlet marċ madwar it-toroq tal-Belt Vittoriosa. Kif il-marċ wasal fil-Pjazza l-entitajiet tal-festa qiegħdu kuruni tar-rand quddiem l-istatwa ta' San Lawrenz. Wara l-membri tal-kumitat attendew għall-Pontifikal Solenni fil-Kolleġġjata tal-Birgu.

It-Tnejn, 11 ta' Awwissu, il-Banda


Mallia™ Senses
legrand®
Elegant Finishes.
Everyday Functionality.
Tailored to complete your
space with a touch of refined style.
Other Ranges
Belanko™ S
GALION™
ARTEOR™
INCARA™
Synergy™
ess
+356 2125 5777
hello@ess.com.mt
ess.com.mt
Zone 4, Central Business District, Triq San Gwakkin, Birkirkara, CBD 4030



*Il-Prof Dante Cerilli jippreżenta kopja tal-ktieb dwar il-kompożitur Angelo Melilli lill-President Callus*

akkumpanjat l-istatwa ta' San Lawrenz Jagħti d-Dawl lill-Għomja fil-marċ tradizzjonali tal-għada tal-festa.

Is-Sibt, 23 ta' Awwissu 2025, membri mill-Kumitat attendew għar-riċeviment tal-*Banda Prince of Wales Own* fl-okkażjoni tal-festa ta' San Duminku fil-Birgu.

### *Settembru 2025*

It-Tnejn, 1 ta' Settembru, membri tal-Kumitat attendew għar-riċeviment mogħti mill-Banda *La Vincitrice* tal-Isla fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina. Imbagħad il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, attendejna għall-kunċert vokali u strumentali organizzat mill-istess banda.

Is-Sibt, 6 ta' Settembru, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet marċ flimkien mal-Banda *Prince of Wales Own* mat-toroq tal-Birgu, waqt l-attività minn Pjazza għal Pjazza.

It-Tnejn, 8 ta' Settembru, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet servizz mużikali ieħor fil-festa ta' Marija Bambina fl-Isla. Il-Banda akkumpanjat il-purċissjoni mix-Xatt tal-Isla sad-dħul tagħha fil-Bażilika tal-Isla.

Il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru, saret ikla fil-Każin għal dawk kollha b'xi mod jew kienu ta' sostenn u għajnuna fil-ġranet tal-festa.

Is-Sibt, 20 ta' Settembru, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet servizz mużikali fl-okkażjoni tal-festa ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop.

### *Ottubru 2025*

Il-Ħadd, 5 ta' Ottubru, il-Banda tagħna daqqet mill-faċċata ta' *Palazzo Huesca* waqt il-programm Bonġu Malta, imxandar dirett fuq l-istazzjon nazzjonali.

Il-Ġimgħa, 9 u s-Sibt, 10 ta' Ottubru, is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz ħadet ħsieb ittella' żewġ bottegini ta' ikel u xorb waqt il-BirguFest.

Is-Sibt, 25 ta' Ottubru, fis-Sala Lawrence V Farrugia ta' *Palazzo Huesca*, saret it-tnedija tal-ktieb tal-Professur Taljan Dante Cerilli dwar il-kompożitur Sqalli Angelo Melilli. Matul din is-serata mużiko-letterarja,

Kunsill Lokali Birgu

**Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera,
is-Segretarju Eżekuttiv,
l-istaff klerikali u l-impjegati kollha,
flimkien mal-familji tagħhom,
jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd**



il-Banda tagħna daqqet siltiet ta' mużika mir-repertorju tas-Surmast Melilli.

### *Novembru 2025*

It-Tlieta, 4 ta' Novembru, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz sellmet lis-Sur Giovann Pisani, eks Arkivista, eks Bandist u Bandist Propjetarju tal-Banda tagħna permezz ta' korteo funebri minn Triq il-Mina l-Kbira sal-knisja Kolleġġjata ta' San Lawrenz. Waqt il-korteo saret waqfa quddiem *Palazzo Huesca* fejn ingħatat tislima xierqa lill-persuna li ta ħafna lis-Soċjetà tagħna.

Is-Sibt, 15 ta' Novembru, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz, flimkien mal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, sellmu lill-eks Surmast tagħhom, Mro Paul Schembri, billi akkumpanjaw il-korteo funebri minn Triq Wesgħet il-Vittma tal-Gwerra, Ħal Luqa, sal-parroċċa ta' Sant'Andrija, fejn saret il-quddiesa *presente cadavere*.

Is-Sibt, 22 ta' Novembru, ħadna sehem fil-quddiesa li saret fil-Konkatidral ta' San Ġwann, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja u fil-marċ mat-toroq tal-Belt Valletta.

### *Diċembru 2025*

Il-Ħamis, 11 ta' Diċembru, il-Banda tagħna, flimkien ma' grupp sabiħ ta' devoti ta' San Lawrenz, telqet lejn Spanja għal ġita oħra memorabbli li saret fi tmiem il-festi li saru matul is-sena biex ifakkru l-1800 sena mit-twelid ta' San Lawrenz.

L-għada l-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tellgħet kunċert fil-Bażilika ta' San Lawrenz fi Huesca, il-post fejn twieled il-patrun tagħna San Lawrenz. Wara, il-membri tal-Kumitat, flimkien mas-Sindku u l-Arċipriet, iltaqgħu mas-Sindku u l-membri tal-Kunsill ta' Huesca. Is-Sibt imbagħad, 13 ta' Diċembru, il-Banda għamlet marċ mat-toroq ta' Huesca fi Spanja, waqt li l-Ħadd u t-Tnejn ta' wara, il-ġita fi Spanja kompliet f'Barċellona.

Is-Sibt, 20 ta' Diċembru, il-Banda tagħna daqqet fil-*Christmas Village* f'Ħal Lija. Filgħaxija ttellgħet l-Ikla Grandjuża tal-Milied għall-membri u l-partitarji u ħbieb tas-Soċjetà.

It-Tlieta, 23 ta' Diċembru, l-aljievi flimkien mal-bandisti tal-post tellgħu l-Kunċert tal-Milied fil-knisja parrokkjali. L-għada l-Erbgħa, lejlet il-Milied, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz akkumpanjat il-purċissjoni tal-Bambin organizzata miċ-Ċentru tal-Katekiżmu.

### *Jannar 2026*

Is-Sibt, 10 ta' Jannar, membri tal-Kumitat attendew għar-riċeviment annwali organizzat mill-Eżekuttiv tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, li sar fis-sede tal-Għaqda Mużikali San Leonardu f'Ħal Kirkop.

Il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar, membri mill-Kumitat attendew għaċ-Ċerimonja ta' tifkira li tfakkar lill-Vittoriosani li tilfu ħajjithom waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Sar it-tqegħid tal-kuruna f'isem is-Soċjetà fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra.

Il-Ħadd, 18 ta' Jannar, il-Kumitat attenda għall-pontifikal solenni li ġab fi tmiemhom il-festi ċentinarji fl-okkażjoni tal-1800 sena mit-twelid ta' San Lawrenz.

### *Frar 2026*

Il-Ħadd, 1 ta' Frar, membri mill-Kumitat attendew għar-riċeviment fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl fil-Belt Valletta organizzat mis-*Società Filarmonica Nazionale La Valette*, waqt li s-Sibt 7 ta' Frar, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz kienet mistiedna tagħmel marċ fis-sede tas-*Società Filarmonica Nazionale La Valette*, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl.

### *Marzu 2026*

Il-Ġimgħa, 6 ta' Marzu, il-President u s-Segretarju attendew għal-Laqgħa




bov.com

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-MFSA, liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).

BOV
Bank of Valletta

Ġenerali tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, waqt li s-Sibt, 7 ta' Marzu, saret laqgħa għall-ġenituri tal-aljievi.

Is-Sibt, 7 u l-Ħadd 8 ta' Marzu, ittellgħet wirja fil-Palazz Verdala bl-isem 'Kwareżima', fejn ipparteċipajna b'xi statwi tal-Ġetsemani.

Il-Ħadd 15 ta' Marzu, saret il-Laqgħa Ġenerali Mista fejn ġie ppreżentat ir-Rapport Amministrattiv u dak Finanzjarju.

***April 2026***

L-Erbgħa, 1 ta' April, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem fil-Purċissjoni s-Sewda li ssir fil-parroċċa tagħna, waqt li nhar il-Ġimgħa Mqaddsa, filgħodu saret preżentazzjoni ta' marċ funebri minn Dr Andrew Mercieca, iben il-Belt Rebbieħa, lis-Soċjetà. Dan il-marċ hu ddedikat lill-familjari mejtin ta' Dr Mercieca u hu kompożizzjoni ta' Mro Etienne Spiteri. Waranofsinhar il-Banda ħadet sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, bi programm ta' marċi funebri fil-Pjazza tal-Birgu u wara akkumpanjat il-purċissjoni sad-dħul tagħha fil-knisja.

Il-Ħadd, 5 ta' April, Ħadd il-Għid, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għal darb'oħra ferrħet lill-poplu bid-daqq tal-valzi u l-marċi ferrieħa waqt il-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt.

Il-Ġimgħa, 24 ta' April, saret l-*Awards Ceremony* tal-*Community Support Scheme* mill-*Malta Council for the Voluntary Sector* (*MCVS*), fejn is-Soċjetà kisbet b'suċċess fondi biex tiġi restawrata l-bitħa ta' *Palazzo Huesca*. Is-Sibt, 25 ta' April 2026, is-*St Lawrence Band Club Vittoriosa Snooker Team* ħa sehem fi skambju sportiv tas-*snooker* ma' Għajnsielem, Għawdex, fejn ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 8–6.

***Mejju 2026***

Is-Sibt, 8 ta' Mejju 2026, tkompla l-iskambju tas-*snooker* meta t-tim tagħna laqa' lit-tim t'Għajnsielem fis-sala tas-*snooker* tagħna.

Is-Sibt, 23 ta' Mejju 2026, saret ikla mill-entitajiet kollha tal-festa fil-*Youth Centre* fl-okkażjonital-Ewwel Erbgħa. It-Tlieta, imbagħad, 26 ta' Mejju, organizzajna *Red Gathering* fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-festi ta' San Lawrenz. ❐



*Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tesegwixxi marċi funebri fil-Pjazza qabel ma akkumpanjat il-purċissjoni*


The new
Kia Picanto.
Movement that inspires
7 YEAR WARRANTY
QUALITY REDEFINED

# Żewġ bandisti ġodda mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz



Fuq wara: Bilwieqfa mix-xellug għal-lemin:
Luke Caruana *(trumpet)* u Loran Gauci (*althorn*)

Fuq quddiem: Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin: Garison Bonnici (Għalliem tal-istrumenti tar-ram), Mro Jonathan Abela (Surmast Direttur), Rene Barbara (Għalliem tal-istrumenti tar-ram), Roberta Pisani Mercieca (Għalliema Kids Club).


VITTORIOSA IN FESTA
2026
THE SOLOIST
A SPECTACULAR MUSICAL CONCERT
FEATURING
The Italian
LUIGI
ACCOMPANIED BY
LORENZO
ST LAWRENCE BAND
UNDER THE BATON OF MRO. JONATHAN ABELA
07.08.2026 | VITTORIOSA MAIN SQUARE | 21.00

# Banda Vittoriosana San Lawrenz
# Servizzi 2026



| DATA | FESTA / OKKAŻJONI | LOKALITÀ |
|---|---|---|
| 07/02/2026 | San Pawl | Il-Belt Valletta |
| 01/04/2026 | Fanfara Purċissjoni s-Sewda | Il-Birgu |
| 03/04/2026 | Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | Il-Birgu |
| 05/04/2026 | L-Għid il-Kbir | Il-Birgu |
| 31/05/2026 | L-Ewwel Tqarbina | Il-Birgu |
| 06/06/2026 | Fanfara Corpus | Il-Birgu |
| 12/06/2026 | Purċissjoni tal-Qalb ta’ Ġesù | Il-Birgu |
| 27/06/2026 | Qalb bla Tebgħa ta’ Marija | Burmarrad |
| 03/07/2026 | San Pawl | Ir-Rabat |
| 23/07/2026 | Madonna tal-Karmnu | Iż-Żurrieq |
| 26/07/2025 | Kristu Re | Raħal Ġdid |
| 31/07/2026 | Marċ tal-Mota | Il-Birgu |
| 01/08/26 | Festa tat-Tfal | Il-Birgu |
| 01/08/2026 | Quddiesa tan-Novena | Il-Birgu |
| 07/08/2026 | Vittoriosa in Festa | Il-Birgu |
| 08/08/2026 | Anteviġilja | Il-Birgu |
| 09/08/2026 | Marċ tat-Te Deum | Il-Birgu |
| 10/08/2026 | Jum il-Festa | Il-Birgu |
| 11/08/2026 | L-Għada tal-Festa | Il-Birgu |
| 05/09/2026 | Marija Bambina | Ix-Xagħra, Għawdex |
| 08/09/2026 | Marija Bambina | L-Isla |
| 19/09/2026 | San Leonardu | Ħal Kirkop |
| 11/12/2026 | Programm tal-Milied | Il-Birgu |
| 24/12/2026 | Purċissjoni ta’ Lejlet il-Milied | Il-Birgu |


Refresh
to recharge.
Time for a
Coca-Cola
© 2026 The Coca-Cola Company

**ANGELE** - SEGRETARJA PARROĊĊA SAN LAWRENZ

# L-Ordni ta' San Ġwann jonora lill-Arċipriet tagħna bil-'Gran Croce Pro Piis Meritis'

"Se nkompli naħdem, kif ippruvajt nagħmel s'issa, biex nibni fuq dak li ġie fdat f'idi, bil-kwiet, b'lealtà u b'perseveranza. Inwiegħed li nagħmel l-almu tiegħi fil-qadi ta' Alla u tal-poplu tiegħu, konxju mil-limitazzjonijiet umani tiegħi, imma msaħħaħ bil-grazzja li ssostni kull ħidma tajba u vera.

"U nagħmel dan bil-konvinzjoni sħiħa li m'iniex miexi waħdi. B'id Alla fuqi, naf li xejn mhu impossibbli meta jsir skont ir-rieda Tiegħu. Anki f'mumenti ta' diffikultà jew inċertezza, naf li Hu se jmexxi l-passi tiegħi u jagħti s-saħħa fejn jien dgħajjef u d-dawl fejn it-triq tidher imċajpra."

Hekk sostna Dun Karm Busuttil, l-Arċipriet tal-parroċċa tagħna, wara li rċieva l-*Gran Croce Pro Piis Meritis* mill-Prinċep Augusto Ruffo di Calabria, Ambaxxatur tal-Ordni ta' San Ġwann għal Malta, nhar l-Erbgħa, 22 ta' April 2026, fil-knisja Kolleġġjata ta' San Lawrenz. Iċ-ċerimonja saret taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono u fil-preżenza tal-membri tal-familja tal-Arċipriet u għadd ta' persuni distinti, fosthom il-Prim Imħallef u membri tal-Ġudikatura, rappreżentanti mill-Parlament u awtoritajiet lokali, fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera tal-Birgu, u dawk taż-Żurrieq u tal-Qrendi, u sintendi għadd kbir ta' parruċċani li mlew il-knisja maestuża tagħna.

Wara li rċieva din id-dekorazzjoni, l-Arċipriet esprima l-umiltà u l-gratitudni tiegħu lejn l-Ordni ta' San Ġwann u ddedika dan l-unur



*Il-Prinċep Augusto Ruffo di Calabria jinvesti lill-Arċipriet bl-Insinja* Grand Croce Pro Piis Meritis

lill-parroċċa u lil dawk kollha li dejjem appoġġjaw il-ministeru tiegħu, speċjalment il-ġenituri tiegħu, ħutu Ausonio u Edward u l-għażiża u qatt minsija oħtu Catherine.

Fl-indirizz tiegħu, il-Prinċep Augusto Ruffo di Calabria tkellem dwar ir-rwol li għandu l-Arċipriet bħala xempju spiritwali fil-komunità. Hu nnota li l-*Gran Croce* jingħata lill- membri tal-kleru li wrew mertu straordinarju, b'mod speċjali fit-tisħiħ tal-kura







GET IN TOUCH

21 339 110 BONNICIINSURANCE.COM

Bonnici Insurance Agency Ltd. is enrolled under the Insurance Distribution Act to act as an Insurance Agent for MAPFRE Middlesea p.l.c. (MMS). MMS (C-5553) is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) under the Insurance Business Act. Both entities are regulated by the MFSA.

The Product is manufactured by MMS and distributed by Bonnici Insurance Agency Ltd.



spiritwali tal-fidili u fiż-żamma tar-rabtiet storiċi li dejjem ġiebu flimkien il-poplu Malti u l-Ordni ta' San Ġwann—rabtiet li taw identità lill-Birgu għal sekli sħaħ.

L-Ordni *Pro Merito Melitensi* hu ordni ta' mertu tal-Ordni Sovran Militari ta' Malta, li jirrikonoxxi u jonora lil dawk li bis-servizz tagħhom ġabu distinzjoni, unur u prestiġju lill-Ordni u lill-missjoni umanitarja tagħha fid-dinja. Din id-dekorazzjoni nħolqot fl-1920, wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, biex tirrikonoxxi s-servizz eċċellenti mogħti lill-Ordni u l-ħidmiet tagħha, kemm mill-membri stess tal-Ordni, kleru, jew dawk l-individwi distinti li jappoġġaw il-ħidma tiegħu. Din id-dekorazzjoni tingħata lill-individwi li d-dedikazzjoni, il-ġenerożità, u l-kontribuzzjonijiet professjonali jew personali tagħhom ġiebu 'l quddiem b'mod sinifikanti l-ħidma karitattiva, medika u diplomatika tal-Ordni madwar id-dinja.

L-ogħla grad ta' din id-dekorazzjoni hu l-*Gran Croce Pro Piis Meritis*, li hu riżervat għall-ekkleżjastiċi. Din id-distinzjoni tingħata lill-membri tal-kleru li t-tmexxija spiritwali eminenti u s-servizz tagħhom appoġġjaw u tejbu bil-kbir il-missjoni tal-Ordni. L-ispirtu tal-Ordni *Pro Merito Melitensi* għandu l-għeruq tiegħu fil-motto antik tal-Ordni ta' Malta: *Tuitio Fidei et Obsequium Pauperum*, jew aħjar 'Id-Difiża tal-Fidi u Servizz lill-Foqra'. Meta jagħti din id-dekorazzjoni, l-Ordni ta' Malta jkun qed jesprimi l-gratitudni tiegħu u jafferma mill-ġdid l-impenn dejjiemi tiegħu li jonora lil dawk li b'ħajjithom u s-servizz tagħhom jirriflettu t-tradizzjonijiet nobbli u l-missjoni tiegħu.

Tajjeb jingħad li b'dan l-unur prestiġjuż, l-Arċipriet tagħna ngħaqad ma' grupp magħżul ta' saċerdoti Maltin li kienu ddekorati b'dan il-grad speċifiku u sar il-ħames saċerdot Malti fl-istorja li rċieva dan l-unur, li jagħraf mhux biss il-ħidma tiegħu bħala ragħaj spiritwali, iżda wkoll l-impenn tiegħu lejn il-missjoni fundamentali tal-Ordni.

FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY

BALLUT BLOCKS

**Ballut Blocks Ltd.** Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738
Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com

Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.


Precast Windows


Demolition Works


Trenching Works


Concrete Bricks


Excavation


Piles


Tunnelling


Precast Slab Roofing


Ready Mix Concrete


Piling Machine


Tunnelling Machine


Precast Walls

GPC Concrete Solutions

**General Precast Concrete Ltd** Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21653802, (356) 21653005 Fax: (356) 21659536 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com

www.ballutblocks.com

Dun Karm Busuttil, iben John u Antonia neè Caruana, twieled iż-Żurrieq fil-15 ta' Lulju 1959, lejlet il-festa liturġika tal-Madonna tal-Karmnu — rabta providenzjali li minn tfulitu dehret timmarka l-mixja spiritwali tiegħu. Hu rċieva l-formazzjoni saċerdotali tiegħu f'*Allen Hall Seminary* f'Londra, fis-Seminarju tad-Djoċesi ta' Għawdex u aktar tard fis-Seminarju ta' Malta, qabel ma ġie ordnat saċerdot fis-27 ta' Frar 1987.

Tul il-formazzjoni akkademika tiegħu hu kompla jistudja fl-Università ta' Malta, fejn kiseb kwalifiki fil-Filosofija, it-Teoloġija, id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istudji Diplomatiċi u ggradwa bħala *Magister Juris* fil-Liġi Internazzjonali — studji li bla dubju komplew jarrikkixxu l-viżjoni pastorali u umana tiegħu.

Fil-ħidma pastorali tiegħu serva b'dedikazzjoni f'diversi parroċċi, fosthom Ħaż-Żabbar u ż-Żurrieq, filwaqt li kien uffiċjal fl-amministrazzjoni tal-Kurja tal-Arċisqof. Bħala membru attiv tal-Ordni, kien strument ta' faraġ u tama għal ħafna morda li akkumpanja f'għadd ta' pellegrinaġġi għal Lourdes, fejn is-servizz tiegħu kien dejjem imnebbaħ mill-kompassjoni u l-imħabba lejn min hu fil-bżonn.

Fis-sena 2009 hu ġie onorat bil-*Croce Pro Piis Meritis Pro Merito Melitensi* minn Fra' Matthew Festing, dak iż-żmien Gran Mastru tal-Ordni Sovran Militari ta' Malta, bħala rikonoxximent għall-kontribut eżemplari tiegħu fit-tixrid tal-ideal u l-missjoni tal-karità fi ħdan l-Ordni. Fl-istess sena ġie maħtur Kanonku tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta, fejn serva wkoll bħala Rettur tal-knisja ta' San Nikola. U ilu mill-2017 iwettaq ħidma pastorali fostna bħala l-Arċipriet tal-Kolleġġjata tagħna.

Tul is-snin Dun Karm wettaq għadd ta' opri filantropiċi u artistiċi. Fl-2023, waqt pellegrinaġġ li l-parroċċa tal-Birgu organizzat f'Ruma u fil-Vatikan, flimkien mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz, hu rregala lill-mibki Papa Franġisk apparat mediku sofistikat għall-kura tal-għajnejn tad-ditta *ZEISS*, biex jintuża fil-klinika *Madre di Misericordia* fil-Vatikan. Hu kien responsabbli wkoll għal skema li kien joffri l-Ordni biex immigranti rregolari li jaslu Malta u li jkunu f'postijiet ta' detenzjoni jingħataw kura tal-għajnejn. Ħames snin ilu Dun Karm wettaq ħolma kbira li kellu l-poplu Vittoriosan, meta rregala l-pittura l-ġdida tal-koppla tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu.

Fuq il-livell internazzjonali, fl-2006 Dun Karm intervjena b'suċċess bejn l-Ambaxxatur Libjan u Mons Sylvester Magro, dak iż-żmien Vigarju Appostoliku għal Bengażi, fil-Libja, biex jintlaħaq ftehim għar-restawr tar-residenza tal-Isqof u l-knisja f'Bengażi. Din l-inizjattiva kienet rikonoxxuta mill-Kardinal Angelo Sodano, dak iż-żmien Segretarju tal-Istat tal-Belt tal-Vatikan, b'ittra formali ffirmata minn Mons Pietro Parolin, il-Kardinal Segretarju tal-Istat attwali tal-Belt tal-Vatikan.

Irid jingħad li għall-parroċċa tal-Birgu l-għotja tal-*Gran Croce Pro Piis Meritis* lill-Arċipriet tagħha kienet mument ta' kburija kollettiva. Tassew, il-poplu tal-Birgu feraħ miegħu. L-Arċipriet Busuttil hu figura għażiża f'Beltna, magħruf għall-umiltà tiegħu, id-dedikazzjoni tiegħu għall-ħarsien tal-wirt reliġjuż tal-Birgu u l-kura pastorali ta' dawk afdati f'idejh.

Wara li ntemmet iċ-ċerimonja fil-knisja, il-mistednin kienu milqugħa għal riċeviment fil-Palazz tal-Inkwiżitur, fejn f'ambjent storiku u mill-isbaħ, komplew jiċċelebraw din il-milja storika għall-Arċipriet Busuttil u għall-Belt tal-Birgu. Nitolbu lil San Lawrenz jibqa' jakkumpanjah u jsaħħu fil-ministeru saċerdotali tiegħu biex ikompli jservi lill-Knisja f'Malta u lill-poplu t'Alla bl-istess għerf, ġenerożità u mħabba li dejjem iddistingwewh. Mill-qalb nixtiqulu *Ad Multos Annos*. ❒





# VITTORIOSA PHARMACY

EST 1907

*An Institution in the Heart of the Three Cities*

## IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD!

9, Main Gate Street, Vittoriosa. T: 21 807529

E: vittoriosapharmacy@gmail.com

Find us on Facebook

MARIO TREEBY

# Il-liedna: tradizzjoni li rridu nkattru u nsaħħu fil-festi tagħna



Il-festi tal-ibliet u l-irħula Maltin huma tradizzjoni vibranti u għażiża, b'għeruq fondi fl-istorja ta'pajjiżna. Naħseb naqblu lkoll li l-festa hi element importanti mill-kultura ta' pajjiżna. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet annwali, li jsiru ad unur il-qaddis patrun tar-raħal, huma taħlita unika ta' devozzjoni reliġjuża, spirtu komunitarju u festività ferrieħa. Fil-qalba tal-festa, id-dekorazzjoni tradizzjonali msejħa 'liedna', jew dak li ħafna jsejħu "il-ħaxix aħdar" spiss issibu mal-festuni fit-toroq tagħna fil-ġranet tal-festa.

Irid jingħad li storikament, il-liedna kienet issir mir-rand, jew aħjar il-*laurus nobilis*, siġra dejjem ħadra, tat-tip aromatika, li nsibuha fil-Mediterran. Kif ċert li tafu r-rand hu weraq aħdar skur u b'riħa qawwija bi truf immewġin. Ir-rand jipproduċi fjuri żgħar u sofor ċari u frott iswed ileqq. Imma llum m'għadekx issib ir-rand fil-festi Maltin. Fil-verità, f'dawn l-aħħar snin, il-*low-density polyethylene* (*LDPE*) sar il-materjal ewlieni li minnu ssir il-liedna. Ċertament l-użu ta' dan il-plastik jista' jkollu żvantaġġi ambjentali. Biex jindirizza din il-problema, id-Dipartiment tal-Metallurġija u l-Inġinerija tal-Materjali (DMME) fi ħdan il-Fakultà tal-Inġinerija fl-Università ta' Malta sentejn ilu daħal għall-'Proġett Liedna Maltija' biex isib materjal għal-liedna aktar durabbli u aktar favur l-ambjent. Dan hu proġett pożittiv li jkompli jsaħħaħ tradizzjoni li tmur lura s-snin u li fil-fehma tiegħi, m'għandhiex tinqata', dejjem sakemm issib min kapaċi jaħdimha!

Bħal ħafna u ħafna Maltin oħra, il-festa dejjem kienet għal qalbi. Minn meta kont żgħir, missieri kien jgħidli biex nimpenja ruħi u nagħti dak il-ħin li nista' biex il-festa tagħna tkun isbaħ u aħjar. Hekk drajt u hekk għamilt f'kull lokalità li kont ngħix fiha. Jien oriġinarjament minn Raħal Ġdid, mill-parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes. Mhix xi lokalità tant magħrufa għall-festa, imma kif diġà għedt, aħna bħala familja dejjem konna delettanti tal-festa. Meta żżewwiġt lil marti Doreen, ġejt noqgħod il-Birgu, belt li hi magħrufa għall-festa kbira li tagħmel. U rrid ngħid li malajr ħassejtni parti minn din il-festa li tiċċelebra din il-belt mimlija storja, ad unur tal-Levita San Lawrenz.

Ftit wara l-inċident li kelli fil-festa tal-2013, 13-il sena ilu, propju nhar l-10 ta' Awwissu, għamilt il-ħsieb li nidħol għall-proġett pjuttost kbir, jiġifieri li nagħmel il-liedna-pendent it-toroq kollha kull fejn tgħaddi l-purċissjoni dakinhar tal-festa. Kont naf li kont dieħel għal biċċa xogħol kbira, imma b'xi mod ridt ngħid grazzi lil San Lawrenz li dakinhar kien miegħi meta bħala reffiegħ, taħt il-vara titulari tiegħu, tani attakk tal-qalb. Niftakar qisu lbieraħ. Konna qrib il-kolonna l-kbira li fuqha jitla' San Lawrenz Jagħti d-Dawl lill-Għomja, fi triqtna lejn il-knisja, meta tani attakk tal-qalb qawwi. Tassew kont ixxurtjat dakinhar għax inzerta li kien hemm tabiba barranija, li ħadet ħsiebi sakemm waslet l-ambulanza. Insomma San Lawrenz u Alla l-imbierek ħelsuhieli.



BIRGI CONFECTIONERY
97, Triq San Lawrenz, Birgu
SELEZZJONI TA' NBID, BIRRA U SOFT DRINKS
HOT SNACKS
PASTI
HELU TA' KULL TIP
KANNOLI SIĊILJANI




KENDA
WATERPROOFING SERVICES
importers of
PROFESSIONAL
ROOFING PRODUCTS
POLYGLASS
7972 9967
www.kendawaterproofing.com
www.facebook.com/kendawaterproofing



Insomma bdejt naħdem sena wara sena, u saħansitra rnexxieli nagħmel il-liedna, anki għal toroq oħra, barra sintendi għat-toroq li minnhom tgħaddi l-purċissjoni. Fit-8 ta' Awwissu tas-sena li għaddiet kont qiegħed nitkellem ma' żewġ membri tal-Kumitat tal-Festa u għedtilhom li sal-festa ta' din is-sena kont se nagħmel l-isforz kollu possibbli biex il-kumplament tal-liedna titlesta. Jiġifieri ridt naħdem il-liedna għat-toroq tal-purċissjoni li kien fadal, jiġifieri Triq il-Kardinal Prospero Grech, Triq Paċifiku Scicluna, Triq l-Arċisqof Mikiel Gonzi, Triq it-Torri ta' San Ġwann u magħhom issir ukoll il-liedna għal Triq il-Mina l-Kbira, għax dik li kien hemm kellha bżonn tinbidel. Dan kollu kien ifisser medja ta' 4,400 pied ta' liedna u kont naf li rrid naħdem kuljum għaliha. Tasal biex tibda taqta' qalbek ... imma għall-grazzja ta' Alla kien hemm min beda jagħmilli kuraġġ biex inkompli. Nassigurakom li trid ħafna ħin u trid paċenzja kbira biex tagħmel dik il-liedna kollha. Lanqas kapaċi ngħodd kemm-il għoqda nkun għamilt - imma insomma, madwar 330,000 għoqda nimmaġina! Imma wasalt!

Hawnhekk irrid nirringrazzja lil Alessandro Montesin li kull ġimgħa kien jippreparali l-plastik u jieħu l-liedna lesta. U żgur li rrid nirringrazzja lill-familja tiegħi, marti Doreen u ż-żewġ uliedi, li ħadu ħafna paċenzja bija. Imma kemm hu ta' sodisfazzjon tara li l-istatwa ta' San Lawrenz tgħaddi mit-toroq kollha mimlija liedna. Niftakar lill-Arċisqof Patri Pawl Cremona OP, saċerdot u qaddis, ħabib kbir tal-familja tiegħi meta kien għadu magħna, li kien jgħidli "tagħmilx il-liedna biex issebbaħ it-toroq biss, imma għamilha wkoll biex tfaħħar u tonora lill-qaddis."

Illum għandi sodisfazzjon kbir li l-proġett li dħalt għalih issa magħluq u għandi f'moħħi li nkompli toroq oħra u maż-żmien inbiddel il-liedna kollha li jkun hemm bżonn. Nixtieq ħafna li jkun hemm iktar tfal, żgħażagħ u anki adulti, li jitgħallmu jaħdmu l-liedna ħalli t-toroq tagħna ma jiżżarmawx mil-liedna. Wara kollox, kif għedt qabel, din hi tradizzjoni ħelwa li tajjeb tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra. Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Viva San Lawrenz, patrun ta' Beltna. ❐

MJK




MJK was established in 1998. Project Cargo and Heavy Lifting is our core business. We also specialise in customs clearance, haulage services and freight forwarding. Our fleet includes mobile cranes from 13 ton to 300 ton.

Email: sales@mjk.com.mt
Tel: +356 21677668

www.mjk.com.mt

KARMENU MALLIA

# Poeżija: Hilda (RIP 1978)





Kull meta nħuf f'dil-ġawhra Belt, il-Birgu,
fejn jgħixu s-sħaħar fi triqat marsusa,
nistenna leħnek sopranili jsejjaħ
lil uliedna tewmin li tbiegħdu minnek.
Għax hekk ordnat il-ħajja misterjuża.
Ukoll nistħajjel li qrib dik il-Pjazza
ismek qiegħed jinqala' minn ġuf triqtek
biex jagħmel passiġġata bla waqfien.
"Brittania"[1] telqet, int ħadtilha postha.
Iż-żewġ vokali t'ismek keċċew ħesrem
l-isem barrani. Iż-żminijiet inbidlu,
daqskemm inbidel wiċċek. Għadmek qiegħed
jistrieħ bix-xieraq mal-għeżież ta' ħajti,
'il bogħ'd minn San Lawrenz, qrib "Ġorġi
tagħna"[2].
Insellimlek minn hawn, int tgħix band'oħra,
daqskemm m'intix il-Birgu fejn twelidt.
Xi darba nlaqqgħek m'oħra li ħabbejt,
għalkemm b'daqsekk jien lilek qatt ma nsejt.

Karmenu Mallia - 17.6.26

***Noti:***

1. Qabel it-triq imsemmiha għaliha kien jisimha 'Triq Brittania'.
2. Il-Qriema hekk isejħu 'l San Ġorġ Martri.

*[Ritratt ta' taħt] Is-sopran Hilda Mallia Tabone f'waħda mill-opri li ħadet sehem fihom*

# Farmers Market

## Kottonera

**is-SIBT**

**07:00 - 11:30**

Triq il-Ġublew tal-Fidda,
Birgu/Bormla

## Ta' Qali

**is-SIBT U t-TLIETA**

**07:00 - 15:00**

Parking Area(faċċata ta' APH)

**Suq tal-bdiewa, raħħala, u produtturi lokali**

**Varjetà wiesgħa ta' prodotti friski u ġenwini**

farmersmarket@gov.mt

MALTA food AGENCY




Farmers Market · Pixkerija · Pitkalija · the Food Coop

**Naħdmu id f'id mal-produtturi lokali u nippromwovu prodotti tal-ikel lokali**

+356 22926110 • info.maltafoodagency@gov.mt

foodagency.mt

# Il-Kapitlu tal-Knisja Matriċi Konventwali u Kolleġġjata Insinji ta' San Lawrenz L.M. Belt Vittoriosa



**Kan Arċipriet Dun Karm Busuttil**, STh Dip; BA (Hons), MA (Human Rights & Democ), MA (Dip Std), Mag Iuris (Int Law)(Melit.), Gran Croce Pro Piis Meritis Pro Merito Melitensi
**Kan Dekan Dun Lawrenz Bonnici**, Lic D (Angelicum), MSTh (Teresianum)
**Kan Teżorier Mons Brendan M Gatt**, SThB (Melit), JCL, Dip Juris (Greg.), SMOM
**Kan Primiċerju Mons Pawl Raggio,** Cap SS
**Kan Kantur Dun Stephen Attard**, **Kanċillier**, BA Theol & Humun Studies, SThB, SThL (Melit.), SLL (Ans.)
**Kan Penitenzier Dun Keith Sciclunа**, BA Theol & Human Studies, SThB (Melit.)
**Kan Teologu Ing. Dun Joe Galea**, BSc (Eng), SThB, Dip Past Theol (Melit.)

**Kanonċi Onorarji**
**L-Altezza Wisq Eminenti Tiegħu Fra' John Timothy Dunlap**, Prinċep u Gran Mastru tal-Ordni Sovran Militari Ospitalier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, ta' Rodi u ta' Malta
**L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Peter Kodwo Appiah Turkson**,
Kanċillier tal-Pontifiċja Akkademja tax-Xjenzi u tal-Pontifiċja Akkademja tax-Xjenzi Soċjali
**L-Eċċellenza Tiegħu Mons Manuel Nin i Güell OSB,**
Isqof Titulari ta' Karkabja u Eżarka Appostoliku għall-Biżantini Kattoliċi fil-Greċja
**L-Eċċellenza Tiegħu Fra' Francis Vassallo OSJ**
**Kan Dun Andrew Borg**, SRN, SThB, SThL (Melit.)
**Kan Dun Marc Andre Camilleri**, BA Theol & Human Studies, SThB (Melit.)
**Kan Dun Italo Cardarelli**
Eks Kappillan u Rettur tal-knisja Kolleġġjata ta' Santa Maria Assunta f'Amaseno, l-Italja
**Kan Dun Joseph Caruana**
**Kan Dun Joseph Cilia**
**Kan Dr Nicholas Doublet**, SThL (Melit.), HED (Greg.)
**Kan Dun Christopher Galea**, BA Theol & Human Studies, Dip Past Theol (Melit.)
**Kan Dun John Muscat,** KCHS
**Kan Dr David Torpiano**, BA Theol & Human Studies, SThB, SThL (Melit.), SThD (Greg.)
**Mons Paul Carmel Vella**, SThL (Melit.), JCL (Lat.), Prot Apost, SMOM, OESSH
**Kan Papàs Prof Martin Zammit**, BA, BA (Hons), BA Divinity (Heythrop, London), MA Theology (Winchester), PhD (Melit.)
**Mazzier**: Is-Sur Charles Gellel

# FESTA Fabric

## FABRIC MATERIAL FOR FEASTS

Cotton flag material
Crimplene
Fringe





**Good Quality Guaranteed!**



**CALL US NOW**

7927 1982 | 9963 2948
kfeslbirgu@gmail.com
Main Square, Vittoriosa



# PROGRAMM TAL-FESTI

## LI SE JSIRU FIL-KNISJA KONVENTWALI, MATRIĊI, KOLLEĠĠJATA U PARROKKJALI U FIL-BELT VITTORIOSA AD UNUR SAN LAWRENZ, LEVITA U MARTRI PATRUN TAL-BELT REBBIEĦA

## 29 ta' Lulju - 11 ta' Awwissu 2026

### L-ERBGĦA - 29 TA' LULJU
### L-AĦĦAR ERBGĦA TA' SAN LAWRENZ

6:00pm: Konċelebrazzjoni tal-Aħħar Erbgħa ta' San Lawrenz immexxija mill-Arċipriet, il-Kan Dun Karm Busuttil, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata.

Wara: Antifona, Barka Sagramentali u Innu San Lawrenz.

8:30pm: Ikla bejn il-ħbieb tal-festa 't-Toqba' organizzata mill-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu.

### IL-ĠIMGĦA - 31 TA' LULJU
### ĦRUĠ TAL-VARA TITULARI U BIDU TAL-FESTA 2026

6:30pm: Daqq tal-Mota li tħabbar il-bidu tan-novena u l-bidu tal-Festa 2026.

7:00pm: Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċipriet, il-Kan Dun Karm Busuttil, flimkien mal-Kapitlu u l-kleru. Wara ħruġ min-niċċa tal-vara titulari ta' San Lawrenz.

7:45pm: Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tibda marċ minn quddiem Palazzo Huesca

sa quddiem il-knisja. L-istatwa titulari tinħareġ fuq iz-zuntier u l-Banda tagħtiha tislima bid-daqq tal-Innu San Lawrenz. Wara tinġarr tul il-korsija, titqiegħed fuq il-bradella. Tingħata l-Barka Sagramentali u Innu San Lawrenz.

Il-Banda San Lawrenz tkompli bil-Marċ tal-Mota madwar it-toroq tal-Birgu.

## IS-SIBT - 1 TA' AWWISSU BIDU TAN-NOVENA JUM L-GĦAQDIET

**Festa tat-Tfal organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi**

9:30am: Quddiesa animata għat-tfal fil-knisja parrokkjali. Iqaddes Fr John Avellino.

11am: Marċ mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz. Fi tmiem il-marċ, l-istatwa ta' San Lawrenz tittella' fuq il-kolonna fuq iz-zuntier tal-knisja. Isir festin għat-tfal taħt iz-zuntier tal-knisja.

6:30pm: Quddiesa tan-Novena mill-Kan Teologu Dun Joe Galea. Tul in-novena jipprietka Fr Kevin Schembri.

Mistiedna speċjali l-għaqdiet tal-parroċċa.

Wara l-quddiesa, antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika, Barka Sagramentali, bews tar-relikwija ta' San Lawrenz u Innu.



## IL-ĦADD - 2 TA' AWWISSU IT-TIENI JUM TAN-NOVENA JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

6:30pm: Quddiesa Novena minn Fr John Avellino.

Mistiedna ż-żgħażagħ kollha tal-parroċċa, b'mod speċjali dawk impenjati fil-festa.

Wara l-quddiesa kollox bħall-jum ta' qabel.

## IT-TNEJN - 3 TA' AWWISSU IT-TIELET JUM TAN-NOVENA JUM IL-FAMILJI

6:30pm: Quddiesa tan-Novena mill-Kan Teżorier, Mons Brendan Gatt.

Mistiedna l-familji tal-parroċċa tagħna, b'mod speċjali dawk il-koppji li din is-sena qed jiċċelebraw il-25 jew il-50 sena taż-żwieġ tagħhom.

Wara l-quddiesa, kollox bħall-jum ta' qabel.

8pm: Riċeviment tal-festa f'*Palazzo Huesca*, mis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz.

## IT-TLIETA - 4 TA' AWWISSU IR-RABA' JUM TAN-NOVENA JUM IR-ROMOL U L-GĦEŻIEŻ LI ĦALLEWNA

6:30pm: Quddiesa tan-novena mill-Kan Onorarju Dun George Spiteri.

Mistiedna r-romol tal-parroċċa u l-familjari ta' dawk li ħallewna matul l-aħħar sena.

Wara l-quddiesa, kollox bħall-jum ta' qabel.

8pm: Il-kunċert '*Civitas Dei*' fil-knisja mill-Orkestra Filarmonika Levita Martri taħt id-direzzjoni ta' Maestro Andrew Lawrence Zarb u ppresedut minn Mons Wojciech Zaluski, Nunzju Appostoliku għal Malta.

8:30pm: Ikla tal-festa fil-Pjazza tal-Birgu, organizzata mill-Kumitat tal-Festa, bis-sehem ta' Josuel, b'mużika mill-passat.

## L-ERBGĦA - 5 TA' AWWISSU
## IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA
## JUM L-ABBATINI U L-VOKAZZJONIJIET

6:30pm: Quddiesa tan-Novena minn Mons. John Muscat.

Mistiedna l-abbatini u l-ġenituri tagħhom. Ikollna l-vestizzjoni tal-abbatini l-ġodda.

Wara l-quddiesa, kollox bħall-jum ta' qabel.

## IL-ĦAMIS - 6 TA' AWWISSU
## IS-SITT JUM TAN-NOVENA
## JUM IT-TFAL U L-ANZJANI

9:30am: Quddiesa għall-anzjani minn Patri Paul Chetcuti SJ.

Mistiedna speċjali l-gruppi tal-anzjani tal-parroċċa u dawk l-anzjani mill-Birgu li jgħixu fid-djar tal-anzjani.

6:00pm: Manifestazzjoni tat-tfal li tibda miċ-Ċentru tal-Katekiżmu sal-knisja.

6:30pm: Quddiesa tan-Novena mill-Kan Onorarju Dun David Torpiano.

Mistiedna b'mod speċjali t-tfal u l-adolexxenti li jattendu ċ-Ċentru tal-Katekiżmu.

Wara l-quddiesa, kollox bħall-jum ta' qabel.

Fi tmiem il-quddiesa, isir festin għat-tfal kollha fuq iz-zuntier.

8:30pm: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi madwar it-toroq tal-Birgu. Fi tmiem il-marċ is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi tippreżenta *Symphony of Lights* fuq it-Torri ta' San Ġwann.

## IL-ĠIMGĦA - 7 TA' AWWISSU
## IS-SEBA' JUM TAN-NOVENA
## JUM IL-MEMBRI TAL-PARROĊĊA LI JGĦIXU F'TAL-ĦAWLI

6:30pm: Quddiesa tan-Novena mill-Kan Kantur Dun Stephen Attard.

Mistiedna b'mod speċjali l-membri tal-parroċċa li jgħixu fiż-żona Tal-Ħawli.

Wara l-quddiesa, kollox bħall-jum ta' qabel.

8:15pm: Marċ mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz minn Triq il-Mina l-Kbira sal-Pjazza tal-Belt Vittoriosa, fejn tesegwixxi l-Programm *Vittoriosa in Festa* fuq il-planċier artistiku.

## IS-SIBT - 8 TA' AWWISSU
## L-ANTEVIĠILJA
## JUM IL-BENEFATTURI, IL-VOLUNTIERA U L-VITTORIOSANI LI JGĦIXU BARRA L-BIRGU

6:30pm: Quddiesa mill-Arċipriet il-Kan Dun Karm Busuttil, bl-omelija dwar il-Birgu u l-Assedju l-Kbir.

Mistiedna speċjali l-benefatturi tal-parroċċa u l-Vittoriosani li m'għadhomx jgħixu l-Birgu.

Wara l-quddiesa, jindaqqu l-Innu u l-Antifona ta' Dun Alwiġ Fenech, issir Ċelebrazzjoni Ewkaristika, Barka Sagramentali u bews tar-relikwija ta' San Lawrenz.

9pm: Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tilqa' l-istatwa ta' San Lawrenz 'Jagħti d-Dawl lill-Għomja' fil-Pjazza u tibda d-dimostrazzjoni bl-istatwa sa Triq il-Mina l-Kbira, fejn l-istatwa tittella' fuq il-kolonna fost id-daqq tal-Innu popolari.

9:15pm: Il-Banda Filarmonika Nazionale La Valette tal-Belt Valletta tagħmel Programm

Mużikali fuq il-planċier fil-Pjazza. Wara tingħaqad mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz biex takkumpanja l-istatwa ta' San Lawrenz.

## IL-ĦADD - 9 TA' AWWISSU
## LEJLET IL-FESTA

9am: Pontifikal Solenni minn Mons George Frendo OP, Arċisqof Emeritu ta' Tirane-Durres fl-Albanija, flimkien mal-Kapitlu u s-saċerdoti. Wara l-quddiesa jitkanta t-*Te Deum*.

Wara l-quddiesa jingħata 'Ġieħ il-Kolleġġjata' lil xi membri tal-parroċċa. Mistiedna speċjali l-imsieħba f'Ġieħ il-Kolleġġata'.

10:30am: Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tibda l-marċ tat-*Te Deum*. Meta l-marċ jasal il-Pjazza jinfetaħ il-Ballun tradizzjonali. Fi tmiem il-marċ, *The Red Vibe* fil-bitħa tal-Każin.

6pm: Quddiesa mill-Arċipriet, il-Kan Carmelo Busuttil.

7:15pm: Traslazzjoni solenni tar-relikwija ta' San Lawrenz immexxija mill-Isqof Emeritu Mons Carmelo Zammit mill-knisja ta' Santa Skolastika sal-knisja Kolleġġjata, akkumpanjata mill-Banda Żejtun Għaqda Santa Katarina VM taż-Żejtun. Wara l-Ewwel Għasar, quddiesa mmexxija mill-Arċipriet flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata. Wara l-quddiesa tingħata  l-Barka Sagramentali.

7:45pm: Il-Banda Żejtun tibda marċ minn quddiem *Old City Pub* fi Triq San Lawrenz, li jkompli għal Triq Nestu Laiviera u l-Pjazza, fejn fit-8:15pm tesegwixxi Programm Mużikali fuq il-planċier. Wara tkompli bil-marċ madwar it-toroq tal-Birgu.

8:30pm: L-Għaqda Mużikali San Leonardu ta' Ħal Kirkop tibda marċ minn Triq Boffa sal-Pjazza, fejn tesegwixxi Programm



Mużikali fuq il-planċier. Wara tkompli bil-marċ madwar it-toroq tal-Birgu.

10pm: *La Notte di San Lorenzo*: Spettaklu ta' logħob tan-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika mtella' mill-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu.

11:30pm: Logħob tan-nar tal-art fix-Xatt tal-Birgu, quddiem il-knisja parrokkjali.

## IT-TNEJN - 10 TA' AWWISSU
## L-GĦID TA' SAN LAWRENZ

4:30am: Il-mota tradizzjonali tal-Għid ta' San Lawrenz.

7am: Quddiesa mmexxija mill-Pirjol, Patri Aaron Zahra OP.

8am: Quddiesa kkonċelebrata bis-sehem tal-Kapitli ta' Bormla, l-Isla u San Pawl,



il-Belt. Imexxi l-Kan Anthony Cassar, Arċipriet ta' Bormla.

8:15am: Marċ mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz madwar it-toroq tal-Birgu, akkumpanjata mill-membri tal-entitajiet tal-festa. Meta l-marċ jasal il-Pjazza jitqiegħdu kuruni tar-rand quddiem l-istatwa ta' San Lawrenz.

8:45am: Kant ta' Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.

9:30am: Quddiesa Solenni ta' Jum San Lawrenz mill-Isqof Emeritu Mons Carmelo Zammit, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u għadd ta' saċerdoti. Jinseġ il-paniġierku f'ġieħ San Lawrenz Mons Joseph Sultana. Fi tmiem il-quddiesa titkanta l-Antifona u Innu San Lawrenz.

Nofsinhar: Quddiesa minn Fr Manuel Camilleri SDB.

5:30pm: Quddiesa animata minn Agatha Zahra. Iqaddes Fr Alan Joseph Adami OP.

6pm: Kant tat-Tieni Għasar Solenni.

6:15pm: Il-Banda tal-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici ta' Ħal Qormi tibda marċ minn Triq il-Kardinal.

6:45pm: Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika King's Own tal-Belt Valletta tibda marċ minn Triq Sir Paul Boffa u wara tesegwixxi Programm Mużikali fuq il-planċier fil-Pjazza.

7:15pm: Toħroġ il-purċissjoni mmexxija mill-Kan Dun Karm Busuttil, Arċipriet tal-Belt Vittoriosa.

8pm: Il-Banda Kristu Re ta' Raħal Ġdid tibda tibda marċ minn quddiem il-knisja ta' San Lawrenz.

11pm: Dħul tal-purċissjoni fl-isfond tad-daqq tal-Antifona ta' Dun Alwiġ Fenech. Wara Ċelebrazzjoni Ewkaristika, bews tar-relikwija u Innu San Lawrenz. Il-membri tal-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu jroddu ħajr lil San Lawrenz.

## IT-TLIETA - 11 TA' AWWISSU L-GĦADA TAL-FESTA

8:30pm: Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tibda l-marċ tal-għada tal-festa mill-Pjazza sa ħdejn il-kolonna. Meta l-Banda tasal ħdejn il-kolonna, titniżżel l-istatwa ta' San Lawrenz 'Jagħti d-Dawl lill-Għomja'. Wara l-Banda takkumpanja l-istatwa sal-Oratorju.

## IT-TNEJN - 17 TA' AWWISSU OTTAVA TA' SAN LAWRENZ

6pm: Quddiesa, repożizzjoni tar-relikwija ta' San Lawrenz, Ċelebrazzjoni Ewkaristika, Barka Sagramentali u Innu San Lawrenz. Għeluq il-festa ta' San Lawrenz 2026. ❐



# Feast of St Lawrence Vittoriosa 2026 Programme of Events

***Friday, 31st July:***
6:30pm: Traditional pealing of the church bells marking the beginning of the Novena and the official opening of the 2026 Feast.

7:45pm: Band march by the St Lawrence Band of Vittoriosa.

***Tuesday, 4th August:***
8pm: The Philharmonic Orchestra *Levita Martri* gives a concert at St Lawrence Church. All are welcome.

9pm: Festa dinner in the main *Pjazza* of Birgu, with singing from Josuel, Malta's Elvis Presley tribute artist. All are invited. Tickets from the Festa Committee.

***Thursday, 6th August:***
8:30pm: Band march by the St George's Martyr Band of Qormi. At the end of the march, the *Palmiżi* Youth Section presents the 'Symphony of Lights' at St John's Tower Street – a spectacular show combining synchronised lights, music, and special effects.

***Friday, 7th August:***
8:15pm: The St Lawrence Band of Vittoriosa marches from Main Gate Steet to the *Pjazza*, where it performs the musical programme '*Vittoriosa in Festa*' on the artistic bandstand, or *planċier.* This is a festive musical show featuring popular marches and concert pieces. All are invited, seats provided.

***Saturday, 8th August:***
8:15pm: The St Lawrence Band of Vittoriosa and the La Vallette National Philharmonic Band of Valletta accompany the statue of 'St Lawrence Giving Sight to the Blind'. At the end of the march, the statue is raised onto the column at the top of Main Gate Street.

***Sunday, 9th August:***
10:30am: The St Lawrence Band of Vittoriosa begins the *Te Deum* march. When the march reaches the *Pjazza*, the traditional 'Ball' is opened. At the end of the march, a confetti show takes place in the *Pjazza*, followed by *The Red Vibe* in the band club courtyard.

7:45pm: Band marches by the Żejtun Band and the San Leonardo Musical Society Band of Kirkop. Both bands to perform a musical programme on the bandstand in the *Pjazza*.

10:00pm: '*La Notte di San Lorenzo*' – a synchronised aerial fireworks show set to music, presented by the 10th of August Pyrotechnic Society in the Grand Harbour. This is followed by ground fireworks at Birgu Waterfront.

***Monday, 10th August:***
6:15pm: Marches by the Anici Socio-Musical Society of Qormi, Valletta's King's Own Philharmonic Society Band and Paola's Christ the King Band.  Musical programme on the bandstand in the *Pjazza*.

7:15pm: The statue of St Lawrence is carried in procession, led by the parish priest, Canon Carmelo Busuttil. At 11pm the solemn entrance of the statue in the church. ❒

FABIAN MANGION BA, S TH LIC

# Meta t-tmexxija spikkat: għaxar Arċiprieti tal-Kolleġġjata tal-Birgu

Il-mument bil-wisq mistenni mill-Vittoriosani wasal fil-15 ta' Ġunju 1820, meta l-Papa Piju VII ħareġ il-Bolla li biha għolla lill-knisja Matriċi ta' San Lawrenz tal-Birgu għall-ġieħ ta' Kolleġġjata. L-aħbar waslet il-Birgu fit-13 ta' Lulju 1820 u kif kien mistenni, intlaqgħet b'ferħ kbir li wassal għal diversi ċelebrazzjonijiet.

Kien deċiż li ċ-ċerimonja tal-investitura u l-pussess tal-ewwel kanonċi ssir propju lejlet il-festa ta' San Lawrenz ta' dik is-sena. Sfortunatament, dan ma seħħx għaliex kien hemm il-ħtieġa tal-kunsens mill-awtoritajiet ċivili. Fil-fatt, iċ-ċerimonja tal-pussess tal-ewwel tmintax-il kanonku tal-Kolleġġjata l-ġdida saret fil-31 ta' Diċembru 1821. Dik iċ-ċerimonja tmexxiet minn Monsinjur Simone Biagio, Vigarju Ġenerali.

Minn dakinhar 'il quddiem, ir-ragħaj spiritwali tal-parroċċa beda jissejjaħ Arċipriet. Għalhekk, għal aktar minn mitejn sena, il-parroċċa tal-Birgu tmexxiet minn sbatax-il arċipriet. Kollha kemm huma jistħoqqilhom il-qima tagħna għaliex ħadmu bil-ħeġġa fil-għalqa tal-Mulej, kif kienu jitolbu ż-żminijiet tagħhom u l-ambjent li għexu fih. Kellhom moħħ li jaf jaħseb u qalb li taf tħoss.

Minkejja dan, kien hemm għaxar arċiprieti li l-parrokat tagħhom spikka fuq ta' oħrajn. Dan minħabba ċelebrazzjonijiet jew anniversarji importanti li seħħew fi żmienhom. Hawn se naraw fil-qosor min kienu dawn l-arċiprieti u liema kienu dawn l-avvenimenti mhux tas-soltu.



*Bandalora: Kan Dun Salv Fenech*

### *Kanonku Dun Salv Fenech (1815-1833)*

Wara li għamel seba' snin Kappillan f'Ħal Għaxaq, fis-6 ta' Awwissu 1815, Fenech inħatar Kappillan tal-Birgu. Għaldaqstant, dan għandu jitqies bħala l-aħħar Kappillan u l-ewwel Arċipriet tal-Birgu.

L-għaqal u l-għerf ta' dan is-saċerdot sewa qatigħ biex Dun Lawrenz Lanzon seta' jwettaq il-ħolma tiegħu li l-Kulleġġ tal-Benefiċjati tal-knisja ta' San Lawrenz jitwaqqaf bħala Kulleġġ Kapitulari mis-Santa Sede. L-istess Dun Lawrenz, fil-manuskritti li ħalla lill-Kapitlu tal-knisja tal-Birgu, jgħarrafna bil-reqqa kollha l-ftehim li kien

sar bejn il-Kappillan Fenech u l-Benefiċjati, li kellhom ikunu l-ewwel kanonċi, dwar kif kellhom ikunu mmexxija l-funzjonijiet u amministrati r-renti tal-istess knisja meta din issir Kolleġġjata. Fl-10 ta' Marzu 1833 inħatar Kanonku tal-Katidral.

Fil-mewt tiegħu, li seħħet fil-Birgu nhar l-20 ta' Lulju 1852, il-ġurnal *L'Ordine* (24 ta' Lulju 1852, p. 162) jgħidilna li l-Arċipriet Fenech kien jaf imur man-nies, kellu qalbu tajba u sar għażiż ma' kull min kien jafu. Il-ħniena li kien juża mal-fqar – kien saħansitra jqassam minn ħwejġu stess meta ma kienx ikollu flus, wasslet biex ikun magħruf bħala missier l-iżvinturati.

### *Kanonku Dun Ludovik Balzan (1879-1883)*

Iben Nazju u Ursola mwielda Abela, twieled l-Imdina fl-1819, iżda trabba l-Birgu. Wara li rċieva l-Ordni Sagri fil-11 ta' Marzu 1842, kollu ħeġġa, daħal fil-missjoni biex ixandar il-Kelma ta' Alla. F'dan il-qasam, huwa



*Bandalora: Kan Dun Ludovic Balzan*

ħadem kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex għaliex jingħad li kellu kelma li tfarraġ, tħeġġeġ u tgħallem bil-ħlewwa.

Għal bosta snin kien direttur spiritwali u konfessur tas-sorijiet fil-Monasteru ta' Santa Skolastika fil-Birgu u ta' monasteri oħra f'Malta. Fl-1848 ingħata l-kura tal-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xatt tal-Birgu. Fl-1 ta' Novembru 1862 inħatar Prepostu tal-Oratorjani fil-knisja ta' San Filippu fl-istess belt. Mhux ta' b'xejn li l-Vittoriosani ferħu meta dan il-qassis, ta' esperjenza kbira u ta' tjubija magħrufa, fl-24 ta' April 1879, ġie magħżul biex ikun il-ħames Arċipriet tal-Birgu.

Dan kien Arċipriet li bata partikolarment meta fil-parroċċa nqala' l-inkwiet fil-festa ta' *Corpus*, 7 u 8 ta' Ġunju 1882. Dan l-inkwiet għamel tiegħu għaliex fil-fatt dan is-saċerdot ħawtiel miet mikdud fl-10 ta' Ġunju 1883 u ġie midfun fil-knisja Kolleġġjata tal-Birgu. Sal-lum, quddiem il-kappella tas-Sagrament, wieħed jista' jaqra skrizzjoni bil-Latin li Tereża, neputija tiegħu, riedet tħalli minquxa fl-irħam biex tfakkar il-ħidma qaddisa taz-ziju tagħha.

### *Kanonku Dun Franġisk Saverju Borg (1886-1896)*

Dan is-saċerdot Vittoriosan kien Kappillan f'Ħal Għargħur bejn l-1876 u l-1886.
Fit-2 ta' Mejju 1886 ingħata l-pussess bħala Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Fl-ewwel sena li sar Arċipriet, ried li jkun hu stess li jagħmel in-novena ta' San Lawrenz u gazzetti ta' żmienu jgħarrfuna kif irnexxielu "*con grande zelo ed abilità*" ifisser il-qdusija taż-żagħżugħ Levita u Martri.

Fl-1890 ġie ċċelebrat, b'festi solenni, it-Tmien Ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa tal-Birgu. Ingħata wkoll bidu għall-pittura tal-koppla u s-saqaf tal-knisja minn Injazju Cortis.

Isem dan l-Arċipriet baqa' jissemma fil-Birgu



*Bandalora: Kan Dun Franġisk Saverju Borg*

għall-ħeġġa li wera fil-kawża li kien hemm quddiem il-Kongregazzjoni tal-Konċilju dwar il-limiti bejn il-parroċċa tal-Birgu u dik ta' Bormla. Is-sentenza tal-20 ta' Jannar 1894 favur il-Birgu kienet frott il-ħeġġa li kellu dan l-Arcipriet u l-għaqal li wrew l-avukati Dr Massimiliano Debono u Dr Luigi Silvestroni. Miet il-Birgu fil-5 ta' Settembru 1896 u ndifen fil-knisja Kolleġġjata tal-Birgu.

## Kanonku Dun Ġwakkin Grech (1896-1924)

Twieled l-Isla fil-11 ta' Marzu 1864 minn Anġlu u Tereża mwielda Fiammingo. Fit-13 ta' Frar 1897, wara li għamel madwar tliet xhur Kappillan fil-parroċċa ta' San Gejtanu, il-Ħamrun, ġie mogħti l-pussess ta' Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Fl-ewwel festa ta' San Lawrenz wara l-pussess tiegħu, qaddes il-quddiesa solenni fuq l-artal maġġur li żżanżan dik is-sena.

Fi żmien dan l-Arċipriet, beda jinbena l-kampnar il-ġdid bħala tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta fl-1913. Fis-snin ta' niket tal-Ewwel Gwerra,



*Bandalora: Kan Dun Ġwakkin Grech*

l-Arċipriet Grech kien jgħin u jfarraġ lil dawk il-familji li kellhom lil uliedhom, jew żwieġhom jew missirijiethom ibaħħru fuq il-bastimenti Ingliżi u xi wħud minn dawn ħallew ħajjithom fil-battalji navali qerrieda bħal dik ta' Jutland.

Fis-sena 1920-1921, permezz ta' festi solenni, tfakkar l-Ewwel Ċentinarju mit-twaqqif tal-Kolleġġjata tal-Birgu.

L-Arċipriet Ġwakkin Grech miet fit-18 ta' Awwissu 1924 u jinsab midfun fil-kripta, taħt l-artal maġġur, tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Fil-ġurnal *Daily Malta Chronicle* (25 ta' Awwissu 1924, p. 10), inkiteb hekk dwaru: "*A model priest, an earnest Christian, a faithful toiler in the service of his divine Master ... displaying those qualities of heart and mind together with exemplary piety which had won for him universal regard and affection.*"

## Kanonku Dun Pawl Galea (1942-1964)

Twieled il-Birgu fis-17 ta' Diċembru 1906 u



# GET TO VALLETTA BY FERRY

**SLIEMA • VALLETTA**

**3 CITIES • VALLETTA**

TO REACH VALLETTA FROM SLIEMA AND THE 3 CITIES

***AVOID TRAFFIC JAMS AND PARKING PROBLEMS***

## PRICE

**ADULT**

DAY SINGLE - €3.00

DAY - RETURN - €5.00

**CHILDREN**

DAY SINGLE - €1.00

DAY - RETURN - €1.50



**TAP YOUR TALLINJA CARD, TO TRAVEL FOR FREE!**




MALTA PUBLIC TRANSPORT

tm Transport Malta

VALLETTA FERRY SERVICES

# FERRY SCHEDULE
## VALLETTA TO 3 CITES

DAILY SCHEDULE · SUNDAYS & PUBLIC HOLIDAYS SCHEDULE · NIGHT SCHEDULE

| WINTER 01/11 to 31/05 COSPICUA | WINTER 01/11 to 31/05 VALLETTA | SUMMER 01/06 to 31/10 COSPICUA | SUMMER 01/06 to 31/10 VALLETTA |
|---|---|---|---|
| 06.30 | 06.45 | 06.30 | 06.45 |
| 07.00 | 07.15 | 07.00 | 07.15 |
| 07.30 | 07.45 | 07.30 | 07.45 |
| 08.00 | 08.15 | 08.00 | 08.15 |
| 08.30 | 08.45 | 08.30 | 08.45 |
| 09.00 | 09.15 | 09.00 | 09.15 |
| 09.30 | 09.45 | 09.30 | 09.45 |
| 10.00 | 10.15 | 10.00 | 10.15 |
| 10.30 | 10.45 | 10.30 | 10.45 |
| 11.00 | 11.15 | 11.00 | 11.15 |
| 11.30 | 11.45 | 11.30 | 11.45 |
| 12.00 | 12.15 | 12.00 | 12.15 |
| 12.30 | 12.45 | 12.30 | 12.45 |
| 13.00 | 13.15 | 13.00 | 13.15 |
| 13.30 | 13.45 | 13.30 | 13.45 |
| 14.00 | 14.15 | 14.00 | 14.15 |
| 14.30 | 14.45 | 14.30 | 14.45 |
| 15.00 | 15.15 | 15.00 | 15.15 |
| 15.30 | 15.45 | 15.30 | 15.45 |
| 16.00 | 16.15 | 16.00 | 16.15 |
| 16.30 | 16.45 | 16.30 | 16.45 |
| 17.00 | 17.15 | 17.00 | 17.15 |
| 17.30 | 17.45 | 17.30 | 17.45 |
| 18.00 | 18.15 | 18.00 | 18.15 |
| 18.30 | 18.45 | 18.30 | 18.45 |
| 19.00 | 19.15 | 19.00 | 19.15 |
| | | 19.45 | 20.00 |
| | | 20.35 | 20.50 |
| | | 21.20 | 22.00 |
| | | 23.00 | 23.15 |
| | | 23.30 | 00.00 |

**NIGHT SERVICE**

SINGLE - €3.50

RETURN - €5.20

# FERRY SCHEDULE
## SLIEMA TO VALLETTA

DAILY SCHEDULE · SUNDAYS & PUBLIC HOLIDAYS SCHEDULE · NIGHT SCHEDULE

| WINTER 01/11 to 31/05 SLIEMA | WINTER 01/11 to 31/05 VALLETTA | SUMMER 01/06 to 31/10 VALLETTA | SUMMER 01/06 to 31/10 SLIEMA |
|---|---|---|---|
| 06.45 | 07.00 | 06.45 | 07.00 |
| 07.15 | 07.30 | 07.15 | 07.30 |
| 07.45 | 08.00 | 07.45 | 08.00 |
| 08.15 | 08.30 | 08.15 | 08.30 |
| 08.45 | 09.00 | 08.45 | 09.00 |
| 09.15 | 09.30 | 09.15 | 09.30 |
| 09.45 | 10.00 | 09.45 | 10.00 |
| 10.15 | 10.30 | 10.15 | 10.30 |
| 10.45 | 11.00 | 10.45 | 11.00 |
| 11.15 | 11.30 | 11.15 | 11.30 |
| 11.45 | 12.00 | 11.45 | 12.00 |
| 12.15 | 12.30 | 12.15 | 12.30 |
| 12.45 | 13.00 | 12.45 | 13.00 |
| 13.15 | 13.30 | 13.15 | 13.30 |
| 13.45 | 14.00 | 13.45 | 14.00 |
| 14.15 | 14.30 | 14.15 | 14.30 |
| 14.45 | 15.00 | 14.45 | 15.00 |
| 15.15 | 15.30 | 15.15 | 15.30 |
| 15.45 | 16.00 | 15.45 | 16.00 |
| 16.15 | 16.30 | 16.15 | 16.30 |
| 16.45 | 17.00 | 16.45 | 17.00 |
| 17.15 | 17.30 | 17.15 | 17.30 |
| 17.45 | 18.00 | 17.45 | 18.00 |
| 18.15 | 18.30 | 18.15 | 18.30 |
| 18.45 | 19.00 | 18.45 | 19.00 |
| 19.15 | 19.30 | 19.15 | 19.30 |
| | | 19.45 | 20.00 |
| | | 20.15 | 20.30 |
| | | 21.15 | 22.30 |
| | | 22.00 | 22.30 |
| | | 23.00 | 23.35 |
| | | 23.45 | 00.00 |

**NIGHT SERVICE**

SINGLE - €3.50

RETURN - €4.80



*Bandalora: Kan Dun Pawl Galea*



*Bandalora: Kan Dun Lawrenz Mifsud*

ngħata l-pussess bħala Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fis-6 ta' Diċembru 1934. Fl-4 ta' Ottubru 1940 inħatar Vigarju Kurat tal-parroċċa tal-Birgu fi tmiem il-parrokat tal-Arċipriet Farrugia.

Minkejja d-diffikultajiet kbar li ġiebet magħha t-Tieni Gwerra Dinjija, meta l-Birgu sar ħerba u triqat sħaħ iġġarrfu bil-balal tal-*Luftwaffe*, Dun Pawl baqa' fil-parroċċa, jaqdi d-dmirijiet tiegħu mal-ftit nies li kienu joqogħdu fix-xelters imħaffra fil-blat tal-foss li jifred il-Birgu minn Bormla. Fl-attakk tas-16 ta' Jannar 1941, ħelisha minn ħalq il-mewt meta waqgħet is-sagristija ta' San Lawrenz u bosta mietu mirduma fiha.

Fl-14 ta' Frar 1942, il-Kanonku Galea ngħata l-pussess ta' Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Birgu b'ċerimonja privata, fl-oratorju tal-knisja ta' Stella Maris, Tas-Sliema. Fil-festa ta' *Corpus Domini*, 8 ta' Ġunju 1944, il-knisja ta' San Lawrenz infetħet għall-pubbliku. Dakinhar saret quddiesa solenni bil-mużika u ħarget il-purċissjoni bis-Santissimu Sagrament. Fit-30 ta' Lulju tal-istess sena, l-Arċipriet Galea nġabar, flimkien mal-Kapitlu u l-kleru, madwar l-istatwa ta' San Lawrenz, f'pellegrinaġġ devot mill-Kolleġġjata ta' Bormla għal dik tal-Birgu.

Fid-19 ta' April 1964 ingħata l-pussess ta' Kanonku tal-Katidral tal-Imdina. Sal-1983 baqa' joqgħod il-Birgu u kien iqaddes kuljum fil-knisja Kolleġġjata. Miet fid-29 ta' Marzu 1996 u ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

### *Kanonku Dun Lawrenz Mifsud (1964-1983)*

Twieled il-Birgu fil-15 ta' Settembru 1933 minn Lawrenz u Teresa mwielda Seychell. Wara li ġie ordnat saċerdot fl-14 ta' Marzu 1959, wettaq ministeru pastorali fil-parroċċa taż-Żejtun, fejn kien organista u ħa ħsieb bosta għaqdiet ta' din il-parroċċa. Fil-21 ta' Marzu 1962 ingħata l-pussess bħala Kappillan ta' Marsaxlokk fejn dam sal-1964.


Roman
Fresh fish directly from a fisherman's son


ROLLING GEEKS
your tour, your way
TOUR OF THE THREE CITIES
www.rolling-geeks.com

Fis-26 ta' Lulju 1964 ingħata l-pussess ta' Arċipriet tal-Birgu fejn ħabrek bla heda biex fil-parroċċa jitwettaq t-tibdil li ġab il-Konċilju Vatikan II fil-Knisja Kattolika.

Fl-1965 inżammet it-Tifkira tar-Raba' Ċentinarju tal-Assedju l-Kbir u fl-1970 saret it-tifkira tal-150 sena minn meta l-Matriċi tal-Kottonera saret Kolleġġjata.Il-parrokkat tiegħu fil-parroċċa tal-Birgu ntemm fl-1983 wara li kien innominat Arċipriet tal-parroċċa tas-Siġġiewi. Fl-istess sena ġie maħtur Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Kien ukoll kappillan tal-Ordni, kemm ta' San Ġwann u kif ukoll tas-Santu Sepulkru.

Fl-1994 inħatar monsinjur u ftit wara sar Prorettur tal-KonKatidral ta' San Ġwann fejn serva bħala membru attiv tal-Fondazzjoni tal-istess KonKatidral. Kien ukoll Rettur tas-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù f'Ħaż-Żebbuġ. Miet fl-20 ta' Ġunju 2017 u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz, il-Birgu.

***Kanonku Dun Pawl Raggio (1983-1991)***
Imwieled il-Birgu fit-23 ta' Awwissu 1941, minn Salvu u Lorenza mwielda Portelli. Wara xi snin jaħdem, l-ewwel fit-Tarzna ta' Malta u wara mal-Gvern, fl-1963 mar ikompli jistudja għal qassis fl-Arċidjoċesi ta' Olinda u Recife fil-Brażil. Fil-25 ta' Mejju 1969 l-Arċisqof ta' Recife, is-Serv t'Alla Monsinjur Helder Camara ordnah saċerdot fil-knisja tal-Madonna ta' Fatima, parroċċa ta' Mangabeira – Casa Amarela.

Fit-3 ta' Awwissu 1969 iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-knisja ta' San Lawrenz, il-Birgu. Lura l-Brażil, ingħata l-kariga ta' Assistent Kappillan fil-parroċċa fejn kien ġie ordnat saċerdot. F'Jannar tal-1972 inħatar Kappillan tal-parroċċa San Ġuda Taddew f'Cajveiro – Recife, il-Brażil.

Minħabba raġunijiet ta' saħħa, f'Awwissu 1974, irritorna Malta u kompla l-ħidma



*Bandalora: Kan Dun Pawl Raggio*

pastorali tiegħu fil-parroċċa tal-Birgu u dik tal-Madonna ta' Lourdes, Raħal Ġdid. Fl-1 ta'Awwissu 1975 ingħata l-pussess ta' Kanonku fil-Kolleġġjata ta' belt twelidu.

Fl-1983 ġie maħtur Arċipriet tal-Birgu. Matul il-parrokkat tiegħu, fl-1990 ġie ċċelebrat id-Disa' Ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa. Fis-26 ta' Mejju 1990, Dun Pawl laqa' fil-Birgu lil San Ġwann Pawl II, Papa, li, waqt żjara ta' tlitt ijiem f'Malta, għadda mill-Birgu bil-*Popemobile* fi triqtu lejn laqgħa mal-ħaddiema fil-Kottonera.

F'Settembru tal-1991 ġie nominat Kappillan ta' Ħal Balzan. Fl-istess sena nħatar Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Wara li temm il-ħidma tiegħu f'Ħal Balzan fl-1997, serva ta' direttur spiritwali fis-Seminarju Minuri u beda jgħin fil-parroċċa ta' Ħad-Dingli. Aktar tard serva ta' Rettur tal-knisja ta' San Martin fil-Baħrija.

Fl-2005 beda jservi bħala kappillan tas-sorijiet ta' Santa Skolastika tal-Birgu u



CORONATION CANDLES
CANDLE MAKING SUPPLIES
JAR
WICKS
WAX
FRAGRANCE
PIGMENTS
Coronation Candles
Tel: 21 461320 | Email: info@allchemmalta.com
Coronation Candles, Allchem Ltd., BLB 45A, Bulebel Industrial Estate, Zejtun, Malta




CAFE DU BRAZIL
The sign of good taste..!
1, Pjazza Belt Rebbieħa, Birgu | 99957997
Open Monday to Sunday 7.00am - 7pm

fl-istess ħin jgħin fil-parroċċa tal-Kalkara. Il-Ħadd, 5 ta Novembru 2006 inħatar mill-ġdid bħala Kanonku Effettiv u fl-2018 inħatar Kanonku Primiċerju. Fl-2006 inħatar Kappillan tal-Papa bit-titlu ta' Monsinjur.

***Kanonku Dun Danjel Farrugia (1991-1997)***

Twieled f'Birżebbuġa fil-5 ta' Ġunju 1951 u kien ordnat saċerdot fis-27 ta' April 1975. Serva bħala Viċi Kappillan fil-parroċċi ta' Birżebbuġa, il-Ħamrun (San Gejtanu) u Ħaż-Żabbar. Fl-1979 intbagħat mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca bħala missjunarju fil-Libja. Fit-3 ta' Novembru 1991 ingħata l-pussess ta' Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Fil-parrokkat tiegħu ħadem ħafna pastoralment u kien strumentali biex fl-1997 inġabet mill-Vatikan ir-relikwa tar-Ras ta' San Lawrenz. Huwa temm il-ħidma tiegħu ta' Arċipriet tal-Birgu fl-4 ta' Settembru 1997.

Ftit jiem wara huwa ntbagħat mill-ġdid il-Libja fejn serva bħala Vigarju Ġenerali tal-Vigarjat Appostoliku ta' Tripli. Fil-Libja, għal bosta snin, ħadem mal-komunità tal-patrijiet Franġiskani fil-knisja ta' San Franġisk f'Al Dahra, Tripli, mal-komunitajiet tas-sorijiet li wħud minnhom kienu Maltin u mal-ħaddiema minn pajjiżi differenti fosthom Malta.

Wara ħafna snin ta' ħidma pastorali fil-Libja, intbagħat bħala direttur spiritwali tas-seminaristi mill-Afrika u l-Asja fil-*Collegio Pontificio Urbano di Propaganda Fidei* f'Ruma. F'dawn l-aħħar snin wettaq ħidma fil-formazzjoni tas-saċerdoti fiċ-*Cittadella Internazionale* tal-Moviment tal-Fokolari, qrib Firenze. Illum qiegħed jagħti sehmu fiċ-Ċentru tal-Fokolari għas-Saċerdoti u Djakni Permanenti fi Grottaferrata, qrib Ruma.

***Kanonku Dun Joe Cilia (2011-2015)***

Twieled fit-30 ta' Diċembru 1971 u trabba fil-parroċċa tal-Mosta. Ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Awwissu 2001 u l-ewwel ħidma pastorali tiegħu kienet fil-parroċċa tal-Imġarr. Wara għamel tliet snin Viċi Parroku fil-parroċċa ta' San Bastjan, Ħal Qormi. Kien ukoll direttur spiritwali fl-iskola sekondarja Tal-Ħandaq, Ħal Qormi. Bejn l-2006 u l-2011 kien Kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Safi.

Fis-17 ta' Lulju 2011 ingħata l-pussess ta' Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Fl-erba' snin li hu għamel bħala Arċipriet ħadem fuq bosta proġetti ta' restawr fosthom il-kwadri tal-*Via Sagra* l-antika u l-irħam tal-pilastri tal-korsija. Wara li is-Soċjetà tal-*MUSEUM* għalqet l-oqsma li kellha fil-Birgu, flimkien ma' Fr John irsista ħafna biex organizza ċ-Ċentru tal-Katekiżmu.

Bħala kanonku ta' din il-Kolleġġjata, irċieva mingħand l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann id-dekorazzjoni *Croce dell'Ordine al Merito Melitense 'pro piis meritis'* u aktar tard irċieva l-insinja ta' Kappillan Konventwali Onorarju tal-Ordni ta' San Ġwann. Fl-2014, il-festi titulari ta' San Lawrenz fil-Birgu bdew



*Bandalora: Kan Dun Danjel Farrugia*

## Il-Kumitat u l-membri taċ-Ċentru Laburista tal-Birgu jixtiequ jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd

Ċentru Laburista
Misraħ ir-Rebħa Vittoriosa

## Il-Kumitat u l-membri tal-Każin Nazzjonalista tal-Birgu jixtiequ jawguraw il-festa t-tajba lil Vittoriosani kollha

Każin Nazzjonalista
Triq Desain - Vittoriosa



*Bandalora: Kan Dun Joe Cilia*



*Bandalora: Kan Dun Karm Busuttil*

aktar kmieni mis-soltu għar-raġuni li l-knisja Kolleġġjata laqgħet fiha għall-ewwel darba fl-istorja, ir-relikwija insinji tad-demm tal-qaddis patrun San Lawrenz. Din ir-relikwija, fost l-aktar relikwiji popolari ta' San Lawrenz, inġiebet mill-Bażilika Kolleġġjata ta' Santa Marija, f'Amaseno, l-Italja, nhar il-Ħamis 24 ta' Lulju. Dakinhar, fil-Kolleġġjata sar pontifikal solenni immexxi minn Monsinjur Pawl Cremona OP, Arċisqof ta' Malta, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Birgu u rappreżentanti tal-Kolleġġjata ta' Amaseno. Wara l-pontifikal, ir-relikwija kienet esposta għall-qima tal-pubbliku fil-knisja.

F'Mejju 2015 temm il-parrokkat tiegħu fil-Birgu wara li ġie nnominat Kappillan Ħal Lija. Fl-istess sena ġie maħtur Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata tal-Birgu.

***Kanonku Dun Karm Busuttil (2015 - )***

Twieled iż-Żurrieq fil-15 ta' Lulju 1959 minn John u Antonia mwielda Caruana. Beda l-istudju tiegħu għas-saċerdozju fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù tar-Rabat Għawdex u kien ordnat saċerdot fis-27 ta' Frar 1987. Wara l-ordinazzjoni nħatar bħala Viċi Kappillan ta' Ħaż-Żabbar. Fl-1996 beda jservi fit-Taqsima Amministrazzjoni tal-Kurja u jaqdi dmirijiet pastorali fil-parroċċa ta' Santa Katerina, iż-Żurrieq. Għal bosta snin kien responsabbli mill-knisja tal-Erwieħ fil-Belt Valletta. Fil-5 ta' Ottubru 2009 inħatar Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta.

Fid-29 ta' April 2018 ingħata l-pussess ta' Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Flimkien mal-ħidma pastorali, sa mill-ewwel xhur tal-parrokkat tiegħu mbarka fuq diversi proġetti ta' restawr, fosthom il-pilastri maġġuri ta' taħt il-koppla, l-artal maġġur, il-volta tal-kor u l-kor innifsu, l-orgni, il-pulptu, iż-żewġ ostensorji ta' San Lawrenz u r-relikwarju tal-*Volto Sant*. Daħal ukoll għal proġetti ambizzjużi bħalma huma l-bdil tal-irħam tal-kappelluni tal-Karità u


BROWNS+VIRIDIAN
STRENGTHEN YOUR HEART!
A specific formulation featuring a blend of thirty supportive nutrients including vitamins, minerals and phytonutrients to promote cardiovascular health and function.
MULTIVITAMIN
Cardio
FORMULA
VIRIDIAN
60 CAPSULES
brown's
BrownsPharma
customercare@brownspharmacy.eu
www.browns.pharmacy

l-Kunċizzjoni u l-proġett tal-pittura u d-dekorazzjoni tal-koppla, proġett li sar b'fondi tiegħu personali.

Matul dan il-parrokat, fl-2019 tfakkar il-75 anniversarju tar-ritorn, wara l-gwerra, tal-istatwa titulari ta' San Lawrenz mill-Kolleġġjata ta' Bormla u fl-2020 tfakkar it-Tieni Ċentinarju mit-twaqqif tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz. It-Tielet Ċentinarju mill-konsagrazzjoni tal-knisja Matriċi ta' San Lawrenz fil-Birgu ġie ċċelebrat b'ħafna festi u okkażjonijiet speċjali fl-2023. Fl-2025 saru ċelebrazzjonijiet biex ifakkru l-1800 sena mit-twelid ta' San Lawrenz.

Bħala apprezzament għall-ħidma tiegħu umanitarja mar-refuġjati u l-familji tagħhom, ingħata l-onorifiċenza '*Croce Pro Piis Pro Merito Melitensi*' minn id il-Prinċep u l-Gran Mastru tal-Ordni Sovrana u Militari ta' San Ġwann Fra' Matthew Festing. Din iċ-ċerimonja saret fil-KonKatidral ta' San Ġwann fl-2009. Bħala Arċipriet tal-Birgu, irċieva mingħand l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann l-insinja ta' Kappillan Konventwali Onorarju tal-Ordni ta' San Ġwann. Fl-2025 ingħata t-titlu ta' 'Gran Croce' onorarju tal-Ordni ta' San Ġwann u Kavallier Ekkleżjastiku tal-Ordni Ekwestru tas-Santu Sepulkru ta' Ġerusalemm.

Nhar it-22 ta' April 2026, ingħata d-dekorazzjoni '*Gran Croce Pro Piis Meritis Pro Merito Melitensi*' mill-Ordni ta' San Ġwann f'ċerimonja li saret fil-Kolleġġjata tal-Birgu taħt il-presidenza ta' Dr Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta, u l-Prinċep Augusto Ruffo di Calabria, Ambaxxatur tal-Ordni għall-Istat Malti u s-Sinjura tiegħu. Din id-dekorazzjoni, li tingħata lil dawk il-persuni li bis-servizz tagħhom fil-Knisja u fis-soċjetà jagħtu ġieħ u jkabbru l-prestiġju tal-Ordni u l-missjoni umanitarja tiegħu, hi tal-ogħla grad u riservata għall-membri tal-kleru.

B'kollox, il-ħidma ta' dawn l-għaxar Arċiprieti tal-Kolleġġjata tal-Birgu, ħalliet marka li tmur lil hinn miż-żmien tagħhom. Permezz tat-tmexxija, il-viżjoni u d-dedikazzjoni pastorali tagħhom, il-parrokati li servew mhux biss spikkaw fost oħrajn, iżda saru xhieda ħajja ta' Knisja qrib il-poplu tagħha. Dan il-wirt jibqa' ispirazzjoni għall-ġenerazzjonijiet futuri.

*Din il-kitba hija msejsa fuq tagħrif miġjub mill-ktieb* L-Insinji Kolleġġjata u l-Kapitlu tal-Belt Vittoriosa *tal-Kan Dun Anton Zammit Gabarretta, fuq profili ta' saċerdoti tas-seklu tmintax, manuskritti minn Mons Vinċenz Borg, kif ukoll fuq profili ta' Arċiprieti mgħoddija lili mis-Sur Ġorġ Agius.* ❒




# FESTA SAN LAWRENZ 2026

**Agħmel lil xi ħadd kuntent!**
**Irregala statwa ta' San Lawrenz maħduma fl-injam (aġġru). Magħmula f'Bolzano mill-kumpanija Demi Art, maħduma u mpittra bl-idejn.**

**Prezzijiet: 15cm: €82.50 / 20cm: €128 / 30cm: €245**

**Ċempel: 99453440**

DEMI ART



SAIL TO SCIENCE
ESPLORA BY SEA
GOVERNMENT OF MALTA
PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION
XJENZA MALTA
esplora®
Quality assured
VISITOR ATTRACTION
MALTA TOURISM AUTHORITY
VisitMalta
LUZZU Tours



## Ritratt mill-Imgħoddi

Iż-żona magħrufa bħala 'Id-Daħla', illum Triq Desain (ħdejn il-*Youth Centre*), imżejna għall-festa ta' San Lawrenz fl-1927. Dan ir-ritratt jagħtina idea ta' kif kienet il-ħajja soċjali fil-Birgu madwar mitt sena ilu. Fost l-oħrajn, juri li l-biċċa l-kbira tat-tfal kienu jkunu ħafjin. Peress li r-ritratt ittieħed fi żmien l-Elezzjoni Ġenerali tal-1927, jidhru wkoll diversi kartelluni ta' propaganda tal-Partit Kostituzzjonali. Wara l-kolonna tal-Papa Urbanu II tidher it-taverna jew il-ħanut tal-ħelu *Dieci Agosto*, fejn kienu jservu t-te u l-kafè. ❒





GRÈS
PARIS

**CHRISTIAN RAGGIO -** MANIĠER LOĠISTIKA U ARMAR KUMITAT TAL-FESTA

# Armar ġdid u restawr għall-festa 2026

Il-festa titulari ta' San Lawrenz reġgħet waslet u qabilha kellna sena sħiħa ta' xogħol f'kull qasam tal-armar. Kienet sena oħra impenjattiva, tant li fix-xhur ta' wara l-festa, bdejna bil-mod bil-programm tax-xogħol li kellna ppjanat għas-sena 2026. L-ewwel xhur ta' wara l-festa huma fost l-aktar xhur impenjattivi, għax apparti ż-żarmar mit-toroq li jġebbed sa kważi nofs Settembru u t-tiwi tad-drapp, li wara jrid jiġi stivat kif suppost, ix-xhur ta' Settembru u Ottubru jidħlu diversi kuntratti ta' armar ta' arbli u palkijiet għal numru ta' attivitajiet li jsiru f'diversi lokalitajiet. Dawn huma sors ta' dħul importanti għall-Kumitat tal-Festa, li wara dak il-ħruġ sostanzjali biex issir festa kbira, tibda tirkupra ftit lura dak li jkun ħareġ. Irrid insemmi wkoll l-BirguFest organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Birgu, li għaliha trid preparamenti minn qabel biex tkun armat tajjeb.

Ma ninsewx li fejn jidħol armar, dan kollu jiġi ffinanzjat mill-Kumitat tal-Festa, apparti l-organizzazzjoni tal-festa nnifisha. Għaldaqstant, il-programm tax-xogħol tal-armar għall-festa ta' wara, dejjem jibda jirranka aktar lejn ix-xahar ta' Novembru fejn donnu kollox jikkalma u kulħadd jidħol lura fir-rutina tax-xitwa. Huma xhur importanti li matulhom isir ix-xogħol kollu li se nsemmi aktar 'il quddiem u għaldaqstant, kif kulħadd jista' jinnota, l-għajnuna volontarja matul is-sena hija importanti daqs l-għajnuna fl-armar u ż-żarmar! Intenni l-appell tiegħi ta' kull sena li l-bibien tal-imħażen huma miftuħa ghal kulħadd, xogħol hemm għal



kulħadd, anki jekk trid tieħu miegħek id-dar! Għalhekk, nieħu din l-opportunità biex qabel xejn nirringrazzja lil dawk il-volontiera kollha li matul is-sena jaħdmu fuq li jaħdmu fuq l-armar ġdid, jew manutenzjoni li jkun hemm bżonn, kemm fl-imħażen u anki mid-djar tagħhom. Intenni, l-għajnuna fix-xhur tax-xitwa hija importanti ħafna, apparti li huwa ċ-ċans li wieħed jista' jitgħallem xi ħaġa u forsi 'l quddiem persuna tista' tibni l-karriera tagħha jew tieħu sengħa fuq l-opportunitajiet li joffri x-xogħol tal-festa.

Dan li ġej hu x-xogħol kollu li sar matul ix-xhur li għaddew u għal darb'oħra, nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna u fuq kollox, il-ħin tagħhom. Jalla t-temp jippermetti biex ingawdu l-armar meraviljuż fil-jiem tal-festa tal-patrun tagħna.

***Kolonni u statwi***

- ❑ Żewġ kolonni ġodda għal fuq iz-zuntier
- ❑ Restawr ta' erba' trufej










**AMABILE GALEA & SONS LTD**

**CONTRACTORS OF IRON & ALUMINIUM WORKS**

T: 2182 4287 E: galeaamabile@gmail.com FB: Amabile Galea & Sons Ltd.

**amabilegalea.com**

❑ Irħamar ta' turġien
❑ Żewġ anġli ġodda
❑ Restawr tal-anġli

Għaz-zuntier tal-ġenb tal-knisja, inħadmu żewġ kolonni ġodda fuq disinn ta' Silvio Pace u x-xogħol fl-injam ta' Richard Agius. Għal dawn il-kolonni, se jiżżanżnu wkoll żewġ anġli mill-isbaħ tal-artist Għawdxi Michael Cutajar Zahra, xi ħaġa li ilna biex nerġgħu naraw fil-festa tagħna. Barra minn hekk erġajna bdejna bil-mod nagħmlu r-restawr u manutenzjoni fuq l-anġli ta' Triq il-Mina l-Kbira. Dan ix-xogħol qed isir mill-artist Vittoriosan Andrew Bugeja. B'hekk kontinwament tibqa' tingħata wkoll l-attenzjoni meħtieġa fuq dawn l-anġli biex ma jitħallewx jitkagħbru ħafna, qabel ma jkun imisshom ir-restawr.

Din is-sena komplejna bil-programm tar-restawr tal-injam, biex b'hekk dan ukoll qatt ma jiġi traskurat u dejjem jinżamm fl-aħjar stat possibbli. Fil-fatt ġew irrestawrati erba' trufej miż-żgħar ta' Triq Nestu Laiviera, bix-xogħol ta' restawr u tiswijiet meħtieġa jsiru kollha volontarjament minn Adrian Saliba, waqt li l-irħamar tagħhom u anki tal-kolonni l-ġodda sar minn Sandro Schembri u l-induratura bid-deheb minn Roderick Busuttil. Għall-armi ta' dawn it-trufej, is-sena l-oħra saret *PAX* ġdida fl-injam għaċ-ċentri tagħhom u li dawn din is-sena ġew indurati minn Ryan Catania. Sandro rħama wkoll numru ta' turġien li saru ġodda, fosthom tat-trufej u l-anġli tal-Pjazza, tal-kolonni taz-zuntier tal-knisja u oħrajn li kellhom xi ħsarat. Mill-Pjazza jonqos biss it-turġien tal-kolonni tal-qaddisin, li nittamaw li jsiru s-sena d-dieħla, biex b'hekk kollox ikun uniformi u kif suppost.

Din is-sena nħadmet ukoll mill-ġdid it-tarġa l-kbira tal-kolonna ta' Santa Paċenzja, bi struttura aħjar tal-ħadid minn ġewwa biex tkun aktar b'saħħitha. Ix-xogħol tal-ħadid sar minn Mario Muscat u l-injam sar minn



*Waħda mill-kolonni l-ġodda li saru għaz-zuntier tal-ġenb tal-knisja.*

Richard Agius. Finalment, ingħalaq ix-xogħol tal-induratura fuq l-iskultura tal-kolonni ta' Triq il-Mina l-Kbira minn Pawlu Borg Cardona u sfumar ta' Christian Galea. Għen ukoll f'dan ix-xogħol Joe Grixti u Alex Gatt, li ħa ħsieb it-twaħħil tal-iskultura kollha. Nirringrazzja wkoll lil Lionel Cassar u lil Daniel Bezzina li għenu fl-ixkatlar u ż-żebgħa tat-trufej, kolonni u turġien.

### *Pavaljuni u bandalori*

❑ Erba' pavaljuni għal Triq Paċifiku Scicluna
❑ Sfumar ta' pavaljuni u bandalori
❑ Armi tal-bnadar tat-trufej

Din is-sena mhux se nżanżnu ħafna drapp ġdid għaliex il-Kumitat ħass il-ħtieġa li jingħalaq mill-isfumar ħafna mix-xogħol li sar f'dawn l-aħħar sentejn. Apparti hekk, sar xogħol ieħor importanti fejn jidħlu statwi u kolonni, kif diġà spjegajt aktar 'il fuq.


PAUL CILIA
BUILDING CONTRACTORS,
PLANT FOR HIRE
• Cranes • Bobcats
• Tower Ladders
• Mini Skips
• Concrete mixer
with High Up
Mob: 9949 9623
Email: paul.ciliabros@gmail.com


E.L.A. LIMITED
LICENSED SCRAPYARD
End of Life Vehicles (ELV)
31, Wied Ghammieq Road, Kalkara
Tel: (+356) 21896023
Fax: (+356) 21666720
Mob: (+356) 99495035/99477294
Email: ela@onvol.net



*Il-pavaljuni l-ġodda li saru għal Triq Pacifiku Scicluna, disinn tal-1958 ta' Emmanuel Buhagiar*

Fil-fatt se nkunu qed inżanżnu biss sett wieħed ta' pavaljuni għal Triq Paċifiku Scicluna fuq disinn ieħor antik tal-Vittoriosan Emmanuel Buhagiar tal-1958, disinn magħruf aktar bħala 'tal-ħames patalotti'. Żgur li kulħadd jiftakar dan il-famuz disinn fil-passat fl-iskontri kollha ta' Triq il-Mina l-Kbira u għaldaqstant se nkunu qed nerġgħu naraw dan id-disinn tant sabiħ. Ix-xogħol ta' tfassil sar minn Joseph Schembri bl-għajnuna ta' Cameron Cachia, waqt li l-ħjata saret minn Ruth Zammit u l-qtugħ tad-disinn minn Ivan Zammit. Matul is-sena tkompla wkoll ħafna sfumar, fosthom fuq il-pavaljuni ta' Triq San Filippu, Hilda Tabone, Dun Alwig Fenech u San Duminku, kif ukoll l-isfumar tal-bandalori ta' Triq San Lawrenz. Magħhom, sar disinn ġdid minn Jeremy Cachia, għas-sopraporti tal-pavaljuni ta' Triq San Filippu, li dawn ġew ukoll miżbugħa mill-ġdid minn Joe Grixti u wara sfumati bid-disinn il-ġdid.

Barra minn hekk tkomplew u kważi tlestew kollha l-armi tal-bnadar tat-trufej ta' Triq San Lawrenz u Triq Nestu Laiviera, biċċa xogħol kbira, volontarja u professjonali minn Christian Galea. Dawn wara ġew imfassla fuq il-bnadar minn Joseph Schembri, waqt li l-ħjata saret minn Ruth Zammit bl-għajnuna ta' Ivan Zammit.

## Bnadar, liedna, fustuni u arbli

- ❑ Bnadar ġodda għas-swar u l-knejjes
- ❑ Liedna ġdida u kukkardi
- ❑ Fustuni ġodda tad-dawl
- ❑ Arbli ġodda u manutenzjoni

Ma jistax jonqos li sena wara oħra nkomplu nżanżnu numru ta' bnadar ġodda, kemm għall-festa kif ukoll sekondarji għall-arbli tas-swar, knejjes u bjut oħra. Ix-xogħol tagħhom jieħu ħsiebu Salvu Attard waqt li Tessie Scicluna tidħol dejjem għax-xogħol tal-ħjata. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawn it-tnejn min-nies li minkejja l-età tagħhom, l-għajnuna għall-festa qatt ma waqfet. Christian Galea ħa ħsieb li jitpitter




FORTINI KIOSK



Trerenju ġdid fuq waħda mill-bnadar ġodda tal-Papa.

Din is-sena kienet sena rekord għall-ħidma tal-liedna minn Mario Treeby li f'isem il-Kumitat, nixtieq nirringrazzjah tal-eluf ta' piedi ta' liedna li ħadem! Aktar minn erbat elef pied ta' liedna għat-triq tal-purċissjoni li jkopru Triq il-Kardinal Prospero Grech, Paċifiku Scicluna, Arċisqof Gonzi u Torri ta' San Ġwann (ara artiklu separat dwar Mario u l-liedna li ħadem għall-festa f'paġna 45). Il-kordinazzjoni u l-preparazzjoni tal-plastik tal-liedna sar minn Alessandro Montesin, li ħa ħsieb ukoll li jsiru ġodda aktar minn ħamsin kukkarda ħomor li jikkumplimentaw il-liedna. Għal dawn il-kukkardi nħadmu denbijiet tad-drapp minn Kristian Brincat.

Giovann Raggio ħa ħsieb li din is-sena jaħdem numru sostanzjali ta' fustuni ġodda. Fil-fatt matul is-sena Giovann ħadem erba' settijiet ta' fustuni għall-arbli tat-Torri ta' San Ġakbu, fustun għaċ-ċinta tal-Awla tal-parroċċa, fustun għall-arblu ta' wara l-Awla u ieħor għall-arblu tal-mina ż-żgħira fuq *Couvre Porte*. Xogħol li jsir id-dar, bħalma ssir il-ħjata tal-pavaljuni u l-ħidma tal-liedna li forsi ma jidhrux, iżda li tant huma meħtieġa.

Marbuta mad-dwal ukoll, ma nistax ma nsemmix il-proġett tad-dawl tal-faċċata tal-knisja li qed nittamaw li l-biċċa l-kbira tax-xogħol ikun lest is-sena d-dieħla. Spiża oħra kbira li daħal għaliha l-Kumitat tal-Festa tul dawn l-aħħar snin. Fuq dan il-proġett, nirringrazzja lil Arthur Demarco u Mario Raggio tal-għajnuna tagħhom biex ix-xogħol isir bl-aktar mod professjonali. U sintendi l-għajnuna ta' Anton is-sagristan, li jieħu ħsieb jikkordina kull xogħol li jsir fil-knisja.

Inħadmu wkoll sitt arbli ġodda minn Mario Muscat għal Triq il-Foss (is-Suq tal-Ħut) biex b'hekk tneħħew l-antiki tal-injam. Barra minn hekk, inżebgħu mill-ġdid numru sostanzjali ta' arbli tal-injam u tal-ħadid li jintramaw fit-toroq. Għenu f'dan ix-xogħol Chris Zahra, Christian Sammut, Glenn Agius, Lawrence Avellino, Duncan Mizzi, Dale u Floyd Spacy, Jacob Busuttil, Zak Darmanin u volontiera oħra. Din is-sena, tniżżel għall-manutenzjoni l-arblu tas-Sala Parrokkjali wara ħames snin. Hawnhekk nirringrazzja lill-kumpanija *MJK* talli provdew b'xejn is-servizz tal-krejn għall-inżul u t-tlugħ tal-arblu u lil Lawrence Avellino li daħal għall-biċċa xogħol tal-manutenzjoni ta' dan l-arblu. Apparti dan l-arblu, Lawrence żebagħ ukoll mill-ġdid l-arbli u l-pajpijiet, tat-Torri ta' San Ġwann bl-għajnuna ta' Christian Sammut, Daniel Bezzina u volontiera oħra. Sar ukoll xogħol fuq l-arblu tal-kampnar ta' San Filippu minn Loran Zarb biex dan ikun aktar sigur għall-volontiera biex jitla' u jinżel.

Din is-sena sar xogħol ta' manutenzjoni u anki induratura fuq numru sostanzjali ta' pumi tal-arbli u tal-pavaljuni. Nirringrazzja lil Kevin Avellino li din is-sena ħa ħsieb li jdur waħda sew dawn il-pumi li mbagħad uħud minnhom kienu indurati. Ma' dan ix-xogħol saru wkoll numru ta' ventijiet ġodda tal-pavaljuni u tad-dwal tat-toroq biex b'hekk dawn inbidlu ma' oħrajn qodma. Sar xogħol ta' manutenzjoni fl-imħazen tal-festa biex dawn jinżammu fl-aħjar stat possibbli, għax fihom jinżamm l-armar kollu tal-festa.

Nixtieq nirringrazzja lil Charlie Debattista li din is-sena ħa inizjattiva biex jinbidel id-drapp u d-dawl tan-niċċa ta' 'San Lawrenz Jagħti d-Dawl lill-Għomja' li jinsab fl-Oratorju ta' San Ġużepp. L-ispejjeż tħallsu kollha mill-fondi tal-Mużew tal-Parroċċa. Id-damask il-ġdid tfassal minn Joseph Schembri u nħit minn Ruth Zammit. Joseph, flimkien ma' għadd ta' volontiera, ħadu ħsieb ix-xogħol kollu tat-twaħħil, kemm tad-damask, kif ukoll tad-dawl il-ġdid.

### *Attivitajiet u ġbir ta' fondi*

Dan ix-xogħol kollu ma jistax isir jekk ma



Professional Sound System Equipment
for Large and Small Events
Specialising in PA Systems for Live Events
a-sound
Stefan Gauci
Triq il-Falkunier, Fgura - Malta
Mob: +356 7947 7815
e-mail: info@asound.com.mt




ALISON
ZERAFA CIVELLI
MINISTRU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI
MINN QALBI NAWGURALKOM
IL-FESTA T-TAJBA!
+356 7900 8200 / 7955 5880
info@alisonzerafacivelli.com
alisonzerafacivelli.com



*Waqfa għall-mistrieħ waqt il-ħidma tal-armar fil-ġranet ta' qabel il-festa*

jkollokx ir-rota finanzjarja dejjem iddur. Hawnhekk nirringrazzja lil Roderick Privitelli, Elton Gellel u Jeffrey Grixti tal-kordinament kontinwu tagħhom għall-attivitajiet li jsiru mill-Kumitat tal-Festa matul is-sena, kif ukoll għall-inizjattivi oħra ta' ġbir ta' fondi b'risq il-festa, inkluż il-*merchandise* tal-Kumitat. Dan kollu jkompli jingħaqad ma' sorsi oħra ta' ġbir ta' fondi matul is-sena, fosthom it-tombla u l-*coffee mornings* li tieħu ħsieb Doreen Raggio u l-volontiera, il-bejgħ tad-drapp, il-ġbir annwali tal-arbular mill-kaxxier Glenn Agius u Tony Raggio u l-ġbir kollu li jsir matul is-sena għal dan ix-xogħol imsemmi, minn numru ta' partitarji Palmizi u devoti ta' San Lawrenz, li japprezzaw xogħolna u jħobbu l-festa titulari! Nixtieq nieħu spunt biex inħeġġeġ dejjem lill-partitarji Palmiżi biex il-festa ma tkunx biss fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu, iżda s-sena kollha. L-għajnuna finanzjarja tagħkom u l-preżenza tagħkom fl-attivitajiet li jiġu organizzati, ikomplu jsostnu x-xogħol li jsir minn dawn il-volontiera kollha li jagħtu ħafna mill-ħin tagħhom jaħdmu għall-festa li tant inħobbu ad unur il-patrun tagħna.

Biex nagħlaq, nibda billi nirringrazzja lill-Arċipriet, il-Kan Dun Karm Busuttil tal-appoġġ kontinwu tiegħu bħala President tal-Kumitat u lil Fr John Avellino għax-xogħol siewi li jwettaq magħna fil-Kumitat bħala Segretarju, iżda wkoll bħala saċerdot ħaj fil-parroċċa tal-Birgu. Grazzi wkoll lis-Sindku John Boxall u l-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali tal-Birgu tas-sostenn li nsibu matul is-sena f'diversi ħtiġijiet, fosthom il-permessi li jkunu meħtieġa, li jinħarġu dejjem b'mod kumplimentari.Nirringrazzja mill-ġdid lill-volontiera kollha li jaħdmu bla waqfien matul is-sena. Niskuża ruħi jekk bi żvista ħallejt lil xi ħadd barra.

Grazzi lil dawk il-partitarji kollha li matul is-sena, meta ndur lejhom għal donazzjoni għal xi bandiera, pavaljun, bandalora jew sfurmar, mill-ewwel idaħħlu jdejhom fil-but u jagħtu l-parti tagħhom. Grazzi lill-benefatturi kollha u kumpaniji li b'xi mod jew ieħor huma ta' sostenn għall-festa tagħna. Żgur li kieku mhux bl-għajnuna ta' kulħadd, ħafna minn dan kollu li semmejt, ma jkunx possibbli. Grazzi lis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi tal-kordinament u l-koperazzjoni kontinwa mal-Kumitat tal-Festa, kif ukoll lill-għaqdiet l-oħra fi ħdan il-festa, is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz u l-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu. Irrid minn hawn nirringrazzja lill-Kumitat tal-Każin tal-Banda li minn din is-sena qed jidħol għall-ispejjeż kollha tas-servizzi li jagħtu tul il-ġranet kollha tal-festa. Insomma ma nistgħux ma niftaħrux li f'sinerġija waħda, norganizzaw waħda mill-akbar festi ta' Malta. Dan bil-fatti, mhux għax ngħiduh aħna, iżda għax jistqarruh dawk kollha li jżuru u joħonqu t-toroq tal-Birgu fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu. Għax x'jiswa li torganizza festa, iżda n-nies ma jikkonkorrux? Għalhekk aħna UNIĊI, għax tassew nagħmlu festa kbira li tiġbed in-nies, festa kif tixraq ad unur San Lawrenz, patrun tal-Birgu kollu! Grazzi mill-qalb u nawgura l-festa tajba lill-Vittoriosani kollha. ❐


Malaya Store
Food & Grocery Shop
60, Main Gate Str, Vittoriosa | Tel: 27820550 Mob: 79707929
Open Monday to Saturday, 6.00-12.00 and 16.00-18.00
Wednesday and Saturday: 6.00-12.00


Book now on
EST. 1987
OLD CITY
PUB
EAT • DRINK • UNWIND
79446099



**ADRIAN SALIBA - GĦAQDA PIROTEKNIKA 10 TA' AWWISSU**

# Kuraġġ, determinazzjoni u mħabba lejn missierna San Lawrenz

Aħwa Vittoriosani, erġajna wasalna ftit jiem 'il bogħod minn festa oħra. Festa li l-belt tant għażiża għalina tiċċelebra bil-kbir, kif jixraq, lill-patrun tagħha San Lawrenz.

Għall-Għaqda Piroteknika, din is-sena ma kinitx waħda faċli. Iżda b'sodisfazzjon kbir nista' ngħid li, sforz il-ħidma bla waqfien tul is-sena kollha, se jirnexxilna għal darb'oħra, permezz tal-piroteknika, nerġgħu neċċellaw u nsaħħu l-livell tal-festa tagħna fil-Birgu. Noħolqu spettakli li sal-ġurnata tal-lum huma uniċi f'beltna.

Propju eżatt wara l-festa li għaddiet, l-Għaqda bdiet mill-ewwel taħdem u tfassal pjan ta' kif se jinġiebu l-fondi meħtieġa biex għall-festa ta' din is-sena nkunu nistgħu nerġgħu nħejju programm pirotekniku denju kif jixraq lill-Birgu tagħna. Dan il-pjan kien






**SOTTOVENTO**
**Ristorante e Pizzeria**

**Vault 2, St Angelo Waterfront, Vittoriosa**
**+356 2180 8990**
**sottovento.restaurant@yahoo.com**







jikkonsisti minn numru ta' attivitajiet u inizjattivi. Fost dawn organizzajna diversi ikliet fil-*Youth Centre*, il-famużi fenkati ta' Darren ġewwa l-*Old City Pub*, *BBQs* fuq barra, kif ukoll ikliet flimkien ma' kumitati oħra, bħal dik tal-Milied u dik tal-Ewwel Erbgħa.

Apparti dawn, ħejjejna wkoll il-famużi ġiti barra minn Malta, fejn għal darb'oħra nistgħu ngħidu li dawn kienu ta' suċċess kbir. Fi Frar żorna l-Karnival ta' Viareggio, li kienet l-ewwel ġita ta' din ix-xorta li organizzajna. F'Mejju żorna l-festa ta' San Severo f'Napli u f'Novembru se nerġgħu norganizzaw il-famuża ġita ta' Bari. Bis-saħħa ta' dawn l-attivitajiet u l-ġiti, inkunu qed nassiguraw li dak li nikkomettu ruħna għalih fil-bidu tas-sena nkunu nistgħu nwettquh.

L-Għaqda tagħna kompliet tibni fuq is-suċċessi tagħha billi reġgħet ħadet sehem fil-*Malta Fireworks Festival* bħala r-rebbieħa tal-edizzjoni tal-2025. Għal din l-okkażjoni tħejja spettaklu sinkronizzat mal-mużika fil-gżira ta' Għawdex li, għalkemm ma ħadniex sehem fuq livell kompetittiv, tista' tgħid li l-ispettaklu li ħejjejna kiseb apprezzament kbir mingħand dawk kollha preżenti. Għal darb'oħra, tal-Palma erġajna ġibna unur kemm għal din l-Għaqda, kif ukoll għall-Birgu kollu. Kien spettaklu li baqa' fuq fomm kulħadd u li ħalla memorji sbieħ li jibqgħu mnaqqxa f'qalbna u fl-istorja tal-Għaqda tagħna, filwaqt li kompla jagħti ġieħ u unur lill-Birgu.

Kmieni matul is-sena bdejna naħdmu fuq l-ordnijiet tan-nar li ppjanajna u bdejna nikkuntattjaw il-kmamar tan-nar li xtaqna naħdmu magħhom. Sfortunatament, ċertu kmamar bdew jinfurmawna li kienu wisq mgħobbija bix-xogħol u li ma kienx possibbli għalihom li jaqduna għall-programm kollu tagħna. Għalhekk, biex nagħmlu l-ordni kompluta, kellna nibdew induru fuq kmamar oħra, li diversi minnhom kienu ġodda għalina. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil Noel Castillo u lil Sandro Schembri tal-għajnuna tagħhom, li għalkemm m'għadhomx fil-kumitat magħna, xorta waħda, bl-esperjenza u l-kuntatti tagħhom, għadhom sors siewi, speċjalment f'ċirkostanzi bħal dawn. Sibna sfida mhux biss fl-ordnijiet iżda wkoll fil-prezzijiet li komplew jogħlew. Il-prijorità tagħna dejjem kienet li ma nitgħabbewx b'piż finanzjarju u loġistiku li ma nkunux nifilħu għalih, u għalhekk żammejna saqajna mal-art. Madankollu, bi sforzi kbar fl-attivitajiet u bil-ħidma ta' kulħadd minn kull aspett, xorta mxejna mal-pjanijiet li konna ħejjejna fil-bidu nett.

Problema mhux mistennija kienet l-isplużjoni li seħħet fil-kamra tan-nar ta' Lourdes f'Burmarrad. Propju ftit inqas minn xahrejn qabel il-festa, tlifna l-kaxxa tal-ħruġ kollha, b'dak kollu relatat magħha. Minn hawn nixtiequ nuru s-solidarjetà mistħoqqa tagħna ma' kull min ġarrab xi ħsarat, kif ukoll mal-piroteknċi kollha li kienu jaħdmu f'din il-kamra. Nirringrazzjaw lil Alla li ma weġġa' ħadd. M'hemmx x'tagħmel. Erġajna dħalna għal sfida oħra u bdejna naraw minn fejn se nerġgħu nixtru dak kollu li tlifna, għalkemm ma kienet faċli xejn.

Iżda Vittoriosani, serrħu raskom, mhux se nħallu lil San Lawrenz joħroġ fit-toroq ta' beltna mingħajr kaxxa denja. Tlaqna għal għonq it-triq biex negħlbu din il-problema, kulħadd flimkien b'għan wieħed – Vittoriosani kburin u determinati li nagħtu kollox għal San Lawrenz u għall-Birgu tagħna. Intant, intortament qlajna wkoll xi ftit kritika fuq il-midja soċjali minn xi wħud li jieħdu l-okkażjoni meta jiġri xi ħaġa bħal din. Iżda aħna ma naqtgħux qalbna u ma niġux intimidati. Komplejna u nkomplu bil-ħidma tagħna b'aktar determinazzjoni.

Għal darb'oħra erġajna dorna fuq il-voluntiera tagħna u n-nies tal-Birgu,


BUGIBBA • SLIEMA • BIRGU • MARSASKALA • ZURRIEQ
SOTTOZERO
the gelato factory
SOTTOZERO
the gelato factory

fejn spjegajna l-pożizzjoni tagħna, kif ukoll għamilna sejħa għal donazzjonijiet. Nista' ngħid li kienu ħafna n-nies ġenerużi li taw l-għajnuna tagħhom. Minn hawn nirringrazzjakom mill-qalb, kif ukoll nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil dawk kollha li, b'xi mod jew ieħor, ikunu ta' sostenn għall-Għaqda tagħna tul is-sena kollha. Aktar mis-sostenn finanzjarju tagħkom, napprezzaw l-appoġġ tagħkom. Il-fatt li timxu spalla ma' spalla magħna, il-fatt li tapprezzaw dak li nippruvaw nagħmlu għall-Birgu tagħna. Ilkoll kemm aħna voluntiera senza interessi, iżda hu ta' sodisfazzjon kbir għalina meta tapprezzaw is-sogru li nieħdu, ix-xogħol iebes u r-responsabbiltà li nieħdu fuqna għal Beltna.

Verament il-Birgu tagħna huwa glorjuż u unikament storiku f'pajjiżna. Verament il-festa tagħna hija waħda mill-festi maġġuri. Żgur li l-Levita Lorenzu tixraqlu festa kbira u denja, imma xejn ma jsir waħdu. L-appell tiegħi lill-Vittoriosani huwa biex jgħinu fejn jistgħu, għal wiċċ ħadd partikolari, iżda għalina, għax tagħna, u għax din Beltna hekk jixirqilha. Kull għaqda u kumitat għandu bżonn l-għajnuna biex, fl-aħħar mill-aħħar, il-piż jinqasam bejn kulħadd.

Ilkoll inkunu ħerqana biex tasal l-ewwel ġimgħa ta' Awwissu. Il-gost tiegħi nara l-Vittoriosani jinġabru minn madwar Malta kollha fil-ġranet ta' San Lawrenz. Emigranti Vittoriosani jirritornaw b'nostalġija għall-festa u jiftakru ż-żmien tal-festa ta' tfulithom. Aħna li għadna fit-tmun, demmna jbaqbaq aktar biex naraw il-frott tal-ħidma tagħna u nistennew il-jiem maġiċi madwar l-għaxra ta' Awwissu.

Is-sodisfazzjon tagħna jkun sħiħ biss b'festa kbira u kompluta b'kollox. J'Alla San Lawrenz iżomm idejh fuqna lkoll biex, għal darb'oħra, nagħmlu festa kbira, fejn kollox imur b'wiċċ il-ġid għan-nies tal-Birgu kollu. Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex mill-qalb nawgura l-festa t-tajba lill-Vittoriosani kollha. ❒




IL-BOZZA
EST. 2023
STREET LIGHTING
77479569 / 99230179
bozzastreetlighting23@gmail.com

# Programm tal-logħob tan-nar Festa San Lawrenz 2026



**IL-ĠIMGĦA, 31 TA' LULJU:**
**ĦRUĠ MIN-NIĊĊA**

8am u 12pm: Jinħarqu diversi murtali tal-bomba u murtaletti tal-ħsejjes u fuq il-bombi.

7pm: Jinħarqu diversi murtali tal-bomba, murtaletti tal-ħsejjes u fuq il-bombi, kif ukoll kaxxa nfernali hekk kif l-istatwa ta' San Lawrenz toħroġ fil-bieb tal-knisja.

**IL-ĦAMIS, 6 TA' AWWISSU:**
**IL-MARĊ TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

11:30pm: Nar sinkronizzat mal-mużika fi tmiem l-ispettaklu (Sponsorjat mis-SŻP).

**IL-ĠIMGĦA, 7 TA' AWWISSU:**

11pm: Nar sinkronizzat mal-mużika tal-Banda waqt il-kunċert *Vittoriosa in Festa* fuq il-planċier fil-Pjazza tal-Birgu, sponsorjat mis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz.

**IS-SIBT, 8 TA' AWWISSU:**
**L-ANTEVIĠILJA**

8am u 12pm: Jinħarqu diversi murtali tal-bomba, murtaletti tal-ħsejjes u fuq il-bombi.

9pm: Mal-bidu tad-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Lawrenz Jagħti d-Dawl lill-Għomja, jingħata bidu għall-ħarqa nar ta' Jum l-Anteviġilja, li tinkludi murtali tal-bomba, diversi murtaletti tal-beraq ikkulurit tal-ħsejjes, fuq il-bombi u bil-logħob, sett murtali tradizzjonali tal-kulur u kaxxa nfernali Spanjola bil-beraq ikkulurit.

12am: Tinħaraq kaxxa nfernali tal-kulur minn fuq it-Torri ta' San Ġwann hekk kif l-istatwa ta' San Lawrenz tittella' fuq il-kolonna, fost il-briju u l-ferħ tal-folla preżenti.


IT-TABIB
STEPHEN SPITERI
MEMBRU PARLAMENTARI
JAWGURA
L-FESTA TAJBA LIL
KULĦADD


SmartGenie
It senses.
It protects.
It gives you
peace of mind.
SmartGenie.
It works like magic.
21222034
Detect Silent Water Leaks
Shuts off water automatically
Protects what matters most
SmartGenie

## IL-ĦADD, 9 TA' AWWISSU: LEJLET IL-FESTA

10am: Mad-daqq tat-*Te Deum*, jinħarqu diversi murtali tal-bomba, kaxxa nfernali Spanjola u diversi murtaletti tal-bomba.

12pm: Ħruq ta' diversi murtali tal-bomba, murtaletti tal-ħsejjes u fuq il-bombi.

7.15pm: L-Għaqda tagħti tislima xierqa lir-relikwija ta' San Lawrenz waqt it-Traslazzjoni solenni li ssir lejlet il-festa mill-knisja ta' Santa Skolastika sal-knisja parrokkjali, bi ħruq ta' salut u kaxxa nfernali Spanjol. Matul il-purċissjoni jinħarqu diversi murtaletti tal-bombi, tal-ħsejjes u bil-logħob.

10pm: ***La Notte di San Lorenzo 2026***: L-ispettaklu ta' Lejlet il-Festa fil-Port il-Kbir, li jibda b'wirja ta' nar sinkronizzat mal-mużika u wara jinħarqu diversi murtali tradizzjonali bil-logħob, ħsejjes u beraq ikkulurit, segwiti minn diversi murtali tradizzjonali tal-kulur.

Fl-għeluq ikun hemm wirja kbira ta' logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika. L-ispettakli sinkronizzati kollha ħa jinħarqu bis-sistema *Pyromaster*.

11.30pm: Logħob tan-nar tal-art quddiem il-knisja parrokkjali sponsorjat mill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz.

## IT-TNEJN, 10 TA' AWWISSU: JUM SAN LAWRENZ - PATRUN TA' BELTNA

8am: L-Għaqda Piroteknika tagħti merħba lil dan l-isbaħ jum tal-Belt Vittoriosa, bi ħruq ta' diversi murtali tal-bomba, murtaletti bil-ħsejjes u fuq il-bombi. Tinħaraq ukoll kaxxa nfernali Spanjola.

11am: Waqt is-*Sanctus* tal-quddiesa jinħarqu diversi murtali tal-bomba.

12pm: Ħruq ta' diversi murtali tal-bomba, murtaletti tal-ħsejjes u fuq il-bombi.

7.15pm: L-ispettaklu pirotekniku annwali ta' Jum San Lawrenz mill-Għaqda tagħna.

Ħruq ta' salut tal-bomba hekk kif tibda ħierġa l-purċissjoni. Eżatt wara tinħaraq kaxxa nfernali bis-sistema *Pyromaster* li tkun tinkludi diversi effetti piroteknići tad-daħna kkulurita, Spanjola kkulurita, murtaletti tal-ħsejjes, fuq il-bombi, kif ukoll bil-logħob u diversi baraxxijiet.

Wara l-kaxxa tal-ħruġ, jinħarqu sett ta' murtaletti bil-logħob, kif ukoll murtaletti b'diversi tipi ta' ħsejjes u fuq il-bombi.

9pm: Tinħaraq kaxxa nfernali tal-kulur fuq it-Torri ta' San Ġwann, hekk kif il-purċissjoni tasal fi Triq il-Mina l-Kbira. Eżatt wara jinħarqu diversi murtaletti tal-beraq ikkulurit bil-ħsejjes, fuq il-bombi u bil-logħob

Dan l-ispettaklu pirotekniku ta' Jum San Lawrenz jiġi fi tmiemu b'sett murtali tradizzjonali tal-kulur u b'kaxxa nfernali.

Il-programm kollu tal-logħob tan-nar tul il-ġranet tal-festa hu kkoordinat mill-Għaqda Piroteknika 10 ta' Awwissu u nħadem minn: Kumpless tan-Nar 25 ta' Novembru, Żejtun; Kumpless tan-Nar Santa Marija, Għaxaq; Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar, Birżebbuġa; Kumpless tan-Nar Santa Marija, Mqabba; Kumpless tan-Nar Madonna tal-Ġilju, Mqabba; Kumpless tan-Nar Sant'Andrija, Luqa; Kumpless tan-Nar Santa Marija, Qrendi; Kumpless tan-Nar Santa Katarina, Żurrieq; Kumpless tan-Nar Bibli (Matthew Ellul); Kumpless tan-Nar 19 ta' Marzu, Rabat. ❒




**Mudell kompletament ġewwa l-widna.**

L-aktar mudell żgħir u diskret iżda l-aktar b'saħħtu fis-suq.

**Mudell ta' wara l-widna.**

Ċkejken, pulit, diskret u b'saħħtu, anke għal min għandu nuqqas ta' smiegħ serju.

**Ħafna nies idumu biex itejbu s-smiegħ tagħhom.
Jagħmlu ħajjithom aktar diffiċli għalxejn.
Jekk m'intix moqdi fis-smiegħ, kellimna.**

- *Screening Test* fil-klinika b'xejn
- Noffru l-aqwa teknoloġija, u fuq kollox, servizz eċċezzjonali.
- Perjodu ta' prova biex tkun ċert li mort għall-aħjar.
- Matul 23 sena, għinna mijiet ta' nies, nagħmlu ħilitna miegħek ukoll.
- Isma' u gawdi d-diskors, telefon, televiżjoni, radju u mobile.

**Nagħmlu visti fid-djar f' Malta u Għawdex.**

Noffru wkoll telefon speċjali għal min ibati b'nuqqas ta' smiegħ.



**Għin lilek innifsek u lil ta' madwarek.**
**Ċempel fuq 21576171**
jew ibgħat *email* fuq info@beacon.com.mt

BEACON
HEALTHCARE TECHNOLOGY

JEAN PAUL PARASCANDALO

# It-toroq tal-Belt Vittoriosa: ismijiet u kurżitajiet oħra

## Pubblikazzjoni ġdida tal-istoriku u riċerkatur George Agius

Il-Belt Vittoriosa hi ideali għal xi passiġġata mal-baħar, mad-dawra tas-swar u speċjalment qalb it-toroq sbieħ tagħha. Min hu midħla ta' din il-Belt jinduna bl-ammonti kbar ta' Maltin u turisti li jagħmlu dan tul is-sena kollha. Il-Birgu jista' jitqies bħala wieħed mill-ewwel żoni urbani f'pajjiżna; dan ifisser li l-peniżola tal-*Borgo* kienet minn kmieni abitata minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha. Dan il-potenzjal ġie sfruttat mill-qawwiet barranin li, mal-medda tas-snin, ħadu l-kontroll ta' dawn il-gżejjer. Id-daħliet kennija għall-irmiġġ, flimkien mal-promontorju fil-ponta tal-peniżola, offrew post ideali fejn iwaqqfu wħud mill-ewwel strutturi ta' difiża. It-tiswir tat-toroq tal-Birgu bħal f'dawk tal-ibliet medjevali, ma kienx ippjanat kif ġara aktar tard meta kienu qed jinbnew il-Belt Senglea u l-Belt Valletta. It-toroq tal-Belt Vittoriosa jidher li żviluppaw bil-mod il-mod, u ħadu l-forma tagħhom fuq medda ta' snin. Dan wassal biex din il-Belt illum hija kkaratterizzata minn għadd ta' toroq dojoq u mserrpa, li fil-maġġoranza tagħhom iwasslu lejn il-Pjazza prinċipali.

L-iktar pubblikazzjoni riċenti tal-Istoriku u r-Riċerkatur George Agius fi ħdan is-Soċjetà Storiko-Kulturali Vittoriosa, bl-għajnuna tal-i*Small Initatives Support Scheme*, tagħtina dawl mhux biss fuq il-lista tat-toroq li huma parti mill-konfini ta' Beltna, imma wkoll ġabra ddettaljata ta' informazzjoni storika, l-isfond soċjali tal-komunità tal-Birgu tul is-snin li għexet f'dawn it-toroq, ħafna tagħrif u



kurżitajiet oħra. Fost il-ħafna kurżitajiet ta' min isemmi d-diżgrazzja tal-isplużjoni tal-polverista li seħħet fit-18 ta' Lulju 1806. Din kienet waħda mill-ġrajjiet li għalkemm kienet diżgrazzja, serviet ukoll biex bdew jiġu rreġistrati ċerti ismijiet ta' toroq fil-Birgu li għadna nużaw sal-lum. Din u oħrajn żgur se jitqiesu bħal ġelu għal dawk li jħobbu mhux biss lill-Birgu, imma wkoll għal min għandu għal qalbu l-istorja ta' beltna u gżiritna.

Il-ktieb, li għandu 260 paġna, hu maqsum f'numru ta' kapitli, fejn apparti l-preżentazzjoni u d-daħla, il-qarrej se jsib l-ewwel kapitlu bħala informazzjoni ġenerali dwar il-Birgu, li minn irħajjel sar Belt u l-kapitlu li jsegwih dwar l-iżvilupp urban tal-Birgu u t-tiswir tat-toroq u l-għoti ta' ismijiethom. Fis-sitt kapitli oħra l-awtur iqassam it-toroq skont temi rispettivi. Mir-riċerka ta' George Agius nindunaw li t-toroq tal-Birgu huma msemmijin għal binijiet u palazzi (Kapitlu 3), wesgħat, inħawi




Discover more at melita.com. Terms & conditions apply.

u fortifikazzjonijiet (Kapitlu 4), irjieħ (Kapitlu 5), avvenimenti reliġjużi u storiċi (Kapitlu 6), titli Kristoloġiċi, Marjani u qaddisin (Kapitlu 7) u Vittoriosani magħrufa u oħrajn (Kapitlu 8). Biex jiffaċilita u jgħinek tifhem fejn tinsab triq partikolari, fil-parti ta' ġewwa tal-qoxra ta' quddiem tal-ktieb hemm stampata l-mappa tal-Birgu, minn Sant'Anġlu sas-swar ta' *Couvre Porte*, filwaqt li fil-parti ta' ġewwa tal-qoxra ta' wara hemm it-toroq li jinsabu 'l barra minn dawn is-swar, jiġifieri ż-żona ta' Fuq tal-Ħawli, il-Fortini u l-bqija.

Il-ktieb huwa miktub b'Malti mexxej u għalina l-Vittoriosani żgur iservi mhux biss bħala mod kif inqattgħu ftit ħin ta' rilassament, imma wkoll mezz biex nitgħallmu aktar dwar it-toroq ta' Beltna, u napprezzaw il-wirt storiku u soċjali tagħhom. Barra minn hekk il-ktieb huwa mżewwaq b'aktar minn 340 ritratt, kemm riċenti li huma meħudin b'mod professjonali, u kif ukoll oħrajn antiki meħudin mill-kollezzjoni privata tal-awtur, li żgur se jqanqlu fil-qarrej aktar kurżità, filwaqt li jagħtuna ħjiel ta' kif kienu jidhru partijiet tal-Birgu fl-imgħoddi. Ikolli nistqarr li l-frażi '*What's in a name?*', ma tgħoddx għall-ismijiet tat-toroq ta' Beltna, għax verament kull triq għandha storja x'tirrakkonta u numru kbir tat-toroq ingħataw isimhom minħabba raġuni partikolari, kif naqraw fil-ktieb. Ikolli nammetti wkoll li qabel qrajt il-ktieb, ftit li xejn kont nagħti kas tal-ismijiet tat-toroq, ħlief meta forsi jinbidel xi isem. Din il-pubblikazzjoni tagħtina ħjiel ukoll li fil-Birgu din hija ħaġa li se tibqa' ssir, anki fil-futur qrib.

Fl-aħħar kapitlu George Agius u s-Soċjetà Storiko-Kulturali Vittoriosa jsellmu żewġ personalitajiet li ħadmu qatigħ kemm għas-Soċjetà, kif ukoll għall-Birgu li tant ħabbew. Dawn huma Anton Attard u Lorenzo Zahra. Inħeġġeġ tassew lil kull min iħobb lill-Birgu u l-istorja tiegħu biex jaqbad dan il-ktieb u japprezza l-istorja rikka ta' Beltna, imma wkoll l-isforz kbir li għamel George Agius biex iniedi din il-pubblikazzjoni. Minħabba n-numru kbir ta' viżitaturi barranin li jżuru l-Birgu, il-ktieb ġie ppubblikat ukoll bl-Ingliż. ❐




PAVI PAMA

# NEW WAY TO SHOP




## DOWNLOAD THE APP NOW!

Download on the App Store
GET IT ON Google Play



**MIGUEL MIFSUD** - PRESIDENT SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ PALMIŻI

# Dak li tiżra', taħsad



Għeżież, kull sena hija rigal prezzjuż u rridu napprezzaw dak kollu li jimlina bil-ferħ u l-imħabba. Il-ħajja hija sabiħa għax ngħixuha flimkien u noħolqu memorji li jibqgħu magħna għal dejjem. Il-preżenza tal-familja, tal-ħbieb u tal-komunità tagħna fi żmien il-festa tfakkarna li ħadd mhu waħdu fil-ħajja: San Lawrenz dejjem magħna! Kemm aħna xxurtjati li rġajna qegħdin flimkien niċċelebraw festa oħra u din is-sena waħda speċjali hekk kif jien u marti, Melaine għadu kif kellna l-ewwel wild tagħna, Mae!

Tassew kburi li s-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi ħallset proġett ġdid li se jkun qiegħed jiżżanżan nhar is-6 ta' Awwissu, waqt *Symphony of Lights*. Dan ikompli mas-sensiela ta' xogħlijiet li s-Sezzjoni ħadmet fuqhom matul dawn l-aħħar snin biex nilħqu l-għanijiet li għalihom issawret din is-Sezzjoni żmien ilu. Se jkollna opra oħra li tikkumplimenta l-armar li tant niftaħru bih. Ilna ħafna nitkellmu u naħdmu biex inħejjulkom din is-sorpriża u tassew ħerqanin biex nuruhielkom u ngawduha magħkom. Nittama li dak li ħdimna għalih jogħġobkom u jservi biex jissaħħaħ il-kult Lawrenzjan. Is-Sezzjoni ħadmet biex *Symphony of Lights* jerġa' jkun spettaklu mill-isbaħ, imfittex minn ħafna nies, mhux Vittoriosani biss. Ħerqan li dis-sena nerġa' narakom titpaxxew b'dak li ħejjejnielkom.

Bis-saħħa ta' fondi li ksibna, investejna f'sistema ta' *video camera*, kompluta b'lenti u *gimbal stabiliser*. Mhux l-għan tagħna li jsir xi studio professjonali, imma nixtiequ nuru l-ħidma tal-festa u l-ħajja Vittoriosana b'filmati ta' kwalità għolja. L-armar tal-festa hu prodott ta' ħafna xogħol u jixraq li jkollna rikordju għall-posterità. Meta nqisu l-ħidma li għamlu mijiet ta' nies matul iż-żmien u bilkemm għandna ritratt tagħhom ... aħjar tard, milli qatt!

Komplejna wkoll b'attivitajiet żgħar biex inżommu r-ritmu għaddej. Il-Birgu ilu għaddej minn ċaqliq demografiku sostanzjali u l-festa qed tħossu, għalhekk importanti li nibqgħu preżenti b'attivitajiet regolari. M'iniex prużuntuż u ngħid li għandi soluzzjoni, imma jeħtieġ naħsbu fuq il-futur fit-tul tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi u tal-festa fil-Birgu. Il-poplu tal-Birgu qed jinbidel u rridu nkunu realistiċi; il-festa m'għadhiex l-unika attività soċjali u l-adolexxenti u ż-żgħażagħ għandhom għażla wiesgħa ta' żvogi, apparti l-impenji tal-iskola u x-xogħol. Aħna responsabbli li nixprunaw il-festa b'mod sostenibbli u eżemplari, meta tqis ir-realtà inġenerali tal-festi Maltin, biex inħallu wirt sabiħ u b'saħħtu lil ta' warajna, bħalma għamlu għalina ta' qabilna.

Irridu nimpenjaw ruħna biex il-festa tibqa' ħajja, b'saħħitha, mhux xi ġrajja tal-qedem li wlied uliedna jitgħallmu fuqha minn xi ktieb, fuljett jew dokumentarju. Nieħu gost nara daqstant inizjattiva biex il-festa tkompli tikber u rridu nsostnu lil min jaħdem. Ħerqan għal iktar ħidma fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi ħalli nkomplu nkabbru d-devozzjoni lejn San Lawrenz. F'isem sħabi tal-kumitat nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd! ❒










Ħinijiet tal-Ftuħ
Mit-Tlieta sal-Ġimgħa
Mit-8:00 sa 12:00 u mit-15:00 sas-18:00
Is-Sibt mit-8:00 sa 12:00

Pickless Butcher
St Rokku Street
Kalkara
Tel: 2180 7698

**LIAM DARMANIN -** SEGRETARJU SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ PALMIŻI

# "Iż-żgħażagħ huma l-ġejjieni tal-festa"

Għal darb'oħra wasal iż-żmien li nikteb kelmtejn f'dan il-programm annwali. Kull darba li niġi biex inħejji dan il-messaġġ, insib ruħi nirrifletti fuq il-mixja tiegħi fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi, li issa ilha għaxar snin parti minn ħajti.

Matul dawn is-snin rajt mill-qrib kemm din is-Sezzjoni evolviet u saħħet lilha nnifisha, tant li llum hija pilastru importanti għall-festa tant għal qalb il-Vittoriosani. Hija Sezzjoni li bil-ħidma tagħha saret waħda mill-forzi ewlenin li jmexxu 'l quddiem il-festa ta' San Lawrenz, biex minn sena għall-oħra tkompli tikber, titjieb u tibqa' fost l-isbaħ u l-akbar festi f'pajjiżna.

Ħdimna flimkien għal sena sħiħa, li matulha twieldu ħafna ideat. Din hi r-realtà li għexna bħala Sezzjoni. Il-festa li ngawdu flimkien mhijiex biss riżultat ta' ġranet ta' ċelebrazzjoni, iżda frott ta' sena sħiħa ta' ħidma kontinwa. Tul is-sena kollha, is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi tibqa' attiva, taħdem u taħseb biex iġġib 'il quddiem ideat ġodda li jkomplu jagħtu ħajja u identità lill-festa tagħna. Kemm laqgħat twal u diskussjonijiet kontinwi ikunu meħtieġa li fihom jitwieldu ideat li jispikkaw — ideat li mhux biss ikattru l-festa, iżda jkomplu jiddistingwuha u jagħmluha waħda mill-aqwa.

Li tkun parti minn dan il-Kumitat jitlob impenn, responsabbiltà u determinazzjoni, iżda li fl-aħħar mill-aħħar inħossu sodisfazzjon kbir meta naraw ir-riżultat finali.



*Tmiem il-ġimgħa fil-gżira Għawdxija*

Matul is-sena kollha, is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi tibqa' dejjem attiva b'diversi attivitajiet u inizjattivi ġodda li jkomplu jsaħħu l-ħidma tagħna u jġibu flimkien il-komunità. Fost l-attivitajiet li dejjem norganizzaw b'suċċess u li jgawdu popolarità kbira, insibu l-*End of Summer BBQ*, il-*Eurovision Delivery Night* li matulha mhux biss noffru għażla vasta ta' ikel *homemade*, imma fuq kollox noħolqu atmosfera unika fil-*Youth Centre* fejn insegwu l-*Eurovision* fuq il-*big screen*. Ta' min isemmi wkoll il-*weekend break* fid-*DB San Antonio Hotel & Spa* u tmiem il-ġimgħa f'Għawdex fl-aħħar ta' Awwissu.

Attività żgħira iżda b'sinifikat kbir għalina tibqa' l-*car wash*, li minkejja d-daqs tagħha dejjem tagħti sostenn importanti lill-ħidma tas-Sezzjoni. Wara s-suċċess li kellna s-sena


NEW VINTAGE!
ŻIFFA
Feel the breeze
ŻIFFA
ŻIFFA
/DELICATA WINERY
WWW.DELICATA.COM





*Xellug:* Car Wash: *attività ta' ġbir ta' fondi; Lemin: Father Christmas jiġi għandek fi żmien il-Milied*

li għaddiet, dis-sena erġajna organizzajna b'suċċess il-*Father Christmas Jiġi Għandek*, fejn rajna b'mod ċar il-frott tal-ħidma tal-kumitat kollu. Bl-istess mod, l-*Easter Breakfast* reġa' sar u wkoll kien suċċess u ġie milqugħ tajjeb ħafna minn dawk kollha li attendew.

Fost inizjattivi ġodda li ġew introdotti din is-sena nsibu l-*Wine and Pizza Night*, li kienet akkumpanjata wkoll minn tombla, il-ġurnata f'Għawdex, kif ukoll il-bejgħ tal-*Christmas Logs* u s-SŻP Bażar, li kien wieħed mill-aktar inizjattivi li kellhom suċċess.

Ta' min isemmi wkoll l-istedina li nirċievu minn *Heritage Malta* biex narmaw bottegin tal-ikel fil-*Museums by Candlelight* li jsir f'Sant'Anġlu. Irridu ngħidu grazzi lil  Trevor Mizzi, għall-fiduċja tiegħu fina.

Fl-aħħar nett, inizjattiva ġdida li marret tajjeb ħafna u li kienet apprezzata mid-dilettanti kienet il-Wirja ta' Vari fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa bl-isem ta' *Kyrie Eleison*. F'isem il-kumitat kollu, nixtieq nirringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-aktar lis-Sindku John Boxall talli ospitawna fil-palazz tal-Kunsill. Grazzi għalihom din il-wirja setgħet tkun suċċess kbir.

Lil hinn mill-attivitajiet li torganizza s-Sezzjoni Żgħażagħ, il-membri kollha ta' din is-Sezzjoni jkunu wkoll kruċjali hekk kif il-festa tibda toqrob u l-armar ikun fl-aqwa tiegħu. F'dawk il-mumenti fejn kollox jibda jimxi b'pass mgħaġġel, aħna nkunu ta' sostenn qawwi u nagħtu l-għajnuna tagħna lill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz f'din il-ħidma bla waqfien, biex flimkien ingawdu armar rikk u mill-isbaħ matul il-ġimgħa tal-festa.

Din il-ħidma kollha ssir dejjem b'għan wieħed ċar: li nkomplu nkabbru u nsaħħu l-festa ta' San Lawrenz, li hija tant għal qalbna. Dan nagħmluh b'diversi modi, imma ċertament jispikka kull sena l-ispettaklu '*Symphony Of Lights the Laser Show*', li llum il-ġurnata sab postu sew fil-kalendarju tal-festi Maltin. Dan huwa wkoll dak li jagħtina sodisfazzjon u jsaħħaħ fina l-motivazzjoni biex inkomplu naħdmu b'enerġija kontinwa. Ikun żball li naħsbu li l-ħidma għal dan l-ispettaklu hi kollha ward u

CHAIN
supermarket



# Value
YOU CAN
# Trust



Get the best deals on fresh food and everyday essentials at **Chain Supermarket**

(+356) 2256 2256  info@chainmarket.com



żahar, għax fit-triq tagħna lejn din il-ġurnata tant għal qalbna tas-6 ta' Awwissu niltaqgħu ma' diversi intoppi. Iżda b'determinazzjoni u ħidma flimkien, negħlbu kull diffikultà li nsibu quddiemna. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-i*sponsors* kollha tagħna li kull sena jkomplu jagħtu s-sostenn tagħhom lejn dan l-ispettaklu kbir, u b'hekk jgħinu biex isem is-Sezzjoni Żgħażagħ jibqa' jikber u jissaħħaħ.

Fl-aħħar nett, iżda żgur mhux l-inqas, f'isem il-Kumitat nixtieq nesprimi r-ringrazzjament sinċier tiegħi lil Daniel Orsini, President tal-*Vittoriosa Stars* u proprjetarju ta' *D'Orsini Gastro Pub*, li huwa l-i*sponsor* ewlieni tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi. Grazzi talli dejjem insibuk warajna u tagħtina l-appoġġ meħtieġ biex dak kollu li noħolmu u nippjanaw għall-festa tagħna jsir realtà.
Se nagħlaq hawn. Imma qabel nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nistieden lil dawk iż-żgħażagħ kollha li għandhom għal qalbhom il-festa, u li forsi jaħsbu li jistgħu jagħtu ftit iktar kontribut, biex jissieħbu magħna ħalli nkomplu nissaħħu. Dejjem niftakru li ż-żgħażagħ huma l-ġejjieni tal-festa.

Fl-aħħar nett, nixtieq nistieden lill-partitarji kollha Tal-Palma biex għal sena oħra jerġgħu jkunu magħna ħalli ngawdu flimkien il-jum tal-Marċ taż-Żgħażagħ. Din is-sena b'aktar minn qatt qabel, hekk kif is-Sezzjoni Żgħażagħ ippreparat proġett mill-isbaħ li se nkunu qed niżvelaw waqt l-ispettaklu *Symphony Of Lights*. Dak kollu li nagħmlu ma nagħmluhx għall-grazzi, iżda l-akbar grazzi li wieħed jista' jagħtina hija bil-preżenza tiegħu jew tagħha nhar is-6 ta' Awwissu.

Nerġa' nirringrazzja lilkom ilkoll għall-appoġġ kontinwu li dejjem insibu mingħandkom f'kull pass li nagħmlu. Viva San Lawrenz! ❐

# BONELLO BERNICE

MEMBRU PARLAMENTARI

"IL-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD"



79663145 / 99663151

info.bonellobernice@gmail.com

15, Triq tal-Klerku, Fgura FGR2060

ADRIAN VELLA

# Ġita storika fil-belt twelid San Lawrenz

Bejn il-11 u l-15 ta' Diċembru li għadda, is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, flimkien mal-parroċċa, organizzat ġita storika u memorabbli li ġiebet flimkien aktar minn 160 bandist, partitarju u devoti Lawrenzjan. Din il-ġita kienet il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet li saru fl-okkażjoni tal-1800 anniversarju mit-twelid ta' San Lawrenz, il-patrun tal-Belt Vittoriosa.

Id-destinazzjoni ewlenija kienet Huesca, fir-reġjun ta' Aragona, fi Spanja, il-belt fejn twieled u trabba San Lawrenz. Għalina lkoll kienet esperjenza unika li żorna l-għeruq tal-qaddis li tant hu marbut mal-identità reliġjuża u kulturali tal-Vittoriosani.

Wieħed mill-aktar mumenti li se jibqa' mnaqqax fil-memorja ta' kulħadd kien il-Programm Mużikali li l-Banda Vittoriosana San Lawrenz ippreżentat fil-Bażilika ta' San Lawrenz f'Huesca nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2025. F'dan il-kunċert ġew esegwiti diversi siltiet mużikali magħżula b'attenzjoni, filwaqt li l-qofol kien bla dubju d-daqq tal-innijiet ta' San Lawrenz, li tant huma għal qalb il-poplu Vittoriosan. Il-ħoss tal-mużika tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz fil-Bażilika ddedikata lill-qaddis tagħna, ħoloq emozzjoni u devozzjoni li diffiċli tintesa.

Fi tmiem il-programm saru preżentazzjonijiet uffiċjali mis-Sindku tal-Belt Vittoriosa,



*Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz waqt il-kunċert li tat fil-Bażilika ta' San Lawrenz fi Huesca*

DDE ATTARD limited

**Waste Management Solutions**
- Skip Services
- Waste Management
- Dealers in Scrap Metals

**Transport & Lifting Services**
- Haulage
- Contract Lifting

**Industrial Dismantling & Machinery Removals**

**Removal of Asbestos**











**DDE Attard Ltd.**
**Scrap lane,**
**Valletta Road,**
**Luqa LQA 1764 - Malta**

| | |
|---|---|
| telephone: | 2166 7639, 2166 7857 |
| mobile: | 9949 3592 |
| Office Mobile: | 7966 7857 |
| Email: | info@ddeattard.com |
| website: | www.ddeattard.com |



*Il-President Bjorn, l-Arċipriet Dun Karm Busuttil u s-Sindku John Boxall flimkien mas-Sindku ta' Huesca*

John Boxall, mill-Arċipriet, il-Kan Carmelo Busuttil u mill-President ta' Soċjetà Bjorn Callus. Matul iż-żjara, il-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, flimkien mas-Sindku u l-Arċipriet, kellhom ukoll laqgħa kordjali mar-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali ta' Huesca, li kompliet issaħħaħ ir-rabtiet ta' ħbiberija bejn iż-żewġ komunitajiet marbuta mal-istess qaddis.

L-għada, is-Sibt 13 ta' Diċembru, saret quddiesa fil-Bażilika ta' San Lawrenz immexxija mill-Arċipriet. Wara l-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet marċ fit-toroq ta' Huesca, akkumpanjata minn għadd ta' partitarji Vittoriosani, kif ukoll minn devoti ta' San Lawrenz residenti fil-belt Spanjola ta' Huesca. Kien mument li wera biċ-ċar kif il-qima lejn San Lawrenz tgħaqqad popli u kulturi differenti taħt l-istess patrun.

Mument ieħor mill-aktar sinifikanti seħħ fis-*Santuario de Loreto*, knisja antika qalb il-kampanja ftit minuti biss 'il barra minn Huesca. Skont it-tradizzjoni, San Lawrenz trabba f'dawn l-inħawi, u għalhekk iż-żjara f'dan il-post kellha valur spiritwali u storiku speċjali għal kull min kien preżenti.

Naturalment, il-ġita ma kinitx limitata biss għall-attivitajiet reliġjużi u mużikali. Dawk li ħadu sehem kellhom ukoll l-opportunità jżuru bliet u postijiet ta' interess kulturali u turistiku, fosthom Zaragoza u Girona, fejn setgħu jistrieħu u jgawdu l-ġmiel arkitettoniku u storiku ta' dawn il-lokalitajiet. Il-vjaġġ intemm b'jumejn fil-belt vibranti ta' Barċellona, waħda mill-isbaħ u l-aktar bliet dinamiċi fi Spanja. Hawnhekk kellna esperjenza kulturali kbira qabel ma rritornajna lura lejn Malta.

Din il-ġita Lawrenzjana mhux biss għalqet b'mod denju ċ-ċelebrazzjonijiet tal-1800 anniversarju mit-twelid ta' San Lawrenz, iżda wkoll saħħet il-ħbiberiji, il-fidi u s-sens ta' appartenenza fost il-familja kbira Lawrenzjana. Bla dubju, kienet esperjenza indimentikabbli li se tibqa' tissemma għal ħafna snin bħala waħda mill-isbaħ paġni fl-istorja tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz u tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz. ❐


RECOOP
Conserving and Restoring your treasures,
with *passion.*
info@recoop.com.mt
2149 1297
recoop.mt

VINCENT ZAMMIT BA (MEDITERRANEAN STUDIES, MA (BAROQUE STUDIES)

# Is-Sacra Infermeria fil-Birgu (1532 - 1565)

Ir-rabta tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta hija profondament marbuta mal-bini li ħallew, mas-swar li bnew, u mal-avvenimenti li mmarkaw it-tul tal-perjodu li gvernaw il-Gżejjer tagħna. Ħafna drabi wieħed jiftakar ismijiet tal-Gran Mastri u tal-Kavallieri li kellhom impatt sinifikanti fuq Malta, iżda spiss ninsew li l-bidu oriġinali tal-Ordni kien ħafna differenti.

L-Ordni twaqqaf f'Ġerusalemm madwar is-sena 1050. Meta wieħed jgħid li twaqqaf, dan ma jfissirx li kien rikonoxxut bħala Ordni reliġjuża mill-awtoritajiet tal-Knisja. Madankollu, jidher li kien hemm numru ta' nies li offrew il-għajnuna tagħhom fi sptarijiet għall-pellegrini li kienu jivvjaġġaw lejn l-Art Imqaddsa. Barra minn hekk, ġew imwaqqfa sptarijiet separati għall-irġiel u għan-nisa, dak tal-irġiel iddedikat lil San Ġwann il-Battista, dak tan-nisa lil Santa Marija Maddalena. Minħabba dan il-bidu fil-qasam tas-saħħa u l-karità, l-Ordni sar magħruf bħala l-Ordni Ospitalier, u għalhekk sptarijiet kienu jinstabu kull fejn kien hemm proprjetà tagħhom. Naturalment, hekk kif il-ħidma tal-Ordni bdiet tinbidel, kien jeħtieġ organizzazzjoni militari u marittima biex jikkonċentra fuq is-sigurtà u l-protezzjoni tal-komunitajiet li kienu jmexxu. Iżda, l-aspett ta' għajnuna fl-isptarijiet ma qatgħet qatt.

Wara t-telfa ta' Rodi, l-Ordni beda n-negozjati tiegħu biex jara fejn se jkun il-kwartier ġdid tagħhom. Fl-aħħar, wara ħafna diskussjonijiet, iffirmaw il-ġieħ ta' donazzjoni fl-1530. L-Ordni ddeċieda li jwaqqaf il-kwartier



*Disinn li juri kif kien il-bieb li minnu kont tidħol fis-Sacra Infermeria*

tiegħu fil-Birgu u fil-Kastell ħdejn il-Baħar (*Castrum Maris*), li ngħata l-isem ta' Forti Sant'Anġlu u bi ftehim mal-kappillan tal-Birgu, ħadu l-knisja ta' San Lawrenz taħt idejhom. Dan kien il-bidu tal-Ordni fil-Birgu. Iżda kienu għadhom ma ħasbux biex ikollhom sptar. Dan kellu jkun wieħed mill-ewwel proġetti li l-Ordni ħaseb biex jagħmel fil-Birgu.

Wieħed jifhem li l-ewwel xhur tal-wasla tal-Kavallieri f'Malta kienu xhur ta' preparazzjoni, speċjalment fir-rigward tad-difiża tal-port. Kien qed isir xogħol intensiv biex jassiguraw ruħhom li issa kellhom swar ferm aħjar minn dawk li kienu


TOTAL
One-Stop Tools Station
Trade Enquiries: Firm B. Pullicino Tel: 21676627 - 21676629


FUN GAMES
€40.00
BIS-SENSI
€15.00
BDL FUN GAMES
BDL Books
13, Giorgio Preca Street, San Ġwann.
www.bdlbooks.com

sabu. Barra minn hekk, kien għad hemm problemi diplomatiċi biex jiġi żgurat li jingħataw qamħ u provvisti oħra mingħajr ma jitħallas dazju lil Sqallija.Kien imbagħad fl-1532 li ttieħdet id-deċiżjoni li jinbena sptar, magħruf bħala s-*Sacra Infermeria*. L-ewwel pass kien li nxtraw numru ta' djar ta' Maltin, li kien hemm fil-post magħżul għal dan il-bini u dawn twaqqgħu kollha. Il-post magħżul kien dak li jħares lejn id-daħla tal-port u lejn l-Għolja tas-Salvatur.

Kien fl-1 ta' Novembru 1532, f'jum il-qaddisin kollha, li nżammet quddiesa fil-knisja ta' San Lawrenz, li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala l-knisja Konventwali tal-Ordni. Fit-tmiem il-quddiesa, il-Gran Mastru Philippe Villiers de L'Isle Adam ħa sehem f'purċissjoni lejn il-post fejn kellu jinbena l-isptar. Miegħu kien hemm il-prijur tal-knisja u l-kappillani Konventwali tal-Ordni, flimkien mal-prijuri u l-kavallieri li kienu jinsabu f'Malta f'dak iż-żmien. Wara t-tberik tal-post fejn kellu jinbena l-isptar, tpoġġa salib u tħalla hemmhekk. L-għada, it-2 ta' Novembru, hekk kif intemmet it-tifkira tal-mejtin fil-knisja ta' San Lawrenz, reġgħu marru lejn il-post u din id-darba tpoġġiet l-ewwel ġebla. B'hekk ingħata bidu għal dan il-bini, li baqa' jintuża sakemm l-Ordni dam fil-Birgu.[1]

Jingħad li l-Gran Mastru L'Isle Adam kien imur ta' spiss fuq il-post tax-xogħol biex jara kif kien miexi x-xogħol tal-bini tal-isptar, u fl-istess ħin iħeġġeġ lill-ħaddiema biex itemmu dan il-bini, tant meħtieġ għal kulħadd. Mat-tlestija tal-bini fl-1533, ġie rrappurtat li kien imdaqqas, sabiħ u spazjuż. Biex ifakkar dan l-avveniment, fil-bitħa tqegħdet l-arma tal-Gran Mastru, bid-data mnaqqxa fuqha bħala tifkira.[2] Il-ġebel biex jinbena l-isptar ittieħed mill-istess sit, u fit-tmiem tal-bini l-barriera spiċċat intużat bħala ġibjun, fejn jinżamm l-ilma tax-xita, sors ferm importanti għall-istess sptar. Barra s-sala l-kbira, fl-isptar kien hemm erba' swali, l-ispiżerija, il-kappella, l-uffiċini,



*L-Arma tal-Gran Mastru L'Isle Adam fil-bitħa*

kif ukoll kmamar għall-membri mediċi, minbarra l-kċina u r-refettorju. Fiż-żmien il-Gran Mastru Juan d'Omedes, fl-1538, inbena sular ieħor, minħabba l-bżonn li s-servizzi mediċi tal-isptar komplew jiżdiedu.[3] Fost is-servizzi li kien joffri dan l-isptar kien hemm ħidma ta' kura għall-orfni, kif ukoll għal trabi abbandunati. Biex jieħdu ħsieb dawn, fl-isptar kien hemm żewġ nisa impjegati ddedikati għal din il-ħidma.[4]

L-isptar jidher li kien jinżamm tajjeb ħafna. Barra minn hekk, kien hemm kavallieri li ħallew ġidhom lill-istess sptar. Fost dawn kien hemm il-Kommendatur Fra' Claudio de San Blasi, li bil-permess tal-Gran Mastru ħalla numru ta' paramenti sbieħ biex jintużaw fil-kappella tal-istess sptar.[5] Fl-1555 kien wasal f'Malta l-Gran Prijur ta' Franza, Fra' Francesco di Lorena. Dan ukoll ħalla numru ta' paramenti sagri biex jintużaw fis-*Sacra Infermeria* tal-Birgu.[6] Is-*Sacra Infermeria* tal-Birgu kienet mimlija b'nies feruti u morda fl-1560.[7] Rapporti jgħidu li tant kien hemm pazjenti li s-sala l-kbira kienet mimlija għal kollox; is-sodod rdoppjaw u kull kamra u kull kuritur intużaw biex jinżammu l-pazjenti. Il-biża' kienet li setgħet tfaqqa' xi epidemija u jmutu ħafna nies minħabba li kienu wisq qrib xulxin.[8] Aktar tard fl-istess sena, il-flotta tal-Ordni


Riona Barbara
Property Consultant
(+356) 7721 1188
riona@benestates.com
www.benestates.com
BENESTATES
48, Erin Serracino Inglott,
Iklin, Malta.
BENESTATES


IL-FESTA
T-TAJBA
+356 9962 3801
glennbedingfield.mt



*Il-binja tas-*Sacra Infermeria *li ġiet konvertita f'Monasteru tas-sorijiet Benedittini*

irritornat minn vjaġġ fi Tripli, fejn kellha numru ta' feruti. Minħabba l-kwantità li kien hemm, twaqqaf sptar temporanju fl-Isla.[9]

Is-*Sacra Infermeria* baqgħet toffri s-servizzi mediċi tagħha matul is-snin ta' wara. Din terġa' tissemma fil-bidu tal-Assedju l-Kbir tal-1565, meta l-Gran Mastru ordna li numru ta' twieqi u bibien jiġu mbarrati għal raġunijiet ta' sigurtà. Matul l-Assedju, jidher li dan l-isptar kien riservat għall-aktar feruti gravi,[10] filwaqt li każijiet oħra kienu jingħataw kura f'postijiet differenti.

Id-deċiżjoni li tinbena belt ġdida wara r-rebħa tal-Assedju l-Kbir ġabet magħha bidla fid-destin ta' dan l-ewwel sptar tal-Ordni. Wara li l-isptar ġie trasferit lejn il-Belt Valletta, il-binja fil-Birgu baqgħet għal bosta snin mingħajr użu, sakemm is-sorijiet Benedittini talbu biex il-monasteru tagħhom jiġi trasferit mill-Palazz l-Antik tal-Gran Mastru fil-Birgu għal din il-binja aktar spazjuża. Il-Kunsill tal-Ordni laqa' t-talba tas-sorijiet u mill-1652 'il quddiem il-binja bdiet tintuża minn dawn is-sorijiet u llum hija magħrufa bħala l-Monasteru ta' Santa Skolastika.


***Bibliografija:***

Bosio, G. (1621-29): *Dell'Istoria della Sacra Religione et Illustrissima Militia di San Giovanni Gerosolimitano*, 3 Vols. Rome.

Cassar, P. (1993): 'Medical Life in Birgu', In Lino Bugeja, Mario Buhagiar, & Stanley Fiorini (Eds.), *Birgu: A Maltese Maritime City* (pp. 327-348), Msida: Malta University Services Ltd.

Cassar, P. (1964): *The Medical History of Malta*, London: Wellcome Historical Medical Library.


***Endnotes:***

1 Bosio (1621-1629), p. 118.

2 Din l-arma tal-Gran Mastru Philippe Villiers de L'Isle-Adam għadha tidher fil-kjostru tal-Kunvent tas-sorijiet tal-Klawsura.

3 Cassar, 1993, p. 329.

4 Cassar, 1964, p. 42.

5 Cassar, 1993, p. 338.

6 *Ibid.*, p. 368.

7 Dan seħħ minħabba li flotta tal-Insara, li kienet ġejja lura mill-Afrika ta' Fuq wara kampanja militari, kellha tfittex kenn fil-portijiet ta' Malta, minħabba l-maltemp. Jingħad li dan kien wassal ukoll għal ħafna mard fost is-suldati u l-baħrin u jingħad li madwar 2000 tilfu ħajjithom waqt li kienu f'Malta.

8 Interessanti li l-Gran Mastru Jean Parisot de Valette ordna biex in-nies ta' Birkirkara jmorru joqogħdu f'irħula oħra, ħalli id-djar tagħhom jintużaw biex iżommu wħud mill-pazjenti (Bosio, p. 415).

9 Cassar, 1964, p.44.

10 Bosio, op.cit., p. 608. ❐

# SPIDER LIFTS MALTA

AERIAL PLATFORMS

SALES | RENTALS | LEASE

+356 79014866

spiderliftsmalta@gmail.com

spiderliftsmalta








CHARLES DEBONO - RIĊERKATUR ANZJAN MUŻEW NAZZJONALI TAL-GWERRA

# Attakki mill-ajru fuq il-Birgu bejn l-1940 u l-1941

### *Introduzzjoni*

Dan l-artiklu hu l-ewwel wieħed minn sensiela qasira dwar il-ħafna attakki mill-ajru li laqtu lill-Birgu matul it-Tieni Gwerra Dinjija. F'din is-sensiela se nagħtu ħarsa lejn kif din il-Belt ġarrbet il-qilla tal-bombi tal-għadu bejn Ġunju 1940 u Diċembru 1941, billi nsegwu l-attakki ewlenin u l-konsegwenzi tagħhom fuq il-bini u r-residenti tagħha.

Kif jaf kulħadd, l-aktar ġurnata traġika kienet is-16 ta' Jannar 1941, ġurnata li l-parroċċa tal-Birgu tfakkar kull sena. Dakinhar, u fil-jiem li segwew, tilfu ħajjithom madwar 33 persuna jew aktar wara li ntradmu taħt it-tiġrif tas-sagristija tal-knisja ta' San Lawrenz, fejn kienu sabu kenn waqt attakk mill-ajru.

Il-Birgu, bħall-bqija tal-Kottonera, kien tbattal mir-residenti fl-ewwel jiem tal-attakki Taljani fuq Malta. Madankollu, meta deher li dawn l-attakki ma kinux qed iħallu l-effett mixtieq u naqsu fil-frekwenza tagħhom, ħafna minn dawk li kienu telqu reġgħu lura lejn djarhom.

### *L-attakki*

Għalkemm l-ewwel attakki mill-ajru fuq Malta bdew fil-11 ta' Ġunju 1940, ma jidhirx li dakinhar waqgħu bombi fuq il-Birgu. Madankollu, fil-jiem ta' wara l-Birgu u l-Forti Sant'Anġlu wkoll bdew jintlaqtu. Fost l-ewwel attakki kien hemm dak tal-14 ta' Ġunju 1940, meta l-kappella tan-Nativitā fil-Forti Sant'Anġlu ntlaqtet direttament, flimkien ma' bini ieħor fil-qrib.



*Il-ħsara li saret lill-maħżen tal-Armerija tal-Birgu (Sors: Arkivji tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)*

### *Attakk mill-Ajru Nru. 134 – 7 ta' Settembru 1940 (12.25 pm –12.43 pm)*

Fis-7 ta' Settembru 1940, waqt l-Attakk mill-Ajru Nru. 134, ġew irrappurtati diversi ħsarat fil-Birgu. Parti mill-Armerija tal-Birgu ntlaqtet u waqgħet, filwaqt li erba' djar fi Triq San Lawrenz sfaw meqruda. Ġew irrappurtati wkoll żewġ bombi li ma splodewx fil-viċinanzi tar-Reformatorju ta' San Salvatur, filwaqt li bomba oħra waqgħet fuq dar kantuniera ma' Triq il-Mina l-Kbira.

lesa

Local Enforcement Systems Agency

## Register at **les.gov.mt** to benefits from our services:

Instant Email or SMS Notification of a fine

Email reminder of any unpaid fines

Email reminders of tribunal sittings

Paperless history of infringements & payments

---

Notifika ta' kontravenzjoni permezz ta' imejl jew SMS

Notifiki b'imejl u tfakkiriet dwar seduti tat-tribunal

Tfakkira ta' kwalunkwe multi mhux imħallsa

Rendikont diġitali ta' kontravenzjonijiet u ħlasijiet

les.gov.mt

Terms & conditions apply





*Is-sagristija u l-Awla Kapitulari tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz imġarrfa (Sors: Arkivji tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)*

### *Attakk mill-Ajru tat-12 ta' Jannar 1941*

Għalkemm f'din il-ġurnata ġie rrappurtat li fuq Malta tar ajruplan tat-tkixxif Taljan *Savoia-Marchetti SM.79*, ta' interess li l-*War Damage Commission* irrappurtat żewġ djar imġarrfa f'Nri. 21 u 22, Triq it-Telgħa tal-Foss, kantuniera ma' Triq il-Foss.

### *Attakk mill-Ajru Nru. 230 – 16 ta' Jannar 1941 (1.58 pm –3.16 pm)*

Dan l-attakk twettaq minn sbatax-il ajruplan tal-attakk Ġermaniż *Junkers Ju 88*, skortati minn għoxrin ajruplan tal-ġlied *Messerschmitt Bf 109E*, kif ukoll minn erbgħa u erbgħin *Junkers Ju 87 Stuka*, li kienu min-naħa tagħhom skortati minn għaxar ajruplani tal-ġlied Taljani *Macchi MC.200* u għaxar *Fiat CR.42*.

Matul dan l-attakk twaddbu bombi li ġarrfu erbat idjar, kif ukoll l-Awla Kapitulari u s-sagristija tal-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz. F'dak il-ħin kien hemm madwar 33 persuna jew aktar li kienu qed jistkennu fis-sagristija. Meta din intlaqtet direttament minn bomba, dawk li kienu fiha ntradmu taħt it-tiġrif.

Ħames binjiet oħra fi Triq Sant'Anton sfaw meqruda għal kollox. Ġew irrappurtati wkoll żewġ persuni nieqsa, li x'aktarx kienu mirduma taħt it-terrapien, filwaqt li persuna oħra midruba ttieħdet l-isptar.

Ġiet irrappurtata wkoll bomba fuq is-saqaf tal-binja Nru. 44 fi Triq Sant'Anton. Intlaqtu wkoll id-dar Nru. 27 fi Pjazza Vittoriosa u l-Oratorju tal-Kurċifiss, maġenb il-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz.

### *Attakk mill-Ajru Nru. 240 – 19 ta' Jannar 1941 (12.47 pm – 1.25 pm)*

F'dan l-attakk ħadet sehem formazzjoni ta' ajruplani tal-attakk Ġermaniżi *Junkers Ju 88*,


D'Orsini
Gastro Pub
Vittoriosa Football Club
Pay Less For The Best !
Bookings/Orders
79235841 or
Bolt Food
Wolt
D' Orsini Gastro-Pub

flimkien ma' ajruplani li jattakkaw b'għadsa (*dive bombers*) *Junkers Ju 87 Stuka*, skortati minn ajruplani tal-ġlied Ġermaniżi u Taljani. Waħda mill-bombi waqgħet direttament fuq l-Għassa tal-Pulizija tal-Birgu. Minkejja l-qilla tal-attakk, ma ġew irrappurtati l-ebda fatalitajiet, għalkemm kien hemm xi persuni midruba. Lanqas ma ndarbu jew tilfu ħajjithom membri tal-Korp tal-Pulizija. Madankollu, il-karozza tal-Pulizija Nru. 23 inqerdet kompletament.

Il-*War Damage Commission* irrappurtat ħsarat jew qerda fil-binjiet li ġejjin: Nru. 14, Triq il-Lvant, kantuniera ma' Nru. 18, Triq l-Irlandiżi (illum Triq Wenzu Dyer); Nri. 9, 10 (minn wara), 12 (mill-ġenb), 18, u 22 sa 23, Triq il-Lvant; Nri. 3 sa 10, kif ukoll Nri. 19 u 20 (mill-ġenb), Triq Wenzu Dyer; Nri. 21 sa 23 (minn wara), u Nru. 24, Triq San Ġorġ; Nri. 12 (mill-ġenb) u 15 sa 25, Triq il-Kunvent; Nri. 12 sa 20, Triq it-Telgħa tal-Foss; Nri. 21 sa 23, Triq il-Foss; Nri. 37 u 38 (minn wara), Triq San Ġorġ; Nri. 11 sa 13 u Nru. 16, Triq l-Irlandiżi (illum Triq Wenzu Dyer), mill-ġenb ta' Triq il-Kunvent; Nri. 6 u 7, Triq il-Kwartier.

F'dan l-attakk sfaw imġarrfa wkoll il-knisja u l-kunvent tal-Lunzjata.

### *Attakk mill-Ajru tal-20 ta' Jannar 1941*

Għalkemm f'din il-ġurnata ma ġewx irrappurtati attakki mill-ajru, ħlief għat-titjir ta' ajruplan tat-tkixxif, il-*War Damage Commission* irrappurtat li kienu mġarrfa żewġ binjiet oħra: il-binja Nru. 16 fi Triq l-Irlandiżi (illum Triq Wenzu Dyer), kantuniera ma' Triq il-Kunvent, u l-binjiet Nri. 6 u 7 fi Triq il-Kwartier.

Huwa probabbli li dawn il-binjiet kienu fil-fatt waqgħu matul l-attakki tal-ġurnata ta' qabel.



*Il-knisja tal-Lunzjata mġarrfa (Sors: Arkivji tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)*



The Grove
Marsaskala
- Corner Block
- Private Garden
- Facing ODZ
- Highly Finished
- Customizable
BEST
DEAL
PROPERTIES
Kurt 79 03 03 17
Brandon 79 09 46 86
Marlon 99 03 00 69

***Attakk mill-Ajru Nru. 245 – 21 ta' Jannar 1941 (1.33 am –3.17 am)***
Mhuwiex magħruf liema ajruplani tal-għadu wettqu dan l-attakk. Madankollu, ġie rrappurtat li żewġ bombi waqgħu fi Triq it-Torri ta' San Ġwann u kkawżaw ħsarat lill-binjiet tal-madwar.

***Attakk mill-Ajru Nru. 389 – 6 ta' Marzu 1941 (8.05 pm–9.55 pm)***
F'din il-ġurnata saru diversi attakki, iżda mhux magħruf liema ajruplani waddbu t-tliet bombi li waqgħu u splodew fil-viċinanzi ta' Triq il-Ġublew tal-Fidda.

***Attakk mill-Ajru Nru. 445 – 22 ta' Marzu 1941 (4.03 pm –4.56 pm)***
Għalkemm seħħ ġlied fl-ajru bejn ajruplani tal-ġlied opposti, ma jidhirx li kien hemm attakk dirett fuq il-Birgu. Madankollu, jidher li waqgħu diversi bombi li kkawżaw ħsarat lil dar fi Triq Desain, oħra fi Triq it-Torri ta' San Ġwann, tliet djar fi Triq il-Mina l-Kbira, kif ukoll lill-Oratorju anness mal-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz.

Il-*War Damage Commission* irrappurtat ukoll ħsarat fil-binjiet Nri. 9 sa 20 fi Triq San Ġorġ.

***Attakk mill-Ajru tat-23 ta' Marzu 1941***
F'din il-ġurnata numru ta' *Messerschmitt Bf 109E* skortaw ajruplan tat-tkixxif tal-għadu. Għalkemm ma ġiex irrappurtat attakk dirett fuq il-Birgu, il-*War Damage Commission* irreġistrat il-qerda tad-djar Nri. 28 sa 34 fi Triq Desain.

***Attakk mill-Ajru tal-21 ta' April 1941***
Matul dawn il-jiem seħħew diversi attakki, iżda m'hemmx dettalji speċifiċi dwar dak li seħħ f'din il-ġurnata.

***Attakk mill-Ajru Nru. 536 – 22 ta' April 1941 (8.44 pm –10.10 pm)***
Jidher li f'dan il-ħin seħħ ġlied bejn ajruplani tal-ġlied opposti, iżda ma ġewx irrappurtati ajruplani tal-attakk. Minkejja dan, ġie rrappurtat li waqgħu xi bombi li kkawżaw ħsarat lil diversi binjiet.

***Attakk mill-Ajru Nru. 544 – 24 ta' April 1941 (8.41 pm –9.55 pm)***
Mhuwiex ċar jekk sarx attakk dirett. Madankollu, ġie rrappurtat li bomba waqgħet fuq id-dar Nru. 62 fi Triq il-Miratur u kkawżatilha xi ħsarat.

***Attakk mill-Ajru Nru. 554 – 28 ta' April 1941 (8.53 pm –10.18 pm)***
F'din il-ġurnata ġie rrappurtat ukoll ġlied fl-ajru. Sadanittant, jidher li ntlaqat il-Maħżen Proviżorju tal-Emerġenza tal-Gvern Ċivili, kif ukoll il-binjiet Nri. 62 sa 74 fi Triq San Filippu, il-binja Nru. 30 fi Triq il-Palazz tal-Gvernatur, u l-binjiet Nri. 95 u 96 fi Triq San Filippu, kantuniera ma' Triq il-Miratur.



*Binja Nru. 30, Triq il-Palazz tal-Gvernatur (Sors: Arkivji tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)*



IL-FAMILJA GRECH
JIXTIEQU JSELLMU L-MEMORJA
TAL-PAPÀ TAGĦHOM LAWRENCE GRECH
LI MAR JILTAQA' MAL-ĦALLIEQ FIS-SEMA
FIS-16 TA' OTTUBRU 2022

Il-papà kien devot kbir ta' San Lawrenz
u kien benefattur kbir tal-festa.

Ċerti li din is-sena ħa jkun
qed jiċċelebra l-festa tiegħu fis-sema.

AGĦTIH O MULEJ,
IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM


MARIA FARRUGIA SAYEBA
Mob: 9965 3893




Ricetti ma Mari ( healthy eating)



PERSONAL NUTRITION COACH

***Attakk mill-Ajru Nru. 558 – 29 ta' April 1941 (6.37 pm –7.20 pm)***

Ġie rrappurtat li ajruplan Ġermaniż ***Junkers Ju 88*** tar fuq Malta u waddab bombi li waqgħu fuq il-binjiet li ġejjin: Nri. 31 u 32, kif ukoll Nru. 83, Triq il-Palazz tal-Gvernatur; Nru. 83, Triq Santa Skolastika, kantuniera ma' Sqaq Nru. 2; Nri. 80 sa 85, Triq il-Miratur.

***Attakk mill-Ajru tat-30 ta' April 1941***

Ma jidhirx li seħħ attakk dirett f'din il-ġurnata. Madankollu, il-*War Damage Commission* irrappurtat li kienu mġarrfa l-binja Nru. 97B fi Triq San Lawrenz, il-binjiet Nri. 44 sa 48 fi Triq l-Irlandiżi (illum Triq Wenzu Dyer), kif ukoll il-binja Nru. 17 fi Triq l-Irlandiżi (illum Triq Wenzu Dyer, kantuniera ma' Triq il-Lvant.

***Attakk mill-Ajru Nru. 577 – 3 ta' Mejju 1941 (8.55 pm –10.47 pm)***

Ma nstabet l-ebda dokumentazzjoni li tindika li ajruplani tal-għadu attakkaw Malta matul. Madankollu, ġie rrappurtat li numru ta' bombi waqgħu u kkawżaw il-qerda ta' diversi binjiet.

***Attakk mill-Ajru tal-4 ta' Mejju 1941***

F'din il-ġurnata ġie rrappurtat li *Junkers Ju 88* tar fuq Malta. Għalkemm ma hemmx evidenza li waddab bombi, il-*War Damage Commission* irrappurtat li kienu mġarrfa l-binjiet Nri. 6 sa 8 fi Triq il-Mandraġġ.

***Attakk mill-Ajru Nru. 603 – 12 ta' Mejju 1941 (12.21 am –1.31 am)***

Mhuwiex magħruf jekk tarux ajruplani tal-għadu fuq Malta matul dan l-attakk.

Madankollu, jidher li waqgħu diversi bombi fuq il-binjiet Nri. 1 sa 10 u Nri. 16 sa 23 fi Triq id-Dejqa. Il-binjiet Nri. 5 u 6 ġġarrfu parzjalment, filwaqt li l-binjiet Nri. 8 sa 15 sofrew ħsarat.

Jidher ukoll li ntlaqtu diversi binjiet oħra: Nri. 1, 9, 10, 11 u 40, Triq il-Foss tas-Sur; Nri. 8 u 9, Triq id-Dejqa; Nru. 1, Triq it-Telgħa tal-Foss; Nri. 29 sa 32 u Nru. 40, Triq il-Kwartier.

***Attakk mill-Ajru Nru. 610 – 12 ta' Mejju 1941 (9.55 pm –11.44 pm)***

Mhuwiex magħruf liema ajruplani tal-għadu wettqu dan l-attakk. Madankollu, ġie rrappurtat li bomba waqgħet fuq is-saqaf ta' dar u kkawżatilha xi ħsarat, filwaqt li bomba oħra waqgħet fi Triq l-Irlandiżi (illum Triq Wenzu Dyer).

***Attakk mill-Ajru tas-6 ta' Ġunju 1941***

Matul dawn il-jiem jidher li kienu qed joperaw prinċipalment ajruplani Taljani, li kienu jwettqu l-attakki tagħhom bil-lejl. Għalhekk huwa probabbli li l-ħsarat irrappurtati mill-*War Damage Commission* huma marbuta ma' dawn l-attakki. Skont ir-rapporti, sfaw imġarrfa l-binjiet Nri. 1 sa 4 fi Triq il-Ħabs l-Antik u Nri. 35 sa 38 fi Triq Desain.




*Djar Nri. 1 u 2, Triq il-Ħabs (Strada Prigione)*
*(Sors: Arkivji tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)*

Elmo
INSURANCE

# Żurna fl-uffiċċju ta' Bormla.

Indirizz:

48, Bieb Bormla, Bormla, BML 2064    2343 0301

VETTURI

DGĦAJJES

DJAR

SAĦĦA

VJAĠĠAR

INTRAPRIŻI

Elmo Insurance Limited hija awtorizzata taħt l- Atti dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Kapitolu 403 tal-Liġijiet ta' Malta) u regolata mill- Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ('MFSA').

Elmo Insurance Ltd, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, XBX 1111, Malta
**Telephone:** 2343 0000 | **www.elmoinsurance.com**

***Attakk mill-Ajru Nru. 835 – 26 ta' Awwissu 1941 (10.45 pm –11.16 pm)***

Il-*Malta Night Fighter Unit (MNFU)* irrappurtat li l-ajruplani tagħha attakkaw xi bombardieri *Taljani Fiat BR.20M*. Fl-istess ħin, ġie rrappurtat li waqgħu erba' bombi inċendjarji fi Triq Brittanja (illum Triq Hilda Tabone), filwaqt li tnejn oħra waqgħu fuq il-binja Nru. 74 fi Triq Santa Skolastika. Dawn ikkawżaw ħruq żgħir, li iżda ġie kkontrollat u mitfi mal-ewwel.

***Attakk mill-Ajru Nru. 1158 – 30 ta' Diċembru 1941 (4.41 pm –5.31 pm)***

F'dan l-attakk, erba' ajruplani tal-attakk Ġermaniżi ***Junkers Ju 88*** attakkaw Malta. Waħda mill-bombi waqgħet fil-baħar bejn il-Birgu u l-Isla, fejn splodiet.

***Konklużjoni***

Dan l-artiklu huwa bbażat prinċipalment fuq ir-rapporti uffiċjali li jinsabu fir-Rapporti Annwali tal-Attakki mill-Ajru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta għas-snin 1940 u 1941. Barra minn hekk, intużat ukoll informazzjoni meħuda mir-ritratti tal-*War Damage Commission*, li matul il-gwerra ddokumentat il-ħsarat billi fotografat kull binja milquta jew imġarrfa. Dawn ir-reġistri kienu essenzjali biex, wara t-tmiem tal-gwerra, il-vittmi setgħu jingħataw kumpens xieraq skont il-ħsarat li kienu sofrew jew, f'ħafna każijiet, għat-telf sħiħ ta' djarhom u tal-proprjetà tagħhom.Madankollu, huwa probabbli li fuq il-Birgu waqgħu aktar bombi minn dawk imsemmija f'dan l-artiklu. Sfortunatament, ir-reġistri tal-okkorrenzi tal-Korp tal-Pulizija u dokumentazzjoni importanti oħra relatata mal-Kottonera sal-1958 inqerdu waqt l-irvellijiet li seħħew f'dik is-sena. Dawn id-dokumenti kienu jinkludu tagħrif dettaljat dwar il-ħajja ta' kuljum fit-Tlett Ibliet, fosthom rapporti dwar l-attakki mill-ajru u l-konsegwenzi tagħhom.

Għaldaqstant, illum teżisti lakuna sinifikanti fir-rekord storiku tal-Kottonera, b'differenza minn bosta lokalitajiet oħra f'Malta u Għawdex, fejn ħafna minn dawn ir-reġistri għadhom ippreservati u aċċessibbli għar-riċerkaturi.

***Ringrazzjamenti***

Nixtieq nirringrazzja lill-ħabib tiegħi, l-istoriku George Agius, tal-opportunità li tani biex din is-sena nikkontribwixxi fil-Programm tal-Festa titulari tal-Birgu. Nirringrazzja wkoll lill-istaff tal-Arkivji tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra u lill-Arkivji Nazzjonali ta' Malta. Biex nagħlaq, xtaqt nappella biex kull min jixtieq jagħmel kuntatt miegħi dwar xi tema relatata mal-Birgu fi żmien il-gwerra, jagħmel dan fuq charles.a.debono@gov.mt. ❐



# DOS AVÓS

BY CARGO



## STAND-UP PARTIES!

STARTING FROM **€29.95** PER PERSON

**FINGER FOOD &**
**3 HOURS OF OPEN BAR**

VALID MONDAY TO THURSDAY & SUNDAY EVENINGS

MORE INFORMATION: 99110770

ELLA LEITH PHD

# Joining il-Vittoriosani: From Scotland to Birgu

The very first week that my now-husband and I moved to Birgu from Edinburgh, we were startled to hear a familiar sound wafting through the warm, golden streets: bagpipes.

Were we hallucinating, we wondered? Were we subconsciously so homesick that we were imagining a Scottish soundtrack to our new Maltese adventure? It didn't help that we couldn't work out where the bagpipe tunes were coming from. The musical strains came and went as we wandered the *Collachio*, unused to how the maze of streets and high bastion walls could hide and then amplify sounds. It was only a week later that we solved the mystery – the 1st Cospicua Scouts' pipe band practises every Saturday on the top of the Saint John Bastion, and the bagpipes are woven into the history of Birgu.

The layers of history in this beautiful city never fail to astonish me. We'd visited several times as tourists before deciding to move here, and each time we'd eagerly visited a museum or historic site: the Inquisitor's Palace, Fort St Angelo, the Parish Museum, the Norman House, Malta At War Museum. We'd read and learned a lot about the Great Siege and the Knights of St John, the Second World War bombardment, the dockyards and the Auberges. But we still knew so little, and since living here we keep stumbling into ever more fascinating details.

The bagpipes were just the start. We learnt that the Scottish regiments stationed here taught the Scouts to play and that, when Malta gained independence from Britain, the Scots gifted their instruments to the troop. We discovered that the curving streets of the *Collachio* were designed that way by the Knights, to confound invaders should they ever breach the city walls. We found that by standing above *it-Toqba*, we could see three great hospitals that contributed to Malta's reputation as the 'Nurse of the Mediterranean': the British Naval hospital in Kalkara, the famous Knights' *Infermeria* in Valletta, and the oldest of the hospitals here in Birgu, at the back of the Santa Scholastica Church. We learnt of the great cisterns hidden underneath the city's streets to store rainwater against future sieges and droughts – and how these are now used to water the trees in the newly renovated *Pjazza*. We discovered that the ground floor of our house of character was much older than we thought, with a fifteenth-century rubble wall forming part of it. And we learnt that our house had also been home to a local character – *Leli it-Telli*, who used to sit at the ground floor window and gossip with passers-by, and who used to light up the front of the house in December with elaborate Christmas lights. We haven't reinstated this yet, but we should do, in his honour!

What is striking about Birgu is how much local interest and pride there is in the city's past and present. This is visible in the many groups, societies and initiatives dedicated to highlighting its various features and traditions: the Vittoriosa Historical



SWAEY
BROTHERS LTD
CRANE
HIRE SERVICE
Available Cranes
25 TON
Max Height : 28 mtr
35 TON
Max Height : 48 mtr
55 TON
Max Height : 60 mtr
100 TON
Max Height : 67 mtr
180 TON
Max Height : 98 mtr
CONVOY EXCEPTIONAL
SWAEY BROS .LTD
9940 4502
WWW.SWAEY.COM
Extending our experience to you
TRIQ IL KUNCIZZJONI
MOSTA, MALTA



*Ella with her husband Michael on their wedding day last April*

and Cultural Society; the Good Friday Commission; the two band clubs; the political clubs; the football club; Charles Callus' incredibly detailed *presepju* (crib) showing the locality and its characters. And that's not even mentioning the festas! We are constantly in awe of the incredible street decorations and celebrations they engender. Where we live, we're lucky enough that we never have to seek out the activities of the *festas*, because both of them are active right outside our house – and, as foreigners, we're also lucky that we get to enjoy both, and don't have to pick a side! It's wonderful to see the intergenerational community-building that happens during these events, something that is increasingly rare but is right here on our doorstep. *Festas* are, of course, about religious devotion, but the external elements are also a form of community devotion.

We see that community devotion in hundreds of little ways every day. From the army of Council street cleaners keeping the roads well swept, to the beautiful plants tended by people outside their homes, it's clear how much pride *il-Vittoriosani* take in their city. There's a sense of warmth and local camaraderie, too. People are patient and encouraging when I clumsily try to speak Maltese (I'm still learning when to use *tnejn* and when *żewġ* is correct, and whether I want *basal*, *basla* or *basliet*! - *basla* is onion). Someone usually offers to help if I'm struggling with a heavy shopping bag. It's impossible to walk down the street without being greeted with a 'good day' and a wave. Birgu is simply a warm place to live.

Community is at the heart of Birgu, and we've always felt that our participation in that community is welcome, despite us coming from elsewhere. There are things to criticise and complain about everywhere, and Malta has its fair share of those things. But when our friends and family from the UK ask us why we moved to Malta, the answer is very easy. We didn't just move to Malta, we moved to Birgu. It's in Birgu that we decided to get married and make our home together. ❐

Britannia
YOUR HOLIDAY STARTS HERE!

# Għal ivjaġġar fi gruppi jew individwali kif ukoll cruises

www.bsl.com.mt

TOURS | TRAVEL | LONG HAUL | CRUISES | HONEYMOON | INSURANCE



Ċemplilna fuq **21238039** għal aktar informazzjoni
jew żur wieħed mill-fergħat tagħna fil-Ħamrun, Valletta jew Mosta




**NOFFRU WKOLL DIVERSI INSURANCES FOSTHOM FUQ KAROZZI, DJAR, PETS U ĦAFNA AKTAR...**

**Ħamrun Branch**
Britannia House, 652, Saint Joseph High Road, Ħamrun ĦMR 1012, MALTA

(+356) 2247 4810
(+356) 2123 8039
info@bsl.com.mt

TIED INTERMEDIARY FOR

Atlas Insurance

ROMINA POWELL CASSAR BA (HONS), PGCE, MA (HOSPITALLIER STUDIES)

# It-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni u l-Birgu

Hu fatt magħruf minn kulħadd li l-Birgu hu l-eqdem belt f'Malta wara l-Imdina. Sa mill-ibgħad żminijiet kellha rwol kbir fl-istorja ta' Malta. Dan ir-irwol intensifika mal-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, meta dawn għażlu li l-post fejn jgħixu jkun il-Birgu, u għalhekk il-Birgu sar ċentru amministrattiv. Wara li l-Ordni mexa lejn il-Belt il-ġdida, bdiet era oħra għall-Birgu, tant li dan sar iċ-ċentru organizzattiv tal-Inkwiżitur. Din l-istituzzjoni għal kważi tliet sekli ħalliet marka profonda fuq il-ħajja reliġjuża, soċjali u kulturali tal-Gżejjer Maltin.

### *Il-wasla tal-Inkwiżizzjoni f'Malta*

L-Inkwiżizzjoni bdiet wara l-Konċilju ta' Trentu li tlaqqa' biex il-Knisja tirregola ruħha wara l-protesta ta' Luteru tal-1517, meta allura twieled il-Protestantiżmu. Xogħol l-inkwiżizzjoni kien li tara li l-Insara jimxu ma' dak li tgħid il-Knisja Kattolika Rumana. Għalhekk jekk xi ħadd jikser ir-regoli fejn tidħol fidi kien jispiċċa quddiem l-Inkwiżitur. L-ewwel Inkwiżitur f'Malta kien l-Isqof Cubelles fl-1561. Il-Palazz tal-Isqof sar ukoll il-Palazz tal-Inkwiżitur. Kien hemm diversi lmenti dwar din il-ħatra mill-Gran Mastru tal-Ordni u għalhekk il-Papa ddeċieda li wara l-Assedju l-Kbir, din il-prassi tinbidel u minn hemm inħatar Inkwiżitur li kellu wkoll ikun delegat għas-*Santa Sede* f' Malta. L-ewwel Inkwiżitur għal Malta kien Mons Pietro Dusina li wasal Malta fl-1574. Fil-bidu ma kellux residenza tiegħu, imma beda jgħix il-Belt Valletta jew fil-Kunvent tal-Ordni




*L-istemma ta' Mons Pietro Dusina*

Dumnikan fil-Birgu. Imma wara li l-Ordni mexa lejn il-Belt, il-Palazz tal-Kastellanija, li kien il-Qorti ta' żmien il-Kavallieri fil-Birgu, baqa' vojt u għalhekk dan il-palazz għadda għand l-Inkwiżizzjoni u sar il-Palazz tal-Inkwiżitur. Dan il-palazz b'hekk kien sar post ta' ġustizzja, iżda wkoll ta' biża' għall-Maltin u l-Għawdxin li kienu jiġu msejħa biex jidħlu fih.

### *Il-Palazz tal-Inkwiżitur: qalba ta' kontroll*

L-Inkwiżizzjoni kellha diversi membri msieħba magħha, dawn kienu jissejħu Patentati.

THE RESIN & MEMBRANE CENTRE

# We are Quality

**PROFESSIONAL WATERPROOFING MATERIALS & RESIN FLOORINGS**

Discover the thermal waterproofing resin membrane that reduces heat intake by **90%.** Also available for DIY.



Visit our showroom for professional advice on how to protect your home.

**The Resin and Membrane Centre, 264, Old Railway Track, St. Venera**

**Web:** www.theresincentre.com

**E-mail:** info@theresincentre.com

**Tel:** 27 477 647

**Mob:** 99 477 647

CERTIFIED INSTALLERS



*L-awla fil-Palazz tal-Inkwiżitur fejn kienu jinstemgħu d-diversi kawżi*

Dawn kienu nies ġejjin minn familji nobbli li kienu jagħtu servizz fil-Palazz tal-Inkwiżitur u għalhekk jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu. Biex nagħti eżempju, il-membri tal-familja Testaferrata kienu joffru s-servizzi tagħhom fit-tmexxija finanzjarja tal-istess Palazz. Dan kien ifisser li dawn il-membri ma jidhru taħt l-ebda ġurisdizzjoni oħra, la dawk tal-Ordni u lanqas dawk tal-Knisja. Din kienet turta ħafna lill-Gran Mastru u spiss kien ikun hemm diżgwid bejniethom.

Il-bini tal-palazz kien jinkludi l-Kurja, jiġifieri l-post fejn l-Inkwiżitur kien jilqa' lill-pubbliku u jisma' l-kawżi li jispiċċaw quddiemu; il-kappella, li tfakkar li l-Inkwiżizzjoni kienet qabel xejn istituzzjoni reliġjuża qabel kollox; il-ħabs u l-kamra tal-għassies, fejn kienu jinżammu l-akkużati waqt l-investigazzjonijiet taħt għassa stretta; il-kamra tat-tortura, fejn kienu jsiru interrogazzjonijiet delikati u bniedem akkużat seta' jingħata sa nofs siegħa tortura wara osservazzjoni minn tabib, li kien jiflaħ għaliha.

### *Il-ħajja ta' kuljum taħt l-Inkwiżizzjoni*

Ir-reliġjon f'dan il-perjodu kienet meqjusa bħala l-qofol tal-ħajja Maltija. Ħafna kienu jispiċċaw denunzjati quddiem l-Inkwiżitur, għax jgħidu jew jagħmlu xi ħaġa li forsi għalina llum lanqas taffettwana. Dawn il-każijiet kienu jinkludu dagħa, qari ta' kotba projbiti, maġija, seħer, bdil fir-reliġjon u bigamija jew poliandrija (li tiżżewweġ iktar minn mara jew raġel wieħed). L-Inkwiżizzjoni kienet tħeġġeġ li n-nies jagħmlu denunzja jekk jisimgħu jew jaraw xi ħaġa li tista' titqies ta' skandlu. Wieħed jista' jifhem aħjar jekk nagħti xi ftit eżempji.

Ngħidu aħna jkun hemm mara li semgħet il-ġar jidgħi bis-sema, marret tqerr u l-qassis jgħidilha li jkun tajjeb li tmur tirrapporta lil dan il-ġar lill-Inkwiżitur. Każi oħra li kienu spissi kienu dawk tal-poliandrija, fejn kellek mara li r-raġel tagħha kien ibaħħar, lil dan ma semgħetx iktar bih u kellha tara x' tagħmel biex trabbi l-ulied li kellha. Dak iż-żmien mara ma kinitx tmur taħdem u għalhekk kien


Capture
EVERY MOMENT OF YOUR SPECIAL DAY
Melvin
PHOTOGRAPHY
+356 9982 3536
melvindegiorgio.com


IVAN MIFSUD
FUNERAL SERVICES
We are here to support you every step of the way.
Compassion, Dignity & Respect
When it matters most
31, Triq it-Torri, Swatar Birkirkara.
Tel: 21317044
Mob: 99424599 / 99492001 / 99650972
email: ivanmifsud1@gmail.com
www.funeralmalta.com
PERSONAL SERVICE
24 HOURS SERVICE
PROFESSIONAL & TRUSTED
SERVING FAMILIES WITH CARE & COMPASSION

ikollha, jew tinġabar ma' membri tal-familja tagħha, jew inkella terġa' tiżżewweġ biex tmantni lil uliedha. Din kellha tipprova li żewġha kien mejjet u għal dan kienet issib xi xhieda fejn kienu jgħidu li rawh mejjet. Imma spiss kien jiġri li wara li kienet tiżżewweġ mill-ġdid u jkollha familja oħra, ħin bla waqt kien jirritorna r-raġel li kellha fil-bidu. Dan kien jirrappurtaha lill-Inkwiżitur li kienet wettqet adulterju u għalhekk kien ikollha titlaq lit-tieni raġel u terġa' tingħaqad mal-ewwel wieħed. Kellek każijiet ta' nisa li kienu jagħmlu taħlitiet ta' ħxejjex biex ifejqu wġigħ differenti u b' hekk ġieli kienu jiġu msejħa quddiem l-Inkwiżitur fuq seħer.

Ħafna għandhom ukoll idea żbaljata tat-tip ta' kastigi li kienu jingħataw mill-Inkwiżitur. Ħafna mill-każijiet kienu jispiċċaw b'penitenzi li wieħed ried jagħmilhom fi knisja partikulari, fosthom li jgħidu t-talba tar-rużarju, qrar u tqarbin u dawn kienu jiġu dokumentati fil-knejjes li jkunu saru. Ħafna kienu jużaw il-knisja parrokkjali tal-Birgu biex jagħmlu dawn il-penitenzi. Kastigi oħra kienu jinkludu pellegrinaġġi lejn il-Mellieħa, sawm fuq ħobż u ilma, kif ukoll f'każijiet rari, ħabs.

### *L-Inkwiżizzjoni u l-komunità tal-Birgu*

L-Inkwiżitur ma kienx idum żmien twil f'Malta għax kien jiġi hawn bit-tama għall-ġejjieni aħjar. Ħafna minnhom wara li jitilqu minn Malta kienu jsiru Isqfijiet, Kardinali u saħansitra xi wħud anki Papiet. Għalhekk l-Inkwiżitur kien jinbidel spiss. Dan kien ifisser li ma' kull Inkwiżitur ġdid kienet issir ċerimonja fejn in-nies kienu joħorġu jilqgħu u jsellmulu b'rispett, filwaqt li kienu jindaqqu l-qniepen tal-Kastell Sant'Anġlu. Dawk li kienu patentati tal-Inkwiżizzjoni kienu jinġabru fil-palazz u jaħilfu lealtà lejn l-Inkwiżitur il-ġdid. Wara kienet issir quddiesa konċelebrata fil-knisja ta' San Lawrenz, li kienet tissejjaħ il-festa tal-fidi. Meta l-Inkwiżitur ma kienx ikun qassis, kien ipoġġi fuq tron li kien ikun miksi b'damask aħmar. L-Inkwiżitur kien iqis il-parroċċa ta' San



*Kamra oħra dekorata fil-Palazz*

Lawrenz bħala l-parroċċa tiegħu, tant li kuljum kien jattendi għas-servizzi reliġjużi li kienu jsiru fiha. Kien jattendi wkoll fir-rwol ta' Inkwiżitur u ta' Delegat Appostoliku għall-festa ta' San Lawrenz u anki jieħu sehem fil-purċissjoni ta' *Corpus Christi*. Meta kien jattendi għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, dan kien isir biex l-Inkwiżitur juri kemm kien lest jitħallat mal-poplu tal-belt.

Meta mietu Inkwiżituri f'Malta, ħaġa li rari ġrat, kien isirilhom il-funeral fil-knisja ta' San Lawrenz. Fil-fatt kienu tlieta l-Inkwiżituri li mietu hawn; il-funeral ta' tnejn minnhom sar fil-knisja ta' San Lawrenz u tal-ieħor sar fil-knisja ta' Santa Tereża, Bormla. Inkwiżitur minnhom kien midfun fil-knisja parrokkjali tal-Birgu. L-aħħar Inkwiżitur ta' Malta, Mons Giulio Carpegna, kien benefattur kbir tal-knisja parrokkjali tal-Birgu, tant li daħal għaliha quddiem il-Papa Piju VI biex issir Kolleġġjata Dan l-istess Inkwiżitur ta wkoll b'donazzjoni l-alba tiegħu biex din titlibbes lill-istatwa titulari ta' San Lawrenz fil-ġranet tal-festa. Dan juri kemm l-Inkwiżituri kellhom għal qalbhom din il-parroċċa tal-Birgu.

Il-wasla tal-Franċiżi f' Malta u t-tkeċċija tal-Ordni minn Malta ġabet ukoll it-tmiem tal-Inkwiżizzjoni f'pajjiżna. Il-Palazz maestuż tal-Inkwiżitur għadu hemm u jservi bħala tifkira tal-passat interessanti ta' din il-belt, passat li jieħu l-ħajja meta wieħed jimxi fit-toroq ta' din il-belt, li sew jekk kien glorjuż jew diffiċli, jibqa' parti minnha. Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. ❐

tacct

TACCT: Payroll & Accounts

At Tacct we handle:

- Monthly payroll processing
- Work permits for foreigners
- Full accountant services
- Tax compliance

Let us take care of the paperwork, while you focus on growing your business.

Triq Bir ir-Riebu
Rabat RBT 1601
iven@tacct.mt
Mob: 7930 1261

GEORGE AGIUS - SEGRETARJU SOĊJETÀ STORIKO-KULTURALI VITTORIOSA

# Inkomplu nieħdu ħsieb il-patrimonju ta' Beltna



***George Agius jagħti ħarsa lejn il-proġetti ta' restawr u konservazzjoni mwettqa mis-Soċjetà Storiko-Kulturali Vittoriosa matul l-aħħar sena***

Is-Soċjetà Storiko-Kulturali Vittoriosa twaqqfet fl-1954, fi żmien meta l-Belt Vittoriosa kienet għadha qed tqum mill-ġdid fuq saqajha wara l-qerda li ġabet magħha t-Tieni Gwerra Dinjija, filwaqt li kien għaddej ukoll proċess intensiv ta' rikostruzzjoni. Sa mill-bidu nett, il-missjoni tagħha kienet dik li tħares u tippromwovi l-wirt storiku, artistiku, tradizzjonali u kulturali tal-Belt Vittoriosa permezz tar-riċerka, il-kitba, inizjattivi edukattivi u ħidmiet ta' konservazzjoni. Fl-istess waqt, hija timpenja ruħha biex tissalvagwardja l-postijiet storiċi, il-monumenti u l-wirt, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, li jifformaw parti mill-identità ta' din il-belt storika, biex dan il-patrimonju jibqa' jitgawda u jgħaddi sħiħ lill-ġenerazzjonijiet futuri.

Illum, imnebbħa minn din il-missjoni, is-Soċjetà tikkollabora mill-qrib ma' diversi entitajiet fil-Birgu li jfittxu l-għajnuna u l-kompetenza tagħha. B'mod regolari tipprovdi l-appoġġ tagħha lill-parroċċa ta' San Lawrenz u lill-Kunsill Lokali tal-Birgu f'oqsma marbuta mar-riċerka storika, il-konservazzjoni, ir-restawr u l-promozzjoni tal-wirt kulturali. Fil-kapaċità tagħha bħala Organizzazzjoni Mhux Governattiva (*NGO*), is-Soċjetà tieħu l-inizjattiva biex tapplika għal fondi pubbliċi b'risq ir-restawr u l-konservazzjoni tal-patrimonju Vittoriosan, u tmexxi l-proċess kollu meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proġetti.

### *Proġetti mwettqa matul l-aħħar sena*

Flimkien mal-kontribut kbir li tat lil dawk kollha li talbu l-għajnuna tagħha waqt ir-riċerka tagħhom dwar aspetti varji tal-Belt Vittoriosa, matul l-aħħar sena s-Soċjetà Storiko-Kulturali Vittoriosa wettqet għadd ta' proġetti ta' restawr u konservazzjoni, fosthom:

- ❒ Ir-restawr ta' Antifonarju tas-seklu tmintax.
- ❒ Ir-restawr ta' tliet volumi tas-Sant'Uffizzju Cartolaro.
- ❒ Ir-restawr tal-ġilandra tal-Ewkaristija.
- ❒ Ir-restawr tal-pedestall tal-vara ta' San Ġużepp.
- ❒ Ir-restawr tal-ħitan 'tal-Ġenna' u tas-sagristija tal-Oratorju tal-Kurċifiss.
- ❒ Ir-restawr tar-riża tal-fidda tal-Ikona ta' Damaxxena.
- ❒ Restawr, manutenzjoni u tiġdid fil-Mużew tal-Parroċċa

### *Ir-restawr ta' Antifonarju tas-seklu tmintax*

Sar intervent ta' konservazzjoni u restawr fuq antifonarju tas-seklu 18, li jappartjeni lill-Mużew Parrokkjali tal-Birgu u li jġib fuqu l-arma tal-Gran Mastru Manuel Pinto de Fonseca. Il-manuskritt huwa magħmul fuq parċmina (pergamena) u jinkludi notazzjonijiet mużikali ta' daqs kbir flimkien ma' inizjali dekorattivi.

Dan l-antifonarju sofra ħsarat ikkawżati mill-umdità matul is-snin, fosthom deformazzjoni tal-paġni, tixrid ta' kulur u l-preżenza ta' moffa. Il-legatura u l-qoxra kienu wkoll f'kundizzjoni ħażina ta' konservazzjoni.



# Milestone Solutions

project management on track

Perit Malcolm Gingell

Project Managers of Victory Square, Birgu





*Fr John u l-Arċipriet flimkien ma' Valentina Lupo minn* Atelier del Restauro *u Gordon Pace ta' Radju Calypso*

L-intervent kien jinkludi tindif, trattament ta' paġni mħassra, testijiet fuq l-istabbiltà tal-materjal, tiswijiet b'karta Ġappuniża, konsolidazzjoni tal-faxxikli, restawr tal-legatura u protezzjoni tal-qoxra tal-ġilda. L-għan ewlieni kien li l-paġni u l-legatura tal-antifonarju jiġu stabilizzati u ppreservati għall-futur.

Il-proġett kien jinkludi wkoll dokumentazzjoni fotografika u rapport tekniku dwar il-metodi użati. Dan l-intervent sar grazzi għall-interess personali li wera Gordon Pace u b'finanzjament ipprovdut minn Radju Calypso, fejn hu jokkupa r-rwol ta' direttur. L-antifonarju hu wieħed mill-artifatti importanti esebiti fil-Mużew Parrokkjali u hu apprezzat mill-viżitaturi li jżuru dan il-post.

### *Ir-restawr tas-Sant'Uffizzju Cartolaro*

F'kull parroċċa, b'mod partikolari f'dawk li l-bidu tagħhom imur lura bosta sekli, insibu armarji li jostru fihom teżor prezzjuż li mhux dejjem jingħata l-apprezzament li jistħoqqlu. Dan it-teżor mhu xejn għajr l-Arkivju Parrokkjali. Dan mhuwiex sempliċiment spazju fejn jinżammu għadd ta' manuskritti qodma, miktuba bl-idejn u li, probabbilment, il-linka tagħhom maż-żmien bdiet titlef mil-leġġibbiltà tagħha; iżda hu post li jiġbor fih ġabra ta' dokumenti imprezzabbli. L-arkivji parrokkjali huma, b'mod simboliku, bħall-qalb tħabbat tal-memorja kollettiva: sors ta' għarfien, wirt u identità li jgħaqqad il-passat mal-preżent.

Ma jistax jonqos li l-parroċċa tal-Belt Vittoriosa għandha arkivju li jikkonserva fih ġabra notevoli ta' volumi, dokumenti u reġistri ta' importanza kbira. Fost is-sezzjonijiet l-aktar sinifikanti li nsibu f'dan l-arkivju hemm il-kollezzjoni ta' sbatax-il volum magħrufa bħala Sant'Uffizio *Cartolario*. Dawn il-volumi huma marbuta mal-Inkwiżizzjoni Rumana li, bejn l-1571 u l-1798, mhux biss kellha l-palazz tagħha fil-Birgu, iżda għażlet ukoll il-knisja ta' San Lawrenz bħala l-knisja uffiċjali tad-Delegati Appostoliċi u l-Inkwiżituri.

Is-sopravivenza ta' dawn id-dokumenti oriġinali tal-Inkwiżizzjoni, miġbura fl-Arkivju

mib
Insurance Brokers

50 YEARS

Decades of trust. Driven by people.

**Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd.**
Zentrum Business Centre, Level 2, Mdina Road, QRM 9010, Malta
T +356 234 33 234 E info@mib.com.mt
**mib.com.mt**

Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd., C3540, is enrolled under the Insurance Distribution Act and is regulated by the MFSA.

Parrokkjali tal-Birgu taħt l-isem ġenerali ta' *Cartolari*, tirrappreżenta, probabbilment, waħda mill-aktar ġabriet estensivi tat-tip tagħha barra mill-arkivju prinċipali tal-Inkwiżizzjoni f'Malta, li jinsab fl-Arkivju tal-Katidral fl-Imdina.

Dawn il-volumi, flimkien, jinkludu aktar minn 6,500 folju u fihom mijiet ta' dokumenti separati li jkopru kważi l-perjodu kollu tal-preżenza tal-Inkwiżizzjoni f'dawn il-gżejjer, b'mod partikolari mit-tieni nofs tas-seklu sbatax 'il quddiem. Ma tista' tiġi identifikata l-ebda ordni loġika fil-mod kif il-materjal hu miġbur, la bejn il-volumi u lanqas fi ħdan kull volum.

Il-maġġoranza tad-dokumenti tikkonsisti fi proċedimenti ċivili, li ħafna minnhom għadhom iżommu n-numru oriġinali tal-kawża, kif ukoll f'xi proċedimenti kriminali inkwiżitorjali. In-numerazzjoni oriġinali tippermetti referenzi u tqabbil mal-arkivju prinċipali li jinsab fl-Imdina. Materjal ieħor ta' importanza f'dawn il-volumi jinkludi korrispondenza oriġinali mill-Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju f'Ruma lill-Inkwiżitur f'Malta, kif ukoll diversi dokumenti oħra ta' natura amministrattiva u ġuridika.

### *Ir-restawr tat-tliet volumi*

Dawn il-volumi, li huma kkonservati fl-*Aula Capitularis*, b'mod ġenerali jinsabu f'kundizzjoni tajba, peress li kienu ġew irrestawrati bejn is-snin sebgħin u disgħin tas-seklu għoxrin. Minkejja dan, ġie nnotat li tlieta minnhom kienu jeħtieġu intervent imminenti ta' restawr mill-ġdid, minħabba diversi ħsarat ikkawżati mill-insetti u mill-elementi.

Għaldaqstant, fl-2024, b'kollaborazzjoni sħiħa mal-parroċċa, is-Soċjetà Storikao-Kulturali tal-Belt Vittoriosa mbarkat fuq proġett għar-restawr ta' dawn it-tliet volumi. Minn dakinhar sal-lum, dawn ġew restawrati mill-kumpanija *Atelier del Restauro*, bl-appoġġ finanzjarju ta' *Rotary Club La Valette, Farsons*



*L-ewwel volum lest: l-Arċipriet jirringrazzja lil Valentina Lupo u membri tar-Rotary Club La Valette*

*Foundation, HSBC Foundation, Gollcher Group*, u *CSB Group*.

Ix-xogħlijiet ta' restawr u konservazzjoni fuq l-ewwel volum ġew inawgurati waqt il-quddiesa tat-*Te Deum* nhar id-9 ta' Awwissu 2025, filwaqt li dawk tat-tieni volum kienu inawgurati waqt serata mużikali li saret fil-Kolleġġjata ta' San Lawrenz nhar is-17 ta' Jannar 2026, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-għeluq tal-festi li saru fil-Belt Vittoriosa fl-okkażjoni tal-1800 sena mit-twelid ta' San Lawrenz. It-tielet volum restawrat mistenni jkun inawgurat fil-jiem tal-festa titulari ta' San Lawrenz. Jekk jinstabu aktar benefatturi, 'il quddiem se nimbarkaw fuq it-tieni fażi tal-proġett li se tkun tikkonsisti fil-legatura professjonali tal-14-il volum l-ieħor, biex il-volumi kollha jkunu uniformi.

### *Ir-restawr tal-ġilandra tal-Ewkaristija*

Din il-ġilandra tintuża biex fiha titqiegħed l-isfera bl-Ewkaristija Mqaddsa waqt l-adorazzjoni solenni fil-jiem tal-kwaranturi u l-festi ta' *Corpus* u tal-Qalb ta' Ġesù, kif ukoll fil-jiem tal-Milied, billi fiha titqiegħed ix-xbieha ta' Ġesù Bambin. Din saret fis-snin sittin fuq disinn tal-artist Vittoriosan Antonio Buhagiar. Il-ħsieb oriġinali kien li din issir tal-fidda, iżda minħabba l-ispiża involuta kien ġie deċiż li minflok issir tal-injam u tiġi indurata bid-deheb u l-fidda. Ix-xogħol tal-injam tagħha



sar mill-mastrudaxxa Lorenzu Mifsud, missier l-Arċipriet Mifsud, li kien ukoll mill-Birgu, filwaqt li l-iskultura tagħha nħadmet minn Antonio Buhagiar innifsu. L-induratura kienet saret mill-Vittoriosan Lorry Gatt tal-Induratur. Din il-ġilandra [*ara ritratt fuq ix-xellug*] hija waħda eleganti, artistika u maħduma b'reqqa kbira. Xi snin wara li saret, Buhagiar innifsu kiteb li meta kien qed jiskolpi l-iskultura tagħha, għamel dan b'delikatezza kbira, minħabba l-fatt li din kellha sservi biex fuqha tinħadem il-fidda. Din l-opra tal-arti, li żżejjen il-Kolleġġjata Lawrenzjana tal-Birgu, saret fi żmien l-Arċipriet, Dun Lawrenz Mifsud.

Wara aktar minn sittin sena, inħass il-bżonn li tiġi restawrata. Dan sar possibbli grazzi għas-Soċjetà Storiko-Kulturali tal-Belt Vittoriosa, li bil-kunsens u l-fiduċja tal-Arċipriet, Dun Karm Busuttil, għamlet talba formali lill-*BOV Fundation* u din wara diversi laqgħat aċċettat li tgħin u daħlet għall-ispiża kollha. Ix-xogħlijiet ta' restawr u konservazzjoni saru mill-kumpanija *ReCoop* u kienet inawgurata waqt kunċert tal-Milied li sar il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2025, fil-knisja ta' San Lawrenz.

### *Ir-restawr tal-pedestall tal-vara ta' San Ġużepp*

Il-vara proċessjonali ta' San Ġużepp, meqjuma fil-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu, hija waħda mill-eqdem xbihat ta' dan il-Patrijarka fil-Gżejjer Maltin. L-istorja tagħha hija marbuta mill-qrib ma' dik tal-Fratellanza ta' San Ġużepp tal-Birgu, li hija fost l-eqdem fratellanzi tal-qaddis f'Malta.

Skont it-tradizzjoni, fl-1508 il-Fratellanza bniet kappella ddedikata lil San Ġużepp f'Ras il-Knejjes fil-Birgu. Fl-1575, waqt iż-żjara pastorali ta' Monsinjur Pietru Dusina, jissemma artal iddedikat lil San Ġużepp fil-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz, li kien taħt il-kura tal-fratelli liebsa l-konfratija bajda. Sas-seklu sbatax, il-festa tal-qaddis kienet diġà kibret tant li, fl-1637, waqt iż-żjara pastorali tal-Isqof Balaguer, tissemma purċissjoni solenni li kienet tgħaddi mit-toroq tal-Belt Vittoriosa.

L-eqdem inventarji tal-artal ta' San Ġużepp jixhdu wkoll l-eżistenza ta' vara tat-tip *imagen a vestir* (imlibbsa). Fl-inventarju tal-1660 tissemma "*vara di S Giuseppe con li suoi personaggi con li suoi vestimenti di raso*", filwaqt li dokument ieħor tal-1678 jelenka l-ilbiesi tal-qaddis u tal-Bambin Ġesù, flimkien ma' bastun tal-injam u żewġ dijademi indurati. Għalkemm dawn ir-referenzi jikkonfermaw l-eżistenza ta' vara tal-qaddis fil-Birgu, mhux magħruf b'ċertezza jekk il-figuri msemmija humiex dawk li għadhom jinġarru sal-lum.

Il-vara preżenti - li għandha post permanenti fil-Mużew tal-Parroċċa, tikkonsisti f'żewġ figuri bilwieqfa li jirrappreżentaw lil San Ġużepp u lit-tfajjel Ġesù. Il-qaddis iżomm lill-Bambin b'dirgħajh tax-xellug, filwaqt li fl-id il-leminija jżomm għasluġ tal-fidda.
Il-Bambin Ġesù jidher ibierek b'idu l-leminija u b'idu x-xellugija jżomm barmil żgħir bis-simboli tal-Passjoni. L-irjus, l-idejn u s-saqajn tal-figuri huma skolpiti fl-injam b'reqqa kbira, filwaqt li l-ilbies rikk li bih jiġu mlibbsa jagħti lill-vara dehra solenni u sabiħa. Bħal ħafna vari mlibbsa, il-korp tal-figuri huwa ffurmat minn manekkin b'anima tal-injam li sservi ta' sostenn għall-istruttura kollha.

Madankollu, wieħed mill-aktar elementi artistiċi li jżejnu din il-vara ta' San Ġużepp hu, bla dubju, il-pedistall. Dan ma jservix biss bħala bażi strutturali għall-vara, iżda huwa xogħol artistiku fih innifsu. Il-pedistall hu maħdum fl-injam u indurat bid-deheb, b'ornamentazzjoni Barokka eleganti li x'aktarx tmur lura għas-seklu tmintax. L-għamla u l-proporzjonijiet armonjużi tiegħu, flimkien mal-iskultura u d-dekorazzjoni rikka, jagħmluh wieħed mill-aktar pedistalli oriġinali f'dawn il-gzejjer.

Kien ilu jinħass il-bżonn li dan il-pedistall jiġi restawrat biex jerġa' jidher fil-glorja kollha tiegħu. Is-Soċjetà talbet lill-*Malta Tourism Authority* jekk kinitx lesta tgħin finanzjarjament fil-proċess tar-restawr u, wara



TAL-PETUT
PRODOTT LOKALI FRISK
20
20
TAL-PETUT
PRODOTT LOKALI FRISK
20
TAL-PETUT
SPECIALIZING IN LOCAL DISHES & LOCAL PRODUCE
PRIVATE DINING CONCEPT
BY RESERVATION
20, TRIQ PACIFIKU SCICLUNA
BIRGU
DONALDCALIGARI@GMAIL.COM
TEL: 2189 1169
MOB: 7942 1169



*Il-pedestall tal-vara ta' San Ġużepp wara li kien restawrat. [Inset: kif kien qabel il-proċess ta' restawr].*

li din ġentilment aċċettat, beda x-xogħol ta' restawr u konservazzjoni minn *ReCoop*.

Dawn ix-xogħlijiet kienu inawgurati mill-Arċipriet Kan Karm Busuttil fi tmiem il-quddiesa tat-8.30 am tal-Ħadd, 3 ta' Mejju 2026. F'din l-okkażjoni saru interventi qosra dwar l-istorja tal-vara u tal-pedistall, segwiti minn spjegazzjoni dwar il-proċess ta' restawr u konservazzjoni. Permezz ta' dan il-proġett, il-pedistall ġie salvagwardjat u, jekk Alla jrid, qed nipproġettaw li sal-festa tas-sena d-dieħla jkun sar ukoll ir-restawr tal-bradella u tal-bankun ta' din il-vara storika u artistika li kif diġà għedna, matul is-sena tinżamm għall-wiri fil-Mużew tal-Oratorju ta' San Ġużepp.

### *Ir-restawr tal-ħitan 'tal-Ġenna' u tas-sagristija tal-Oratorju tal-Kurċifiss*

Inizjattiva oħra ta' sodisfazzjon kienet it-tlestija ta' xogħlijiet ta' konservazzjoni u restawr fuq is-sagristija tal-Oratorju tal-Kurċifiss u 'tal-Ġenna'. Il-faċċata tagħhom kienet tinsab f'kundizzjoni ta' deterjorazzjoni severa minħabba interventi antiki mhux xierqa u l-użu ta' materjali li kienu qed jagħmlu ħsara lill-ġebla Maltija. Permezz ta' xogħol bir-reqqa u bl-użu ta' metodi tradizzjonali ta' restawr, tneħħew għadd ta' saffi ta' siment li kienu qed jagħmlu l-ħsara, sar tindif u konsolidazzjoni tal-ġebel, kif ukoll *plastic repair* u tikħil b'materjali bbażati fuq il-ġir, biex il-faċċata terġa' tingħata l-istabbiltà u l-protezzjoni meħtieġa. Dan l-intervent sar b'mod professjonali ħafna minn Josef Sant b'rispett sħiħ lejn il-valur storiku u kulturali ta' dan is-sit importanti, biex jiġi ppreservat għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Nixtiequ nesprimu r-ringrazzjament sinċier tagħna lill-Kummissjoni Ġimgħa l-Kbira Birgu, li tat il-kunsens tagħha għat-twettiq ta' dan il-proġett, kif ukoll għall-għajnuna li offriet

Haier

**No. 1 World Leaders**
in Electric Water Heaters
for 10 consecutive years




SATARIANO

122, Valley Road, B'Kara





*Il-'Ġenna' qabel ir-restawr li sar fuqha b'reqqa kbira [xellug] u wara x-xogħol ta' restawr [lemin]*

lir-restawratur permezz tal-voluntiera tagħha waqt ix-xogħlijiet. Il-preservazzjoni ta' dan il-post storiku, mibni fil-bidu tas-seklu tmintax, mhux biss restawr tal-ġebel, iżda wkoll ħarsien tal-identità, tal-istorja u tal-komunità tagħna.

### *Ir-restawr tar-riża tal-fidda tal-Ikona ta' Damaxxena*

Is-Sibt, 31 ta' Mejju 2025, waqt serata bl-isem ta' *Mater Dei* li saret fil-knisja tagħna, l-Arċisqof Charles J Scicluna, flimkien mal-Arċipriet Dun Karm Busuttil, inawguraw ix-xogħlijiet ta' riċerka, konservazzjoni u restawr li saru fuq l-ikona storika ta' Sidtna Marija tat-Tgħanniqa Ħelwa (Damaxxena). Dakinhar ġie mħabbar li l-istudji xjentifiċi li saru mil-Laboratorji Dijanjostiċi ta' *Heritage Malta* żvelaw diversi fatti interessanti, fosthom iż-żmien ta' meta saret l-ikona. Permezz ta' *carbon dating*, it-tila u l-injam ġew datati bejn is-sekli tlettax u ħmistax WK, u dan saħħaħ aktar l-importanza storika u artistika tagħha. Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet interessanti, ġie deċiż li r-riża tal-fidda tas-seklu tmintax ma terġax titlibbes fuq l-ikona oriġinali. Minflok, saret replika tal-ikona biex ir-riża restawrata, titlibbes fuqha.

Ix-xogħol fuq ir-replika sar minn *Prevarti*, waqt li r-restawr tar-riża twettaq mill-argentier *Tarcisio Cassar Gold-Silver Manufacturer and Restoration* taż-Żejtun, taħt is-superviżjoni ta' Pierre Bugeja, dejjem ta' *Prevarti*. Matul dan l-intervent saret ukoll raġġiera ġdida tal-fidda minflok dik tal-metall li kien hemm qabel. Issa l-proġett kollu marbut ma' din l-ikona prezzjuża huwa lest. Illum kemm l-ikona oriġinali kif ukoll ir-replika jinsabu meqjuma fil-kappella ta' Damaxxena fil-Birgu, li tagħmel parti mill-Oratorju ta' San Ġużepp.

Bi pjaċir inħabbar ukoll li, wara rikors li sar lill-awtoritajiet tal-Knisja, fix-xhur li ġejjin se jibda wkoll ir-restawr tal-kappella ta' Damaxxena, grazzi għall-ħidma ta' Lawrence Ellul u l-ġenerożità tas-Sinjura Victoria Fontan.

## Inroddu ħajr lil dawn il-ħwienet u kumpaniji li taw kontribuzzjoni għal din il-pubblikazzjoni

Carissima: Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Il-Birgu -
T: 21697932 / M: 77493236

Chetwyn Confectionary: 14, Triq il-Mina l-Kbira, Il-Birgu - M: 99027321

Fava Woodworks: KW 17B Corradino Industrial Estate, Paola -
T: 21827650

Franka Lira: Il-Pjazza tal-Birgu, Il-Birgu - T: 21807544 / M: 79429165

Gem Stones: Triq il-Mina l-Kbira, Il-Birgu - T: 27822592 / M: 79021701

Gold Lady Jewellery: Sir Paul Boffa Avenue, Iż-Żejtun - T: 21673928

Gozo Artisan Food: Triq San Lawrenz, Il-Birgu

Highlight Stationery: 51, Triq il-Mina l-Kbira, Il-Birgu - M: 99463519

Main Square Bistro: Il-Pjazza tal-Birgu, Il-Birgu - T: 21801671

Manuel Garage: Triq Iż-Żejtun, Birżebbuġa - T: 21660167 / M: 99473095

Satin Skin: Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Il-Birgu -
T: 21667985 / M: 99892069

Step-in Stationery & Home Appliances:
Il-Pjazza tal-Birgu, Il-Birgu - T: 21801207

St Lawrence Grocery: 18 Triq Desain, Il-Birgu
Power Age Disco - Weddings, parties & social occasions
Lawrence Powell - T: 20991063 / M: 99398333

St Philip's Self Service Grocery Store:
Pjazzetta San Filippu, Il-Birgu - M 99827318

Terence Butcher: 8 Triq il-Papa Alessandru, Il-Birgu - T: 77232764

The Champ Pastizzeria: Il-Pjazza tal-Birgu, Il-Birgu - M: 99083141

Owen Zahra: Triq Desain u Triq Santa Skolastika, Il-Birgu -
M: 99888350



*Ir-replika tal-ikona storika ta' Sidtna Marija tat-Tgħanniqa Ħelwa (Damaxxena)*

### *Restawr, manutenzjoni u tiġdid fil-Mużew tal-Parroċċa*

Minn żmien għall-ieħor, kull binja jkollha bżonn li jsir fuqha xogħol ta' manutenzjoni u tindif. Fis-snin riċenti, fuq inizjattiva tas-Soċjetà tagħna, li hija inkarigata mill-amministrazzjoni tal-Mużew tal-Parroċċa, li qiegħed fl-Oratorju ta' San Ġużepp, saru diversi proġetti ta' restawr u tisbiħ. Fosthom insibu n-niċċa ta' San Ġużepp, ir-rixtellu tal-kappella tad-Damaxxena, iċ-ċensier u n-navetta li kienu tal-knisja tat-Trinità, diversi lampieri tal-fidda u oħrajn.

Fl-aħħar xhur, Charles Debattista, li hu wieħed mill-voluntiera tal-Mużew tal-Parroċċa, ħa ħsieb jikkordina diversi xogħlijiet ta' tindif, manutenzjoni u tisbiħ fil-Mużew, li kienu meħtieġa. Fost dawn insibu xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq il-bejt, ir-restawr tal-gallerija tal-orgni, tiswija, tibjid u tindif tat-taraġ tal-bejt u tal-garigor, kaxxa ġdida għall-*main* tad-dawl, tibdil ta' kanna tal-ilma, tindif ta' ħitan u tqegħid ta' damask ġdid fin-niċċa ta' 'San Lawrenz Jagħti d-Dawl lill-Għomja', pittura ta' armi simboliċi, modifikazzjonijiet f'xi vetrini, restawr tal-Baċir tal-Karità minn Toni Farrugia u tant oħrajn. Grazzi kbira lil Charles, lill-kustodji gwidi li jilqgħu l-viżitaturi, lill-membri tal-Kummissjoni



*Charles għaddej bix-xogħol fuq il-gallerija tal-orgni fil-Mużew tal-Parroċċa*



Mistakes end in tragedy
SWIMMING
THE SEA DOESN'T GIVE SECOND CHANCES.
BE CAUTIOUS AT SEA.
GOVERNMENT OF MALTA
tm
SAFETY AT SEA

Ġimgħa l-Kbira li dejjem issibhom u lin-nies kollha li b'mod jew ieħor kienu ta' għajnuna f'dawn ix-xogħlijiet.

### *Konklużjoni*

Dawn il-proġetti kollha huma xhieda ħajja tal-impenn kontinwu tas-Soċjetà Storiko-Kulturali Vittoriosa biex tħares, tikkonserva u tgħaddi lill-ġenerazzjonijiet futuri l-wirt storiku, artistiku u reliġjuż tal-Belt Vittoriosa u tal-knisja tagħna, li aħna tant inħobbu.

Bħalissa s-Soċjetà bħalissa qed naħdmu bis-sħiħ fuq diversi proġetti oħra, li, jekk Alla jrid, uħud minnhom mistennija jitlestew fix-xhur li ġejjin, waqt li oħrajn għadhom qed jistennew il-finanzjament meħtieġ biex ikunu jistgħu jitwettqu. Wieħed japprezza li l-għan aħħari tagħna bħala Soċjetà, li tant għandna għal qalbna l-Birgu u l-istorja tiegħu, hu li matul is-snin nibqgħu nieħdu ħsieb dak li hu l-wirt ta' Beltna u l-knisja tagħna. ❐



*Il-Baċir tal-Karità, li wkoll kien irrestawrat*



*Il-gallerija tal-orgni tal-Oratorju ta' San Ġużepp [Mużew tal-Parroċċa] li ngħatat dehra ġdida*

# ATELIER DEL RESTAURO

CONSERVATION & SCIENTIFIC ANALYSIS OF WORKS OF ART



**We are proud to have conserved and restored part of the remarkable collection of 18th-century Cartolari volumes from the period of the Inquisition in Malta, safeguarded within the historic Vittoriosa Parish Archive.**

Laboratory address | No B3, Midland Micro Enterprise Park, Burmarrad Road, Naxxar, NXR 6345

Valentina Lupo 79534766 www.facebook.com/atelierdelrestauromalta

www.atelierdelrestauro.com

PAWLU MICALLEF

# Meta d-drapp tal-festa kien jintrama f'ġurnata waħda

Sa minn meta kont għadni tifel żgħir nilgħab tal-festa, l-armar ta' barra dejjem kien jinteressani, anzi jsaħħarni u nistgħu ngħidu li għadu hekk sal-lum. Tant hu hekk li għalkemm inħobb il-festa b'mod ġenerali, bla tlaqliq ikolli ngħid li l-armar jiġi fl-ewwel post u forsi r-raġuni hi minħabba li jien trabbejt qalb daqshekk armar sabiħ, bħalma hu tant magħrufa għalih il-festa tagħna.

***Ġibda għall-armar ta' barra***

Meta mbagħad bdejt nitfarfar u kien wasal iż-żmien li nibda noħroġ u ommi rat kemm kont mitfugħ għal dawn l-affarijiet, hi xtaqet li jien nibda mmur narma l-knisja. Hemm kien hemm il-kenn delli mill-qilla tax-xemx sajfija ta' Lulju u Awwissu u hemm hu ħieles mill-periklu ta' xi karozza. Iżda mill-ewwel urejt li l-ġibda tiegħi kienet lejn li nħaffer b'xi landa tat-tonn taż-żejt it-toqob tal-antarjoli, niġri niġġieled biex nilħaq ċima biex intella' pavaljun jew nitla fuq it-trakk tal-festa biex narmaw il-kolonna l-kbira, waqt li ta' tfal li konna, inkantaw b'ħanġra daqsiex waqt li Salvu l-Ħampi jipprova jsikkitna.

***Vaganzi tas-sajf***

Xi minn daqqiet it-tfal l-oħra kienu jaqbdu miegħi li jien 'm'iniex mill-Birgu', iżda minn Bormla, għax tgħammidt hemmhekk, imma minħabba li jien trabbejt il-Birgu twaħħadt ma' din il-belt u ma' din il-festa tal-patrun tagħna. Jien kont inqatta' l-vaganzi tas-sajf bejn l-imħażen ta' San Filippu u t-toroq tal-Birgu, waqt li jkunu qed jilbsu l-libsa tal-festa filwaqt li xi logħba ballun u qabża



l-baħar it-Toqba ma kinitx tonqos. Żmien sabiħ li b'mod nostalġiku ngħożżu ma' qalbi u nqisu bħala wieħed mill-isbaħ żmien ta' ħajti.

***Santa Karmena tal-Pity***

U aħna bħala tfal kien l-għors tagħna mmorru mal-'kbar' meta dawn jarmaw u dawn mhux darba jew tnejn kienu jibagħtuna nġibu xi skalpellina jew xi biċċa ħabel għall-bandalori jew jibagħtuna nixtru xi xarba kiesħa biex ittaffi s-sħana li jkun ikun hemm. U aħna konna ubbidjenti biex imbagħad iħalluna ntellgħu xi pavaljun żgħir jew inżommu xi bandalora. Niftakar qisu lbieraħ meta darba xtaqt l-art tiblagħni waqt li grupp żgħażagħ ta' dak iż-żmien - illum ħafna minnhom mejta jew ġo xi dar tal-anzjani, kienu qed itellgħu l-bandalori tal-pittura fi Triq Desain. Jien li kollni entużjażmu bdejt naqra l-ismijiet

ER

# EMERGENCY ROOMS




**24/7**
ACCIDENT AND EMERGENCY SPECIALISTS ON SITE

Our Emergency Rooms at **Saint James Hospital Żejtun** provide immediate first aid, medical assessment and treatment for a wide range of accidents and emergency medical conditions on a **24/7 basis**.

2329 1000
info@stjameshospital.com
**stjameshospital.com**

SAINT JAMES
HOSPITAL





tal-qaddisin hekk kif tinħall il-bandalora u bdejt, ta' fidil li kont, nistaqsihom x'jisimhom dawk il-qaddisin. U darba nksirt waħda sew għax meta staqsejt x'qaddisa kien imiss, wieħed bid-daħqa fuq fommu għall-pjaċir ta' sħabu weġibni b'leħen li jisimgħu kulħadd 'Ommok bla ħwejjeg'. Mad-daħqa tal-'kbar' dabbart rasi u ma rsaqtx iktar lejn dik iċ-ċorma.

### *Inqas armar fit-toroq*

Dak iż-żmien li qed ngħidu, fis-sebgħinijiet, meta l-festa kienet issir biss fuq erbat ijiem, jiġifieri mill-Anteviġilja sal-għada tal-festa, ma kienx hawn l-armar li hawn illum. Fil-fatt id-drapp kien jinbeda xi t-8.30 ta' filgħodu, bil-bandalori tal-Bażilki fuq l-armi tal-Gran Mastri tondi, li dak iż-żmien kienu suwed mad-dawra tax-Xatt li kien għadu mimli siġar, bankijiet u l-kanun fin-nofs, qabel ma sar il-Monument tal-Ħelsien fl-1979. L-armar tad-drapp kien jintemm għal xi l-4.00pm, bil-pavaljuni tal-pitturi li kienu jdawru l-Pjazza u jagħlaq kollox kien il-'Ballun' f'nofs il-Pjazza għal waqt il-marċ tat-*Te Deum* f'lejlet il-festa filgħodu.

Dak iż-żmien kienet tintrama biss ir-rotta tal-purċissjoni u forsi l-iskontri tal-Lunzjata, imma ħafna armar li nafu llum ma kienx għadu hemm, bħal ngħidu aħna, l-anġli tal-Lunzjata , l-arblu l-kbir, u kien għad kellna t-trufej l-antiki (u lanqas kien hemm is-sett sħiħ) fil-Pjazza u tant armar ieħor li ġie introdott wara matul is-snin.

Anki kien hemm ċerti toroq, bħat-triq b'ħajt għoli li kien hemm fix-Xatt, li kien twaqqa' biex titwessa' t-triq li llum tagħti għall-Monument tal-Ħelsien, kif ukoll fuq is-Sur tal-Kurdara, fejn kienu għadhom jintramaw bandalori dojoq u bil-ponta, bil-kuluri Maltin li mbagħad inbidlu maż-żmien.

Fil-Pjazza, fit-triq tal-Lunzjata u fit-toroq



NICHOLAS
INDUSTRIES
EST 1986
ALUMINIUM – PVC – WROUGHT IRON – STAINLESS STEEL – GLASS – AUTOMATION SYSTEMS
+356 2146 4761 | +356 9924 0230
info@nicholas.mt
www.nicholas.mt
No. 33, Angelo Melilli Street, Zebbug, Malta ZBG 2803




TaTu Klinik
By Tracy
TATTOOIST
SEMI PERMANENT MAKE-UP
TOOTH GEMS
LASH LIFT + TINT
EYEBROW LAMINATION + TINT
Enhance
Express
Empower
TaTu Klinik

prinċipali diġà beda jidher id-drapp bid-disinji sbieħ Barokki tas-surmast Buhagiar, filwaqt li dak iż-żmien il-liedna ħadra kienet issir bil-karti tat-tajr u mhux bil-plastik, kif qed issir illum u għalhekk kienet tinbidel kull sena.

### *Bla inġenji tal-lum*

Illum għall-grazzja ta' Alla, meta niġu biex narmaw, nagħmlu użu minn għadd ta' inġenji li jnaqqsu t-tbatija, bħalma huma *forklifters*, *highups* u slielem tal-aluminju. Tajjeb hawnhekk ngħidu grazzi mill-qalb lil dawk il-kumpaniji li jagħtuna b'self bla interessi dawn l-inġenji.

Imma meta konna tfal dawn l-inġenji ma kinux jeżistu, u għalhekk kollox kien jintrama bis-slielem tal-injam, tqal nobis u hekk kienu jiddaħħlu l-kavilji meta jkun hemm xi telgħa, kif inhuma l-maġġoranza tat-toroq tal-Birgu. U għalkemm kien hemm diġà t-trakk, imma l-mezz komuni tal-ġarr dak iż-żmien kien il-famuż karettun li fuqu konna nġorru prattikament kollox, minn arbli sal-istatwi fuq is-saqqu, li kien sinonimu ma' San Filippu. Niftakar li darba dan l-imbierek karettun ħarab mill-kontroll tagħna u spiċċa l-Pjazza sakemm daħal f'karozza Anglia bajda. Naturalment ftehemna li nagħlqu ħalqna, għax inkella konna naqilgħu xi ċamata mingħand Anton.

### *Biża infondat*

U fil-bidu tal-'karriera' tiegħi fl-armar, li naħseb damet aktar minn 40 sena, sakemm kbirt, kont nibża' meta l-istatwa ta' San Lawrenz kienet tgħaddi taħt xi pavaljun li nkun irbatt jien għax kont nibża' li se jaqa' fuqu u nieħu t-tort kollu u nisfratta l-festa.

Insomma … stejjer oħra, bħall-famużi 'pavaljuni storiċi' (Christian ħu nota, jekk jogħġbok) nittama li nkompli nirrakkuntalkom is-sena d-dieħla … dejjem jekk Alla jrid! Intant nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. ❐




The new water dispenser for homes and offices is solid as a ROCK
VERTEX VENDING
Triq il-Mastrudaxxa, Ħal Qormi
Tel: 2166 7059
www.vertexvending.com


Smart Transport Ltd
Reliable. Comfortable. Always on the Move.
Your trusted partner in every journey.
CORPORATE EVENTS
AIRPORT TRANSFERS
POINT TO POINT TRANSPORT
SCHOOL & COLLEGE TRANSPORT
SCHOOL OUTINGS
CRUISE LINER TRANSFERS & TOURS
VIP SERVICES
12, Triq ir-Rebbiegħa, Ħal-Għaxaq
21674946
www.smarttransport.mt
info@smarttransportltd.com

ANNA MARIA PISANI

# 35 sena ta' ħidma fost l-anzjani tal-Birgu

***'Rodd ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu' [Salm 136:1].***

Fit-12 ta' Jannar ta' din is-sena l-Grupp Anzjani tal-*CARITAS* tal-parroċċa, li mmexxi jien flimkien ma' grupp ta' anzjani impenjati, iċċelebra l-35 sena mit-twaqqif tiegħu. L-ewwel laqgħa tal-Grupp kienet saret fit-12 ta' Jannar 1991. Fiċ-ċelebrazzjoni li għamilna f'Jannar kellna magħna l-Arċipriet Dun Karm Busuttil, li ċċelebra l-Ewkaristija għalina fil-*Youth Centre* u wara fraħna flimkien b'festin xieraq tal-okkażjoni. Kien preżenti wkoll Fr John, li jilqagħna fil-*Youth Centre* regolarment. U rrid insemmi wkoll lil Charlie Debattista, li jieħu ħsieb il-post, u li tant jieħu paċenzja bina.

Iċ-Ċentru li mmexxi jien jaf il-bidu tiegħu fis-snin disgħin u hu t-twettiq ta' viżjoni li kellu l-mibki Mons Victor Grech. Dun Victor, kif kien magħruf, kien wera x-xewqa li l-anzjani ma jibqgħux waħedhom id-dar, wara li jkunu rabbew familja. Kien konxju li ħafna minnhom fil-verità kienu qed jispiċċaw weħidhom, magħluqin ġewwa. Dun Victor xtaq iwettaq il-viżjoni tiegħu. Beda billi tkellem mal-kappillani u ħeġġiġhom biex jibdew jiftħu ċentri soċjali għall-anzjani fil-parroċċi madwar Malta. Kien insista li jiltaqgħu fil-parroċċa biex ikun aktar faċli għalihom u sintendi li jitmexxew minn anzjani bħalhom, li joffru servizz volontarju.

L-Arċipriet tal-parroċċa tagħna ta' dak iż-żmien, Mons Pawlu Raggio, ma qagħadx



lura. Niftakar sewwasew meta f'Jannar tal-1991, ġiet Sr Salvina Bezzina mill-*HelpAge Caritas Malta*, biex jingħata bidu għall-Grupp Anzjani tal-*CARITAS* fil-parroċċa tagħna. Imma jrid jingħad li qabel ma beda dan il-Grupp, diġà kien jeżisti l-Grupp Djakonija fi ħdan l-Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika, Fergħa Rġiel, li kien imexxi Carmelo Calleja. Il-Grupp, fost ħwejjeġ oħra, kien kull sena jorganizza l-quddiesa għall-anzjani fin-novena tal-festa ta' San Lawrenz.

L-ewwel anzjani li taw bidu għall-Grupp Anzjani tal-*CARITAS* kienu Feliċ Testa, Joe Bonello, Joseph Chetcuti, Salvinu Zahra,

*L-ARMAR TAGĦNA RRIDU NIBŻGĦU GĦALIH*

# IL-KUMITAT FESTI ESTERNI SAN LAWRENZ GĦADU KEMM INVESTA F'MAĦŻEN FEJN IKUN JISTA' JERFA' L-ARMAR TAL-FESTA

**L-għan tagħna hu li meta jkollna spazju biżżejjed fejn nerfgħu l-armar, il-knisja ta' San Filippu ma tibqax tintuża bħala maħżen u din tiġi restawrata għall-glorja li kellha qabel.**

**Jekk tapprezza l-ġmiel ta' armar li għandna, għinna ntaffu l-piż li dħalna għalih.**
**Agħti d-donazzjoni tiegħek:**
**B'ċekk pagabbli lil:**
**Kumitat Festi Esterni San Lawrenz**
**Permezz ta' Revolut Kont Numru 9945 3440.**

**Grazzi bil-quddiem tal-għajnuna tiegħek.**
**Id-donazzjoni tiegħek tagħmlilna ħafna kuraġġ.**

Maria Attard u Emily Mizzi. Ftit wara żdiedu Giovanna Testa, mart Feliċ, Evelyn Darmanin, Doris Barbara, Joseph Adami, Frida Micallef, Lucy Mallan, Antida Farrugia, Carmen Gatt, Pauline Bowman, Ġuża Avellino, Renzo Xerri u Joe Micallef. Maż- żmien daħlu oħrajn ġodda, li taw is-sehem tagħhom fil-kumitat tal-Grupp. Illum jien immexxi dan il-Grupp, flimkien ma' għadd ta' anzjani oħra impenjati. Bħala membri tal-kumitat, darba fix-xahar ikollna laqgħa l-*Caritas* biex nitkellmu ma' gruppi soċjali oħra li għadhom jesiżtu f'Malta.

Fil-bidu kienu ħafna l-anzjani li kienu jattendu għal dawn il-laqgħat u għall-ħarġiet li kienu jkunu organizzati. Illum naqsu, imma xorta waħda regolarment, fil-laqgħat li jsiru fil-*Youth Centre* jkollna kelliema diversi li jkellmuna dwar temi li huma ta' interess għall-anzjani. Il-ħarġiet jibqgħu attività soċjali importanti u l-Għaqda kull sena tgħin fl-organizzazzjoni tal-quddiesa għall-anzjani li tkun organizzata fin-novena ta' San Lawrenz.

Imma fuq kollox l-għan tal-Grupp jibqa' dak li dejjem xtaq Mons Dun Victor Grech, jiġifieri li l-anzjani joħorġu mid-dar, jiġu ċ-Ċentru, fejn isibu min jismagħhom u fejn ikunu kapaċi jaqsmu ma' ħaddieħor il-weġgħat u l-ansjetajiet li jkunu qed jgħixu, barra li jgħixu mumenti ta' soċjalità, divertiment u l-gost li joħorġu ma' sħabhom anzjani. Il-Grupp jara li jgħix ukoll mumenti ta' spiritwalità, għax anki l-anzjan għandu bżonn il-qawwa ta' Alla. Dun Victor kien jinsisti wkoll li l-Grupp jilqa' fih lill-anzjani kollha, mingħajr eċċezzjoni, huma min huma.

Dan kollu jintlaħaq bis-servizz li jagħtu l-voluntiera li jaħdmu flimkien għall-ġid tal-anzjani. U minn dawn, fil-Grupp tagħna, għandna ħafna, għall-grazzja ta' Alla.

Waqt li qed niċċelebraw 35 sena ta' eżistenza, ippermettuli nirringrazzja lil dawk kollha li jgħinu matul is-sena kollha: Agatina Scicluna, Carrie Grixti, Rose Fenech, Rita Vella, Jacqueline Vassallo u ħafna oħrajn li jagħtu daqqa t'id fejn ikun hemm bżonn. U fuq kollox irrid nirringrazzja lill-anzjani li b'tant ħeġġa jattendu. Jalla l-Grupp Anzjani tal-CARITAS ikompli jikber u jkompli jagħti servizz lill-anzjani tagħna. ❐


*Anna taqsam it-torta tal-okkażjoni flimkien mal-Arċipriet u mdawra mill-anzjani tal-Grupp*


d Centre
CAFE·DINE·WINE
Good Food. Good Wine
Good Times
Relax and unwind in a warm and friendly atmosphere while enjoying delicious food.
Open daily from 9:00am till late. Call on 27017470 to book your table.


TASTE
MALTA
A taste of Malta's finest – where everything is proudly Maltese.
Open daily from 8:00am till 10:00pm

GEORGE AGIUS

# Fil-glorja mill-ġdid: il-konservazzjoni u r-restawr tal-pedistall, il-bankun u l-bradella ta' San Lawrenz



***"Min iħares il-wirt artistiku tal-imgħoddi, ikun qed isaħħaħ l-għeruq għas-sbuħija tal-ġejjieni." — John Ruskin***

Din ir-riflessjoni ta' dan il-kritiku Ingliż tal-Arti, tesprimi b'mod ċar il-valur tal-konservazzjoni tal-wirt kulturali. Kull intervent ta' restawr ma jfissirx biss il-preservazzjoni ta' materjal jew ta' artifatt, iżda wkoll mezz kif komunità tagħraf, tapprezza u tgħożż il-wirt li tkun irċeviet. B'dan il-mod, ir-restawr isir investiment fil-memorja kollettiva u fl-identità kulturali, filwaqt li jħares b'ottimiżmu lejn ġejjieni li fih dan il-wirt jibqa' jispira lill-ġenerazzjonijiet futuri.

L-Erbgħa, 30 ta' Lulju 2025, wara l-quddiesa tal-aħħar Erbgħa ta' San Lawrenz, fil-knisja Kolleġġjata tal-Belt Vittoriosa, saret ċerimonja simbolika li fiha kienu inawgurati ix-xogħlijiet ta' konservazzjoni u r-restawr tal-pedistall, il-bankun u l-bradella ta' San Lawrenz, li huma fost l-isbaħ opri artistiċi li nsibu fil-knisja tagħna.

Dawn l-opri saru fl-1903, fuq disinn tal-Vittoriosan Alfons Maria Pace[1] u mal-medda tas-snin sofrew ħsarat konsiderevoli kkawżati kemm mill-użu, kif ukoll mill-elementi naturali. Għalhekk minn żmien għall-ieħor, inħass il-bżonn biex dawn isirulhom xogħlijiet ta' tindif u konservazzjoni, skont it-teknika li kien hemm disponibbli fiż-żmien ta' meta saru dawn l-interventi.

## *Il-bankun u l-bradella*

Il-bankun flimkien mal-bradella tal-vara titulari ta' San Lawrenz huma xogħlijiet tassew artistiċi u ta' livell għoli, li juru l-gosti raffinati tal-imgħallmin Vittoriosani li għamluhom ftit aktar minn mija u għoxrin sena ilu. Ħafna huma dawk li jfaħħru d-disinn armonjuż u proporzjonat tagħhom, kif ukoll ix-xogħol fin u delikat fl-injam u fl-interzjar, flimkien mal-preċiżjoni li biha huma maħduma l-ornamenti tal-metall li jżejnuha.

Bħalma ġara meta saru diversi opri oħra f'din il-knisja, il-bankun u l-bradella ġew maħduma b'injam mill-aktar fin u ddisinjati b'għaqal u ħsieb profond, b'mod speċjali fl-għażla tas-simboli b'rabta mal-qaddis, kif ukoll mal-ġrajjiet glorjużi ta' din il-knisja Lawrenzjana. Fost dawn fuq il-bankun nsibu tmien anġli tal-metall qed iġorru l-armi araldiċi ta' tmien Katidrali u Bażiliċi importanti fl-Ewropa ddedikati lil San Lawrenz.[2] Fil-parti ċentrali ta' kull panew, hemm ukoll l-armi araldiċi ta' erba' personalitajiet li għandhom rabta notevoli mal-ġrajja tal-knisja parrokkjali tal-Birgu.

Dawn huma l-Konti Ruġġieru n-Normann, li skont it-tradizzjoni waqqaf il-parroċċa tal-Birgu fl-1090; il-Papa Urbanu II, li matul il-Pontifikat tiegħu twaqqfet din l-ewwel parroċċa f'Malta wara l-Katidral; il-Gran Mastru Fra' Philippe de Villiers de L'Isle Adam, li fl-1530 iddikjara l-knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu bħala l-ewwel knisja

**Eytzinger**

Gold Leaf Manufacturers

J. G. Eytzinger GmbH
Hansastrasse 15
91126 Schwabach
Federal Republic of Germany
Tel: +49 09122 97650
Fax: +49 09122 73938
Website: www.eytzinger.de
Mail: gold@eytzinger.com

J.G. Eytzinger GmbH - producing gold leaf since 1867 in Schwabach, Germany. Founded by Johann Gottlieb Eytzinger, the company is today recognized as a leader in the market for gold leaf, gold flakes, gold powder, silver leaf, palladium and platinum leaf, using the most up-to-date technology. With customers in over 80 countries worldwide, Eytzinger has become known as one of the most innovative and creative companies making gold leaf products at its own manufacturing site in Schwabach.

- **Gold leaf directly from our gold leaf factory.**
- **A large selection of gold leaf, ranging from 6 to 24 carats**
- **Select the correct gold leaf colour to suit your gilding project**
- **Gold leaf type: loose or transfer (patent)**
- **The gold leaf tissue paper booklets are manufactured in-house by Eytzinger**





Konventwali tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta; u l-Gran Mastru Jean de Valette, li għoġbu jagħti lill-Birgu l-isem glorjuż ta' *Città Vittoriosa*, il-Belt Rebbieħa, bħala ġieħ għas-sehem kbir li din il-peniżula kellha matul l-Assedju l-Kbir tal-1565.

It-tliet protagonisti prinċipali fl-eżekuzzjoni tal-bradella u l-bankun kienu l-Imgħallem Alfons Marija Pace, li għamel id-disinn u kien responsabbli wkoll mill-proċess; Lorenzo Roffini, mustaċċun tal-karpinterja li ħadem ix-xogħol tal-injam tagħhom fi żmien sentejn; kif ukoll Francesco Azzopardi li ta daqqa t'id ġmielha waqt l-eżekuzzjoni tal-proġett. Inkunu qed niżbaljaw jekk ma ngħidux ukoll li dan il-proġett sar possibbli grazzi għat-tħabrik ta' Giovanni Costantino u Ġużeppi Zammit, li għamlu dak kollu li setgħu biex jiġbru l-fondi meħtieġa. Skont il-Kanonku Dun GianMarì Farrugia, l-ispiża totali biex saru l-bankun u l-bradella laħqet is-somma ta' £850[3], somma kbira meta tiġi mqabbla mal-pagi ta' dik il-ħabta, u ċertament kienet tkun wisq akbar kieku x-xogħol ma sarx b'mod volontarju wara l-ħin tax-xogħol.[4]

Jingħad li l-bankun u l-bradella sofrew ħsarat kbar fit-Tieni Gwerra Dinjija, wara li l-post fejn dawn kienu merfugħa ġġarraf nhar is-16 ta' Jannar 1941. Wara l-gwerra, il-mibki Vittoriosan Lorenzo Zammit b'ħila kbira, u paċenzja bla tarf, irnexxielu jgħaqqad mill-ġdid il-biċċiet miksura u wara sigħat twal ta' xogħol volontarju lestieha għall-festa tal-1947. Ta minn ifakkar li dan Zammit bħala żagħżugħ ftit aktar minn erbgħin sena qabel kien ta daqqa t'id lil Roffini meta dan kien qed jaħdem dan il-kapolavur.[5]

### *Il-pedistall tal-fidda*

Il-pedistall meraviljuż tal-vara ta' San Lawrenz, fost l-isbaħ li hawn fil-Gżejjer Maltin, ukoll inħadem fl-1903 fuq disinn tal-Artist Vittoriosan Alfons Maria Pace, l-istess artist li, kif għedna diġà, iddisinja il-bankun u l-bradella tal-vara titulari ta' San Lawrenz.[6]



# OUR STORY MATTERS.

And what better way to tell it than through the buildings and artefacts that have borne witness to some of our islands' most defining moments? From landmarks that have become iconic features of the Maltese landscape to lesser-known underground war rooms and underwater treasures, the Malta Airport Foundation has made it its mission to ensure that these once-silent witnesses continue to share our story-today, and with generations yet to come.

Find out more about our initiatives by visiting www.maltairport.com/foundation

MALTA AIRPORT FOUNDATION



Dan huwa l-ewwel pedistall tal-fidda li qatt sar għal vara titulari fil-Gżejjer Maltin, u għalhekk kien ta' ispirazzjoni u mudell għal dawk li saru wara. Dan għandu qafas maħdum u skolpit fl-injam mastizz, f'forma ta' senduq merfugħ fuq erba' saqajn. Il-qafas tal-injam hu miksi bil-pjanċi tal-fidda mżejna b'għadd sabiħ ta' simboli u dekorazzjonijiet elaborati. In-narrattiva ikonografika tal-pedistall għandha rabta qawwija kemm mal-qaddis Lorenzu, kif ukoll mal-Belt Vittoriosa. Il-pedistall huwa mirqum fi stil eklettiku, Neobarokk u Neorokkoko, tipiku tal-aħħar snin tas-seklu dsatax.

Fil-kantunieri tiegħu nsibu statwi tal-fidda tal-allegoriji tal-Fidi, Tama, Imħabba u Safa, erba' virtujiet li jispikkaw fil-ħajja ta' San Lawrenz. Dawn l-istatwi ġew immudellati fl-injam mill-Artist Abram Gatt ta' Bormla.[7] Fil-parti ċentrali tal-panewijiet, flimkien mal-bassoriliev bl-arma araldika tal-Belt Vittoriosa, insibu tlieta oħra bl-armi araldiċi tal-Isla, Bormla u l-Kalkara, minħabba li l-parroċċi rispettivi ta' dawn il-lokalitajiet ħarġu mill-matriċi tal-Belt Vittoriosa.[8]

Skont rapport ippubblikat fil-ġurnal *Malta Tagħna* tal-15 ta' Awwissu 1903, il-fidda tal-pedistall kienet tiżen 80 *rotolo*, u skont ma kien iċċertifikat mill-Arġentier Maufredo Camilleri għandha purità ta' 91%. Dan ir-rapport jgħid ukoll li l-ispiża totali meta tinkludi l-mudelli u xogħlijiet oħra, kienet tammonta għal £585 [*ara hawn ritratt isfel*]. Minn irċevuta li ġġib id-data tal-20 ta' Lulju 1903, iffirmata mis-Sur Evarist Castaldi, il-persuna li kienet responsabbli


Il pedistall tal fidda, jizen 80 ratal; xoghol ta barra, ikkommissionat mis-Sur Castaldi, li hli spejjes kollu halak is-somma ta £ 585. F' kull angolu tieghu tinsab statua, immodellati mill bravu scultur Abram Gatt ta Bormla.
[illegible]
[illegible] La Sentinella.

mill-eżekuzzjoni tal-pedistall li nħadem barra minn xtutna, jirriżulta li dan sa dakinhar ingħata is-somma ta' £509 bħala ħlas.[9]
Dan il-proġett ambizzjuż seta' jitwettaq grazzi għall-impenn u l-ġenerożità ta' tliet benefatturi: il-Kanonku Dun GianMari Farrugia, Ġużeppi Zammit u Ġovanni Costantino, li ngħaqdu flimkien biex jiġbru l-fondi meħtieġa biex isir dan il-pedistall mill-isbaħ għall-vara titulari ta' San Lawrenz.[10] Fl-1909, bit-tħabrik ta' Francesco Zammit u ħuh Ġużeppi, saru erba' važuni tal-fidda sbieħ li tqiegħdu fl-erba' rkejjen tal-pedestall tal-fidda.[11]

Tajjeb infakkru wkoll li fl-istess sena, jiġifieri fl-1903, kienet inħadmet ukoll id-dalmatika magħrufa bħala tal-festa, mid-ditta rinomata Tanfani ta' Ruma. Din id-dalmatika għandha disinn elaborat u eleganti maħdum bir-rakkmu u mżejna b'għadd ta' ġawhar u kienet ġiet tiswa £92 li kienu nġabru minn fost il-parruċċani tal-Birgu.[12]

Minkejja li ħadd ma jista jinnega li dan il-pedistall ġarrab ħsarat konsiderevoli meta ntradam fil-gwerra, tant li xi wħud mill-ħsarat ġew osservati saħansitra mill-konservaturi waqt ix-xogħol tar-restawr li sar ricentament, mill-banda l-oħra ma hemm xejn li jindika jew jikkonferma l-għajdut li l-pedistall kien spiċċa litteralment mgħattan taħt it-tifrik.[13] Hawn irridu nfakkru li dawn il-ħsarat issewwew aktar tard mill-aħwa Cassar ta' Bormla, li kienu fost l-aqwa arġentiera li kien hawn dik il-ħabta.[14]

### *Ħtieġa ta' restawr u konservazzjoni*

Wara li fl-aħħar snin kienu ġew innutati diversi ħsarat fuq il-bankun u l-bradella, beda jinħass il-bżonn li dawn jingħataw trattament ta' restawr u konservazzjoni. Minħabba li l-ispiża kienet sostanzjali, il-parroċċa bdiet tfittex sostenn finanzjarju. Għaldaqstant, il-Kummissjoni Patrimonju



*Manuel għaddej bix-xogħol metikoluż fuq il-bradella tal-istatwa titulari*

Kulturali permezz ta' Fr John Avellino u bl-għajnuna tar-riċerka tas-Soċjetà Storiko-Kulturali Vittoriosa, applikat għal fondi fi skema tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Wara li t-talba kkwalifikat għall-fondi, ġie ppreżentat rikors lill-awtoritajiet tal-Knisja u, wara li dan ġie milqugħ, ġie avviċinat l-Artist Vittoriosan Manuel Vassallo biex iwettaq dan ix-xogħol. Hawnhekk tajjeb jingħad li xi snin qabel, Vassallo kien diġà wettaq xi xogħol ta' tindif u lostru fuq l-istess artifatti.

Il-proġett ta' restawr fuq il-bankun u l-bradella kien jinkludi l-fumigazzjoni, tindif, sostituzzjoni tal-partijiet nieqsa, tiswijiet fejn meħtieġ u lostru bit-tajjara. Dan ix-xogħol sar b'delikatezza kbira minn Manuel, taħt is-superviżjoni tal-Konservatur James Saliba, filwaqt li l-Iskultur Joseph Bugeja ħadem l-iskultura li kienet nieqsa. Flimkien mar-restawr tal-injam, l-Arċipriet,



*Wieħed mill-anġli bl-armi taċ-ċeramika*

flimkien mas-sagristan Anton Gellel, li kien il-kordinatur ta' dan il-proġett, ħadmu wkoll biex l-ornamenti, li wħud minnhom kienu ntilfu matul il-gwerra u kienu ġew sostitwiti b'repliki tal-antimonju, jerġgħu jinħadmu mir-ram maħsul bil-fidda. Dan ix-xogħol twettaq mid-ditta *Domus Dei* ta' Ruma, bil-kollaborazzjoni tal-Artist Manuel Farrugia.

Ivan Scerri ta' Bethlehem Bazaar ħa ħsieb il-kummissjoni ta' tmien armi taċ-ċeramika tad-diversi knejjes iddedikati lil San Lawrenz, u huma miżmuma mill-anġli li jinsabu fin-niċeċ tal-bankun. Dawn l-anġli, flimkien mal-gastri tal-fidda fejn jitpoġġew il-fjuretti, kif ukoll il-gradilja, ġew restawrati mill-Arġentier Joe Aquilina taż-Żejtun.

### *Restawr tal-pedestall*

Meta beda x-xogħol fuq il-bankun u l-bradella, nibet il-ħsieb li jiġi rrestawrat ukoll il-pedestall tal-fidda. Fuq parir ta' Mons Edgar Vella, l-intervent ta' konservazzjoni u restawr tal-pedestall twettaq minn tliet konservaturi professjonali: Josef Aquilina, konservatur u restawratur tal-injam, speċjalizzat ukoll fil-konservazzjoni preventiva; Frank Chetcuti u Francesco Sultana, konservaturi u restawraturi tal-oġġetti tal-metall, ħġieġ, ċeramika u ġebel. Il-proġett ġie ffinanzjat minn Lawrence Avellino u Roberta Garzia.

Wara studju preliminari tal-kundizzjoni tal-pedestall, irriżulta li l-ħsarat prinċipali kienu kkawżati minn dawn il-fatturi: ħsara kkawżata minn aġenti inkwinanti fl-arja; ħsara minħabba użu, tqandil u tindif mhux xieraq; ħsara marbuta man-nuqqas ta' manutenzjoni kostanti.

Min-naħa l-oħra, ġie kkonfermat li l-qafas tal-injam taħt il-fidda kien fi stat tajjeb ta' konservazzjoni, bi struttura stabbli u b'saħħitha, u mingħajr sinjali ta' deterjorazzjoni attiva. Waqt l-intervent, il-pedestall tneħħewlu l-applikazzjonijiet kollha tal-fidda li jżejnuh, fosthom liedna ta'



*Ix-xogħol ta' tindif għaddej fuq il-pedestall*

weraq u ward, kerubini, skrollijiet, arzelli, kif ukoll figuri allegoriċi. B'kollox, dawn kienu jammontaw għal sitta u tletin biċċa tal-fidda. Il-fidda sofriet minn bosta ħsarat, kemm fiżiċi kif ukoll kimiċi.

Il-ħsara fiżika kienet viżibbli primarjament fl-għadd ta' tkissir ta' biċċiet dekorattivi, partikolarment dawk l-aktar delikati, filwaqt li l-ħsara kimika hija kaġun ta' akkumulu ta' ħmieġ u trabijiet, fdalijiet ta' prodotti ta' tindif, ossidazzjoni, partikolarment fi rqajja l-aktar diffiċli biex jintlaħqu. Xhieda ta' din tal-aħħar hija l-formazzjoni ta' qoxra reżistenti f'xi nħawi ta' rqajja' sewdiena, u l-aċċellerazzjoni tal-korrużjoni. Ma' dan jiżdiedu wkoll fdalijiet ta' sunetti, ħafna drabi xejn għajr bċejjeċ ta' karti tal-gazzetta maqbuda wara l-fidda, kif ukoll marki tas-swaba' li komplew jikkontribwixxu għall-ħsara li kulma jmur kienet qed tkompli tikber u tinfirex dejjem aktar. Ix-xogħol fuq il-pedestall dam għaddej madwar tliet xhur u sar bejn April u Ġunju 2025.

Waqt dan ir-restawr ittieħdet ukoll id-deċiżjoni li l-pedata ta' taħt il-vara ssir tal-fidda. Din saret mill-Arġentier Deo Cassar ta' *Tarcisio Cassar Gold-Silver Manufacturer and Restoration* taż-Żejtun u ġiet imħallsa mill-Arċipriet, il-Kanonku Carmelo Busuttil, u b'hekk il-pedestall kompla jieħu dehra mill-aktar imponenti.

## *Konklużjoni*

Wara t-tlestija ta' dan il-proġett ambizzjuż ta' restawr u konservazzjoni, nistgħu ngħidu b'sodisfazzjon li dawn l-opri reġgħu ngħataw il-glorja oriġinali tagħhom, grazzi wkoll għal dawk kollha li, b'tant imħabba, ħadmu fuqhom.

Permezz ta' dan l-intervent, ġie assigurat li l-bradella, il-bankun u l-pedestall jibqgħu kkonservati u mħarsa għall-ġenerazzjonijiet futuri, bħala parti integrali mill-wirt artistiku u storiku tal-Belt Vittoriosa.

***Noti u Referenzi***

1 *Malta e le sue dipendenze*, 8 Agosto 1903.

2 Dawn huma l-Bażilika ta' *San Lorenzo fuori le Mura* u l-Bażilika ta' *San Lorenzo in Damaso*, it-tnejn f'Ruma; il-Katidrali ta' Alba, Viterbo u Genova fl-Italja; il-knisja Dukali ta' Firenze (Italja); il-knisja Rjali tal-*Escorial* (Spanja); u l-Bażilika ta' Saint-Eutrope fi Clermont-Ferrand, Franza.

3 Zammit Gabarretta, Anton, *The Church of the Grand Masters and Inquisitors*, Veritas Press, 1974.

4 Arkivju tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, Vittoriosa, *Memorie Lanzon – Supplemento* (Can Gianmari Farrugia), "(*Plinte vulgo predella*)".

5 Zammit Gabarretta, Anton, *The Church of the Grand Masters and Inquisitors*, Veritas Press, 1974.

6 *Malta e le sue dipendenze*, 8 Agosto 1903.

7 *Malta Tagħna*, 15 ta' Awwissu 1903.

8 *Malta e le sue dipendenze*, 8 Agosto 1903.

9 Arkivju tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, Vittoriosa, *Memorie Lanzon – Supplemento* (Can Gianmari Farrugia), "(*Plinte vulgo predella*)".

10 *Malta e le sue dipendenze*, 14 Agosto 1903 u Arkivju tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, Vittoriosa, *Memorie Lanzon – Supplemento* (Can Gianmari Farrugia), "(*Plinte vulgo predella*)".

11 Zammit Gabarretta, Anton, *The Church of the Grand Masters and Inquisitors*, Veritas Press, 1974.

12 Arkivju tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, Vittoriosa, *Memorie Lanzon – Supplemento* (Can Gianmari Farrugia), "(*Plinte vulgo predella*)".

13 Għall-kuntrarju ta' kull għajdut, ma hemm xejn li jindika jew jikkonferma li l-pedestall seta' ġie mgħattan taħt it-tifrik matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Mill-perspettiva u l-fehma tal-konservaturi u esperti li wettqu dan ix-xogħol ta' restawr f'dawn l-aħħar snin, huwa improbabbli li dan hu minnu. Madankollu, huma stqarrew li ma jeskludux li l-pedestall seta' ntradam u/jew intlaqat mit-tifrik tal-knisja, u li parti mill-ħsara li għad tista' tidher fil-pjanċa setgħet kienet konsegwenza tat-tifrik kawża tal-gwerra.

14 Zammit Gabarretta, Anton, *The Church of the Grand Masters and Inquisitors*, Veritas Press, 1974. ❐

PAWLU MICALLEF

# Raymond Parascandalo (1957-2026): missier ta' veru u sostenitur kbir tal-festa

F'lejlet il-Milied tas-sena l-oħra Raymond Parascandalo - iċ-Chopper, mar jiltaqa' mal-Ħallieq fis-sema. Raymond kien miżżewweġ lil Tania, xebba Callus, u kellhom erbat itfal: Marco, Lino, Jean Paul u Tiziana. Raymond kien bniedem soċjali u kien iħobb iżur il-bar favorit tiegħu, jaċċaċċra u jaqbad ma' dak u mal-ieħor, waqt li flimkien ma' sħabu jiddiskuti kull suġġett li jaqa' taħt is-sema, mill-festa, regatta, politika, kif ukoll il-futbol, bit-tim favorit tiegħu jkun dak tal-Liverpool. Raymond kellu karattru ħelu ħafna u kien jaf jiċċajta ma' kulħadd. Insomma kien kumpanija tajba. Kien espert għal dak il-kumment qasir, xott u effettiv, li kien jifqa' lil kulħadd bid-daħq. Nista' ngħid li fi tfuliti u żgħożiti fit-toroq tal-Birgu, dejjem kien ikun hemm ftit jew wisq il-preżenza ta' Raymond, mill-futbol fix-Xatt (qabel ma nbena l-Monument tal-Ħelsien) sat-Toqba, fejn konna nqattgħu s-sjuf sbieħ ngħumu sal-baga jew naqsmu sa Bighi. Bix-xogħol tiegħu ta' *salesman* kien jiltaqa' ma' ħafna nies u qabel il-prodotti, kien ibigħ il-karattru doċili tiegħu.

Għalkemm Raymond qatt ma kien membru f'xi kumitat, imma l-festa kienet f'qalbu. Kien sostenitur kbir tagħha u kien wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda Piroteknika tagħna. Niftakar sew li dejjem kien ikun preżenti waqt l-armar, speċjalment meta kien jitla' d-drapp. Ray kellu mħabba kbira lejn il-knisja tagħna u fuq kollox, kellu fidi qawwija f'Alla.

Hemm ħafna aktar episodji ta' bejnietna li



nibqa' niftakar, fosthom iż-żmien fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ, is-sehem tiegħu fir-*rock operas Jesus Christ Superstar* u Evita, fejn kellu l-parti prinċipali ta' Juan Peron. U għalkemm id-destin forsi fl-aħħar kien kiefer wisq ma' Raymond, tant li ħalliena fl-età ta' 62 sena, imma ħajtu għexha fil-milja kollha tagħha, fl-għożża tal-familja li tant kien iħobb. Kien tassew missier għal uliedu. Minn hawn nixtieq, f'isem l-entitajiet tal-festa, nagħti l-għomor lil martu Tania u l-erba' wliedu Marco, Lino, Jean Paul u Tiziana. Insellem ukoll l-erba' neputijiet tiegħu, Emily, Elisa, Benjamin u Nolan, li kienu l-mimmi ta' għajnejh.

Ray, f'din il-festa mhux se jkun magħna, imma ċert li se jgawdi lil San Lawrenz, mhux biss fil-ġranet tal-festa, iżda s-sena kollha u għall-eternità. Dan għaliex min, bi kliemu u b'għemilu jferraħ u jispira lil ta' madwaru, ħaqqu dak il-premju li aħna lkoll tant naħdmu għalih, dak li ngawdu lill-Ħallieq u lill-qaddisin tiegħu għal dejjem. Strieħ fis-sliem, ħabib. ❐

CHRISTOPHER PISANI

# Giovann Pisani (1928-2025): ġentlom, mużiċista, Lawrenzjan devot

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Novembru 2025, nhar l-Għid tal-Imwiet, ħalla din id-dinja Giovann Pisani, mużiċist kbir, ġentlom, Vittoriosan, kif ukoll Lawrenzjan devot. Kemm fil-mużika, kif ukoll fix-xogħol volontarju fil-Birgu, Giovann ħalla marka u kien maħbub minn kulħadd.

Giovann twieled fis-17 ta' Ottubru 1928 minn Giovanna née Bonavia u Ġużeppi Pisani. Kien iż-żgħir minn tmien aħwa - Leli, Wiġi, Wenzu, Serafina, Lora, Marija u Kitty. Attenda l-iskola tal-Armerija, bħal ħafna tfal oħra tal-istess żmien, u l-*MUSEUM*. Ta' età żgħira kien imur ma' missieru fil-ħanut li kellu tal-għamara, fejn eventwalment laħaq mastrudaxxa prim. Fil-gwerra, familtu marret Fleur-de-Lys biex jistkennu mill-qilla tal-għadu. Lura fil-Birgu wara l-gwerra, Giovann beda jaħdem bħala mastrudaxxa, imma mbagħad daħal mastrudaxxa mal-*MMU*, fejn dam hemm sakemm irtira. Fl-1952 Giovann iżżewweġ lil Tereża née Raggio, bir-riċeviment isir fil-Każin. Kellhom tliet itfal, Emanuel, Lawrence, u Josephine, li sfortunatament mietet ta' seba' xhur. Ta' min jgħid li Giovann xpruna l-imħabba mużikali lil uliedu, kif ukoll lin-neputijiet u l-proneputijiet.

Giovann studja l-mużika mas-Surmast Pacifiku Scicluna. Daqq l-ewwel darba mal-Banda *Duke of Edinburgh* fil-Ġimgħa l-Kbira tal-1948. Minn dakinhar 'l hawn, Giovann daqq ma' aktar minn 17-il banda madwar Malta, siefer diversi drabi ma' baned, u kien solista ma' diversi baned. Kien Giovann li għaqqad



għall-ewwel darba *piccola banda* biex iddoqq waqt il-purċissjoni tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina mill-*MUSEUM* sal-knisja, servizz li għadu jingħata sal-lum mill-Banda San Lawrenz. Fl-1968 Giovann daħal fil-Kumitat tal-Banda San Lawrenz bħala arkivista.

Bħala mastrudaxxa prim, Giovann għamel ħafna xogħol fil-Każin u fil-parroċċa ta' San Lawrenz, bl-għajnuna ta' ibnu Emanuel. Ħadem fuq il-bradelli tal-Ġimgħa l-Kbira, seba' vetrini għall-Oratorju ta' San Ġużepp, kif ukoll vetrina għat-tuniċella tal-vara titulari.

Mużikalment, Giovann ta ħafna lill-Birgu u lil San Lawrenz. Devot kbir ta' San Lawrenz, Giovann ħadem qatigħ biex il-Banda jaraha dejjem tikber billi ressaq diversi żgħażagħ lejn il-mużika. San Lawrenz, il-Każin, il-mużika u l-familja kienu l-egħżeż affarijiet f'ħajtu. Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem. ❒

GEORGE AGIUS

# Anton Attard (1936-2025): riċerkatur u storiku

Anton Attard twieled il-Birgu fil-5 ta' Diċembru 1936, bin Ġanni Attard u Teresa née Micallef, l-akbar u l-uniku tifel fost sitt aħwa. Fid-9 ta' Diċembru ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz. Meta kellu madwar tliet snin u nofs, bħal ħafna familji li kienu joqogħdu fil-Kottonera u fl-inħawi tal-Port il-Kbir, il-familja Attard kienet kostretta titlaq mill-Birgu u wara żmien qasir f'Raħal Ġdid u Ħal Qormi marru joqogħdu r-Rabat, fejn tista' tgħid li hu qatta' l-ewwel snin ta' tfulitu. Meta l-gwerra bdiet tmajna fl-1943, il-familja tiegħu rritornat lejn il-Birgu u, ta' seba' snin, beda jieħu l-ewwel edukazzjoni fl-Iskola Primarja tal-Birgu, li kienet fl-Armerija, u wara fil-Kulleġġ De La Salle, u mbagħad mar fl-Iskola Serafika fil-Furjana. Minn hemm kompla s-sekondarja fil-Kulleġġ De La Salle.

Fi tfulitu serva bħala abbati kemm mad-Dumnikani kif ukoll fil-knisja parrokkjali. Baqa' jattendi l-Mużew sa ma għalaq 16-il sena u wara daħal fl-Azzjoni Kattolika. Kien żagħżugħ sportiv u kellu mħabba kbira lejn il-futbol. Meta temm l-istudji tiegħu, daħal suldat mas-*2nd HAA Regiment* tar-*Royal Malta Artillery*. Aktar tard ġietu l-opportunità li jingħaqad ma' reġiment Ingliż bi prospetti mill-aħjar, iżda l-għarusa tiegħu, li aktar tard saret martu, ġegħlitu jagħżel. Anton għażel l-imħabba u, fil-5 ta' Ġunju 1960, iżżewweġ lil Doris Brown, u kellhom żewġ ulied: Twanny u Sammy. Wara li telaq minn suldat, daħal jaħdem bħala pustier sakemm irtira fil-grad ta' Uffiċjal Amministrattiv wara 39 sena servizz.



Qrib l-età tal-irtirar, ġietu l-ħajra li jibda jirriċerka fil-Bibljoteka Nazzjonali. Dan wasslu biex jibda jikteb u minn dakinhar 'il quddiem, ma ħarisx lura. Tul il-karriera tiegħu kiteb mijiet ta' artikli mxerrdin f'diversi pubblikazzjonijiet, l-aktar dwar l-istorja, it-tradizzjonijiet u l-festi Maltin. Xprunat mill-imħabba kbira li kellu lejn l-istorja tal-Beltna, kiteb għadd ta' artikli u kotba dwar din il-belt storika. Fl-2009 ġie onorat mill-Kunsill Lokali tal-Birgu bl-unur 'Ġieħ il-Birgu'. Hu ħadem ħafna fi ħdan is-Soċjetà Storiko-Kulturali tal-Belt Vittoriosa, fejn okkupa diversi karigi.

Anton ħalla din id-dinja fil-15 ta' Settembru 2025 u l-għada ngħata l-aħħar tislima fil-knisja ta' San Lawrenz. Tassew Anton m'għadux magħna, imma l-kitba tiegħu tibqa' tifkira ħajja tal-imħabba li kellu lejn l-istorja u lejn Beltna. Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem. ❒

ADRIAN VELLA

# Is-Surmast Paul Schembri: raġel li ddedika ħajtu għall-mużika

Is-Surmast Paul Schembri ħalla din id-dinja nhar il-Ħadd, 9 ta' Novembru 2025, wara ħajja sħiħa ddedikata għall-mużika u għall-iżvilupp tal-moviment bandistiku f'Malta. Kien magħruf bħala mużiċist ta' ħila straordinarja, kompożitur prolifiku u surmast rispettat li ħalla warajh wirt mużikali sinifikanti, li jibqa' jispira ġenerazzjonijiet ta' mużiċisti Maltin.

Mro Paul Schembri MISM, MIWM twieled Ħal Luqa fit-13 ta' Frar 1931, iben Joseph u Maria Carmela, née Costa. Ġej minn familja mużikali: missieru kien vjolinista prim, waqt li nannuh kien baritonu fit-Teatru Rjal. Minn età żgħira wera mħabba kbira lejn il-mużika u beda l-ewwel studji tiegħu mal-Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa. Ta' 12-il sena daqq fil-pubbliku biċċa diffiċli ħafna, *Un Concerto per Euphonium*. Kompla l-istudji mużikali tiegħu taħt is-surmastrijiet Anton Muscat Azzopardi u Prof Henry Galea. Aktar tard ingħaqad mal-Banda *King's Own*, fejn sar solista fuq l-*euphonium* u aktar 'il quddiem Assistent Surmast.
Matul il-karriera tiegħu serva bħala Surmast Direttur ta' diversi baned Maltin, fosthom il-Banda Vittoriosana San Lawrenz, il-Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa, il-Banda Melita tal-Imsida, il-Banda *Duke of Connaught's Own* ta' Birkirkara, il-Banda Santa Marija tal-Qrendi u r-*Royal Air Force Band* (Malta). Kien ukoll mistieden jidderieġi baned barranin, fosthom il-*Musselburgh Trades Brass Band* ta' *East Lothian*, fl-Iskozja.Mro Schembri ħalla warajh aktar minn 200 kompożizzjoni, fosthom marċi brijużi u funebri, valzi, sinfoniji u innijiet.



Il-kompożizzjonijiet tiegħu ndaqqu mhux biss f'Malta, iżda wkoll fir-Renju Unit, il-Kanada u l-Awstralja. Fl-1982, il-fantasija *Centenaria* rebħet *Diploma of Merit* f'kompetizzjoni mużikali f'Londra. Dan ix-xogħol tant kien apprezzat li ġibed l-attenzjoni wkoll tal-kompożitur magħruf Andrew Lloyd Webber, li kien jagħmel parti mill-ġurija.

Wara karriera twila, Mro Schembri rtira mill-kariga ta' Direttur tal-banda fl-2015 minħabba raġunijiet ta' saħħa. Nhar is-Sibt, 15 ta' Novembru 2025, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz, flimkien mal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, sellmu kif jixraq lill-eks Surmast tagħhom billi akkumpanjaw il-korteo funebri sal-knisja parrokkjali ta' Sant'Andrija, fejn saret il-quddiesa *praesente cadavere*. Mro Paul Schembri ddedika ħajtu għall-mużika u l-wirt tiegħu jibqa' ħaj fil-memorja kollettiva tal-bandisti Maltin. Agħtih, Mulej, il-paċi ta' dejjem fis-sema pajjiżna. ❐

roadshow

# Il-Birgu

**7am - 12:30pm:** Triq il-Ġublew tal-Fidda

**Kull nhar ta' Tlieta** | Every Tuesday

fuq il-monti







Plastik


Metall


Żejt tat-tisjir


Borom u taġnijiet


Bozoz u tubi


Ħwejjeġ


Basktijiet u żraben


Karti u kartun


Batteriji żgħar


Bottijiet tal-ispray


Żebgħa u solventi


Expanded polystyrene


Apparat elettroniku żgħir


Važetti u fliexken tal-ħġieġ




FRESH BY ELA

## Find us at Welbee's Supermarket

Shoreline Mall, Campus Hub, Sliema, Spinola, St.Venera, Paceville, Balluta, Mellieha, Naxxar, Qawra

Welbee's Shoreline Opening Hours

**Mon - Thur**
8:30am - 8.00pm

**Fri & Sat**
8.30am - 9.30pm

**Sunday**
8:30am - 8.00pm

Fresh picks. Everyday goodness.